# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€ 2 \ Lm 0.86c

Ottubru 2008 ✱ LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA ✱ Nru. 901




Qed taħseb biex tħalli
tifkira sabiħa ta'
l-għeżież tiegħek?
Julian Sultana & Co. Ltd.
jaf jaħsiblek biex twaqqaf
monument dekoruż u dejjiemi
ta' l-irħam jew tal-granit,
bi prezzijiet moderati
fuq il-qabar tal-familja tiegħek.
Meta f'Novembru
żżur iċ-ċimiterji t'Għawdex,
waqt li titlob għall-mejtin,
ara wkoll ix-xogħol sabiħ
fuq ħafna oqbra
magħmula minn
FAMILJA SULTANA
GANNI
1891-1972
ANGELA
1893-1977
DUN SALV
1918-1984
JS
Julian Sultana
& Co. Ltd.
Marsalforn Street, Xagħra, XRA 2705, Gozo.
Tel: 2155 7136 Fax: 2156 3743 Mob: 9949 3442
email: julians@vol.net.mt

IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 901*
*Ottubru 2008*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail*: gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
X'jgħidilna l-Isqof • 4
Tibda l-Missjoni Djoċesana • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Għawdex fil-Ġurnali • 15
Għawdex fil-Parlament • 16
Kummentarju (2) • 17
Il-Korsa taż-Żwiemel • 19
Kotba minn Għawdex • 20
Ilħna mill-bogħod (7) • 21
Speċjali Sena Pawlina (3) • 22
L-Identità ta' Għawdex (2) • 32
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (16) • 28
Snajja Qodma (13) • 30
Kummentarju (3) • 32
Xhieda Nisranija • 34
Għawdex "On-Line" (3) • 35
Għawdex Qabel ir-Ritratti (8) • 36
Għawdex 300 sena ilu (167) • 37
Passiġġata Biblika (39) • 38
Tieqa fuq l-Ambjent (6) • 40
Kummentarju (4) • 42
Intervista • 45
Ibża' għal Saħħtek • 47
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (13) • 50

**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Lynda Caton Roseblade, Ted Attard, Ministeru għal Għawdex, Charles Spiteri, u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Ħajr lil Lynda Caton Roseblade.*




# *Id-Divorzju Jagħmilna Kuntenti?*

*Inkunu niżbaljaw bl-ikrah jekk inqisu dak kollu li jagħmilna kuntenti bħala moralment sewwa u dak kollu li jdejjaqna bħala moralment ħażin. U dan nafuh. Iżda ħalli għall-grazzja ta' l-argument inqegħdu fil-ġenb din il-konsiderazzjoni.*

***Il-proposta favur id-divorzju ta' sikwit hi li dan irodd il-kuntentizza lil min ikun tilifha fiż-żwieġ.*** *Ħalli nanalizzaw din il-proposta fid-dawl ta' dati tar-riċerka serja dwar is-suġġett għaliex x'aktarx l-aljenazzjoni li qed nitrawmu fiha ma tħalliniex nintebħu bil-gwaj li għaddejjin minnu pajjiżi oħra fejn id-divorzju ilu li daħal u qabad lis-soċjetà bħal qarnita-dinosawru li ma jistgħux jeħilsu minnha.*

*Riċerka fuq skala nazzjonali fl-Istati Uniti sabet li 86 fil-mija ta' dawk li ma kinux kuntenti fiż-żwieġ iżda baqgħu flimkien, meta reġgħu ġew intervistati ħames snin wara, stqarrew li issa kienu "kuntenti" jew "kuntenti ħafna" fiż-żwieġ tagħhom.*[1] *B'kuntrast, riċerka oħra sabet li dawk li fir-relazzjoni tagħhom ifittxu s-sodisfazzjon personali b'rabta li mhix soda u kostanti għandhom probabbiltà wisq akbar li ma jibqgħux ma xulxin.*[2] *U m'għandix nifhem li dan jiġri għaliex ikunu sabu l-kuntentizza flimkien!*

*Dan kollu jfisser li* ***aktar tista' tinstab il-kuntentizza fiż-żwieġ dejjiemi milli f'rabtiet mhux daqstant impenjattivi għalkemm forsi, għal xi waqtiet, aktar romantiċi u passjonali.*** *Dan ifisser ukoll li d-divorzju jista' joffri soluzzjoni faċli, imma fiergħa, lill-miżżewġin meta xi darba jinħakmu f'sitwazzjoni diffiċli fiż-żwieġ tagħhom - sitwazzjoni li tkun tista' mhux biss tissewwa, imma, b'impenn ġenwin, tikkonsolida l-imħabba bejniethom. Il-liġijiet favur id-divorzju jdgħajfu dan l-impenn għaliex jistgħu, sa mill-jum tat-tieġ, iqegħdu lill-għarajjes, koxjentement jew inkoxjentement, fl-atteġġament ta' riżerva mentali.*

*L-ulied tad-divorzju, imbagħad, iġarrbu diffikultajiet emozzjonali fit-tfulija, fiż-żgħożija u saħansitra wkoll meta jikbru. Sinifikattiv il-fatt li t-tfal tad-divorzju jkollhom probabbiltà akbar li ż-żwieġ tagħhom ma jirnexxix u għaldaqstant jipprepetwaw iċ-ċiklu – "żwieġ-divorzju".*[3] *F'dan is-sens, id-divorzju jintiret.* ***Ġenerazzjoni ta' divorzjati tiġbed warajha ġenerazzjoni oħra bħalha. Għaldaqstant, ir-responsabbiltà tal-leġiżlaturi hija enormi.***

*Id-divorzju la jagħmel hekk lill-kbar u lanqas liż-żgħar. Mela fejn hi l-kuntentizza li suppost iġib miegħu?*

**Joseph W. Psaila**

*Referenzi:*

(1) Popenoe, D. (2002). *National Marriage Project*, Rutgers University (p.421)
(2) Campbell, W.K. & Foster, C. A. (2002) *Narcissism and Commitment in Romantic Relationships: An investment model analysis. Personality and Social Psychology Bulletin*, 28, (p.421)
(3) Wolfinger, N.H. (2003) *"Family Structure Homogamy: The Effects of Parental divorce on Partner Selection and Marital Stability"* Social Science Research, 32, 80 – 97.

## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Ngħinu fit-tisħiħ tal-familja



*Siltiet mill- Omelija ta' l-E.T. l-Isqof Mario Grech fil-Pontifikal tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Qala - il-Ħadd 3 ta'Awwissu 2008*

**"Il-familja hija riżorsa deċiżiva għall-progress tas-soċjetà, u għalhekk f'din is-siegħa, meta għaddejja diskussjoni pubblika dwar il-familja, huwa dmir tagħna li ngħinu fit-tisħiħ tal-familja.**

Għall-poplu Malti l-familja għadha l-għożża tant li kull meta tinqala' xi problema serja fil-familja, il-familja estiża kollha tkun preokkupata. Fl-istess waqt ma nistgħux ninjoraw it-tibdil profond fil-mentalità ta' żmienna li jistimulana biex nistaqsu jekk nistgħux nitkellmu minn familja li l-identità tagħha hija bbażata fuq karattri fondanti li ssibhom f'kull ċiviltà u kultura. L-antropologu Levi Strauss jiddeskrivi l-għaqda bejn raġel u mara flimkien ma' wliedhom bħala "fenomenu universali preżenti f'kull tip ta' soċjetà" – kunċett attwali li diffiċli li jkun miċħud raġjonevolment.

Il-Maġisteru Soċjali tal-Knisja jikkonferma dak li jgħidu l-antropoloġi u s-soċjoloġi dwar iż-żwieġ u l-familja. Infatti l-Konċilju Vatikan II jafferma li "l-ġid tal-familja u tas-soċjetà umana u Kristjana huwa relatat ħafna ma' esperjenza feliċi fil-komunità konjugali u familjari". Fl-enċiklika *Centesimus annus* il-Papa Ġwanni Pawlu II jgħid li **"il-familja hija struttura primarja u fundamentali li tiffavorixxi l-ekoloġija umana billi tgħin lill-bniedem jikseb għarfien ta' x'inhu veru u x'inhu tajjeb, partikularment xi tfisser tkun persuna."** Il-Papa Benedittu XVI jisħaq li l-ambitu privileġġat fejn kull persuna titgħallem tagħti u toffri l-imħabba hija l-familja.

Il-familja għandha forza drammatika biex wieħed jikseb l-identità personali, kemm minħabba r-rabta mal-koppja ġenerattiva kif ukoll minħabba r-rabta ġenejoloġika ma' razztu. Ħafna drabi dak li wieħed hu, jiddependi mill-appartenenza tiegħu għal familja partikulari.

**Huwa fatt li llum għandna sitwazzjonijiet fejn in-nuqqas ta' ġenitur fil-familja qed iċaħħad lil persuna milli tagħraf l-identità proprja tagħha.** Każ tipiku huwa meta tarbija titwieled barra miż-żwieġ, bir-riskju li ma tkunx rikonoxxuta mill-missier. Huwa trawmatiku għal persuna li tgħix bil-ħsieb li missierha ma jridhiex. Sitwazzjoni kritika oħra tirriżulta għall-ulied ta' koppji separati u divorzjati. **Studji soċjoloġiċi jikkonfermaw li l-aktar problema serja għal dawn l-ulied hija meta tonqoshom iċ-ċertezza fundamentali marbuta mal-għaqda mal-ġenituri naturali tagħhom.**

Għalhekk wieħed bid-dmir jistaqsi jekk illum is-soċjetà hijiex trewwaħ biex ċerta mġieba, ċerti stili tal-ħajja u mudelli ta' ħajja miżżewġa li joħolqu dawn is-sitwazzjonijiet diżastrużi, ikunu proposti bħala mod ordinarju tal-ħajja!"

# Żwiġijiet li ma jirnexxux - ġerħa għall-Knisja

*Siltiet mill- Omelija ta' l-E.T. l-Isqof Mario Grech fil-Pontifikal tal-Festa ta' San Lawrenz - il-Ħadd 10 ta'Awwissu 2008*

"Bħal Kristu, il-Knisja ma tistax ma tagħmilx għażla preferenzjali favur il-foqra. Il-fqir huwa dak li ħajtu hija mhedda għax minħabba l-faqar tiegħu jmut qasir il-għomor. Dan japplika mhux biss fil-każ tal-faqar materjali imma wkoll fil-każ tal-faqar reliġjuż u dak morali, preżenti fis-soċjetà tagħna.

Wieħed japprezza l-fatt li l-poplu tagħna huwa ġeneruż ħafna meta jagħmel karità biex jgħin lil dawk li m'għandhomx x'jieklu jew x'jilbsu.

**L-injoranza reliġjuża hija l-kawża tal-faqar reliġjuż. Sfortunatament hemm min, anke fil-Knisja, jippretendi li jaf min hu Kristu, imma l-għarfien tiegħu huwa limitat ħafna jekk mhux ukoll żbaljat. Għalhekk urġenti li ssir mill-ġdid il-proposta tal-Evanġelju, kemm "fil-knisja", kif ukoll "fit-toroq u fil-pjazez" biex kulħadd, dawk fil-qrib u dawk fil-bogħod, ikollhom il-possibbiltà li jixtarru l-Bxara t-Tajba u jiltaqgħu ma' Kristu.**

Anke dawk li huma foqra moralment għax ma jirnexxilhomx jgħixu skond prinċipji tal-etika naturali jew tal-morali Kristjana, għandhom isibu kenn, għożża u għajnuna fil-komunità Nisranija. Fost dawn hemm dawk il-persuni li l-ewwel żwieġ tagħhom falla. **Il-ferita tagħhom hija l-ġerħa tal-Knisja.** Xi drabi l-faqar tagħhom jirrifletti l-faqar tal-Knisja. Għax quddiem id-drammi umani ta' żwiġijiet li żarmaw, il-Knisja għandha tistaqsi lilha nfisha jekk lil dik il-koppja għenithiex biżżejjed fit-tħejjija għaż-żwieġ; il-Knisja għandha tistaqsi jekk akkumpanjatx mill-qrib lil dik il-koppja jew dik il-familja, partikularment fl-ewwel snin tal-ħajja miżżewġa! **Lil dawk il-persuni li huma separati u daħlu f'relazzjoni stabbli oħra, il-komunità Nisranija ma tistax turihom il-bieb ta' barra!** Għalkemm dawn ma jistgħux jirċievu l-Ewkaristija, xorta huma mħeġġin jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija biex flimkien mal-komunità jisimgħu l-Kelma t'Alla, jaduraw lil Ġesù preżenti fl-Ewkaristija u jitolbu lill-Ispirtu s-Santu jgħinhom jgħixu bil-fedeltà l-Kelma t'Alla.

**Il-foqra huma stedina għall-konverżjoni lil dawk li huma responsabbli mill-kawżi li joħolqu l-faqar u ma jagħmlu xejn biex itaffuh."**

# L-Edukazzjoni tal-bniedem sħiħ

*Siltiet mill- Omelija ta' l-E.T. l-Isqof Mario Grech fil-Pontifikal ta' Santa Marija, Żebbuġ - il-Ħadd 24 ta'Awwissu 2008*

"F'epoka meta mhumiex ftit dawk li qed jaqtgħu qalbhom mill-futur, hemm bżonn inkunu aktar konvinti li l-ġejjieni tal-bnedmin qiegħed f'idejn dawk li għandhom il-ħila jagħtu lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin raġunijiet ta' ħajja u ta' tama. Dan is-servizz jista' u għandu jingħata minn dawk involuti fil-proċess edukattiv tal-ġenerazzjoni tal-lum għax mill-edukazzjoni li tingħata tiddependi l-kwalità ta' ħajja tal-persuna u tas-soċjetà.

**Edukazzjoni akkademika jew tal-moħħ** hija indispensabli biex persuna tikseb ħiliet li bihom tista' ttejjeb il-livell tal-ħajja tagħha. Fejn din l-edukazzjoni hija traskurata, hemm il-faqar materjali u kulturali.

Hemm ukoll **l-edukazzjoni affettiva jew tal-qalb**, biex il-bniedem jitgħallem iħobb tassew. Billi min-natura tiegħu l-bniedem huwa egoista, jista' jħobb b'mod żbaljat. Infatti għalkemm is-sesswalità umana hija lingwaġġ tal-imħabba, jista' jiġri li s-sesswalità tkun mifruda mill-imħabba awtentika u ma tibqax attività umana. **Id-diskors dwar is-sesswalità huwa delikat ħafna għax faċli li l-imġieba sesswali ssir mezz ta' manipulazzjoni tal-persuna l-oħra. Għax għandna *vacuum* fl-edukazzjoni sesswali vera, niltaqgħu ma' persuni u koppji frustrati, u ma tfal imwielda barra mill-kuntest tal-imħabba.**

Hemm imbagħad **l-edukazzjoni tar-rieda**, għax ħafna drabi nsibu ruħna li qed nagħmlu dak li ma rridux nagħmlu. Nuqqas ta' rieda soda u determinata twassal lill- bniedem jagħmel għażliet mhux f'posthom u ma jkunx kapaċi jżomm l-impenji li jidħol għalihom, bħal ma huwa fil-każ taż-żwieġ u l familja.

Il-bniedem, barra li għandu moħħ, qalb u rieda, għandu wkoll ruħ u għalhekk jeħtieġ **edukazzjoni spiritwali** li tgħinu jinfetaħ għall-valuri assoluti u fuq kollox għal Alla.

**Il-familja hija l-ewwel u l-aqwa aġent f'dan il-proċess edukattiv. Ħadd u xejn ma jista' jissostitwixxi l-familja mill-kontribut li tista' tagħti fil-formazzjoni tal-ulied. Għalhekk investiment fl-edukazzjoni jissarraf f'investiment f'familja stabbli u b'saħħitha.**

Id-devozzjoni vera lejn **Marija, edukatriċi tal-komunità Nisranija**, għandha tgħin lin-Nisrani jgħaddi dawn il-valuri lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

# L-Istorja tinkiteb mingħajr Alla?

*Siltiet mill- Omelija ta' l-E.T. l-Isqof Mario Grech fil-Pontifikal tal-Festa ta' Marija Bambina, fix-Xagħra - il-Ħadd 8 ta' Settembru 2008*

**"Kull jum qed tinkiteb l-istorja ta' ġensna. Aktar minn kronoka ta' ġrajjiet, l-istorja hija t- traduzzjoni ta' viżjoni spiritwali u morali tar-realtà fl-esperjenza. Meta wieħed jażżarda jmiss dawn il-valuri, ikun qed jattakka l-integrità ta' dan il-poplu u jikteb storja sewda.**

Wieħed jinnota li hawn min għandu r-rieda li l-istorja tal-lum tkun f'kontinwità ma' dik tal-bieraħ; hawn min irid inissi l-istorja tal-bieraħ u jibda storja ġdida; u hawn min irid jikteb l-istorja mingħajr ebda riferiment għal Alla.

**Dawk fostna li juru simpatija mas-sekulariżmu u l-lajċiżmu tajjeb jiftakru li meta l-istorja titfassal mingħajr Alla, din tkun storja kontra l-bniedem.** Il-pluraliżmu fl-għażliet temporali huwa tajjeb; imma ma nistgħux inċedu għall-pluraliżmu etiku u morali. Dan ikun ta' detriment għall-ħajja demokratika li teħtieġ fundament solidu msawwar minn prinċipji etiċi li m'humiex negozjabbli.

F'dan il-kuntest ma jagħmilx sens li l-Kattoliċi, partikularment dawk impenjati fis-settur pubbliku, jibqgħu assenti jew siekta meta huma mhedda dawn il-valuri lajċi. **F'sitwazzjoni bħal din, mhix il-Knisja li tinsab fil-periklu, imma l-futur tal-bniedem u d-demokrazija.**

Il-poplu t'Alla llum huwa msejjaħ jieħu sehem attiv fin-nisġa tal-istorja ta' pajjiżna billi jiddefendi "ir-raġuni umana". Ir-relativiżmu jeħtieġ id-dawl tar-"raġuni", meqjusa bħala dik il-fakultà biex il-bniedem jagħraf il-veru. Ċiċerun jgħallem li teżisti liġi li hija "ir-raġuni retta". Din tinsab fin-natura, f'kull bniedem u hija immutabli u eterna, u l-preċetti tagħha jobbligaw. Temi importanti bħalma huma l-ħajja umana, il-persuna, iż-żwieġ u l-istat, wieħed isibhom fis-"senduq tar-raġuni".

F'soċjetà pluralistika bħal tagħna hawn min isostni li hija arroganza li wieħed jissuġġerixxi li l-verità morali marbuta ma' twemmin partikulari għandha ddawwal l-ordinament ċivili li huwa validu għal kulħadd! **Kif jista' jeżisti l-fundamentaliżmu reliġjuż, raġunament bħal dan huwa fundamentaliżmu intellettwali! Jekk huwa gravi li fl-ordinament pubbliku jidħru għażliet etiċi reliġjużi, daqstant ieħor huwa gravi li kull pożizzjoni tan-Nisrani tiġi ttimbrata bħala "għażla konfessjonali" u għalhekk tiġi meqjusa bħala għażla privata!**

Kif seħħ fl-imgħoddi, hekk ukoll illum il-Knisja tibqa' toffri s-sehem tagħha fin-nisġa ta' din l-istorja ta' pajjiżna bix-xandir tal-Verità..."

# Tibda l-Missjoni Djoċesana...




*A. Introduzzjoni:*

Wara riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla, kif ukoll fuq is-sitwazzjoni reliġjuża tad-djoċesi, l-Isqof flimkien mal-equipe pastorali, il-Kulleġġ tal-Kappillani, eċċ, ħaseb biex fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina iniedi Missjoni Djoċesana.

*B. L-Iskop:*

a. Biex l-insara tal-gżira ikollhom l-opportunità li jerġgħu jgħixu l-ġrajja tax-xandir tal-Aħbar it-Tajba mwassla minn Pawlu.

b. Biex jerġgħu jagħrfu s-sbuħija tal-ħajja tad-dixxipli ta' Ġesù.

c. Biex jerġgħu jagħżlu b'kon-sapevolezza u rieda li jħobbu lil Ġesù, jieħdu sehem aktar attiv fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u jkomplu l-formazzjoni nisranija tagħhom.

*C. F'hiex tikkonsisti:*

1. Mill-5 ta' Ottubru sal-5 ta' Diċembru – **Żmien ta' Smigħ u Formazzjoni**
   a. Ftuħ tal-Missjoni u tal-Fażi Formattiva – fl-10 ta' Ottubru.
   b. Kull parroċċa toffri numru ta' Lajċi li jistgħu jkunu missjunarji.
   c. Isiru serje ta' 9 laqgħat ta' preparazzjoni, waħda djoċesana u l-oħra parrokkjali.
2. Mill-4 sal-25 ta' Jannar – **Żmien ta' Missjoni u Tħabbira**
   a. Liturġija tal-Mandat: 4 ta' Jannar 2009.
   b. Il-lajċi ffurmati, tnejn tnejn, jiġu mibgħuta fil-familji, biex iwasslu l-aħbar sabiħa ta' Ġesù Salvatur.
   c. Il-Missjoni ssir fil-parroċċi kollha fuq bażi ta' tliet ġimgħat.
3. Mill-25 ta' Frar sal-5 ta' April – **Żmien ta' Konverżjoni u Ċelebrazzjoni**
   a. L-eżerċizzi tar-Randan ikunu marbutin mal-Missjoni.
   b. Isiru ċelebrazzjonijiet djoċesani u parrokkjali marbuta mal-Missjoni
4. Mit-12 ta' April sat-30 ta' Mejju – **Żmien ta' Ringrazzjament u Proposti**
   a. It-tberik ikompli jwettaq il-preżenza ta' Ġesù fil-familja, mibdija mill-missjunarji.
   b. Il-kappillan jista' jipproponi lill-familji okkażjonijiet konkreti ta' katekeżi, fejn dawn jistgħu jkomplu jikbru fil-mixja tal-fidi.

*D. Biex il-Missjoni tkun possibli:*

1. It-talb: Il-Missjoni titwieled fit-talb, titwettaq fit-talb u twassal għat-talb.
2. Is-sehem tal-Kappillan, Saċerdoti u Reliġjużi.
3. Is-sehem tal-lajċi (speċjalment dawk impenjati).
4. Strutturi djoċesani u parrokkjali.

*E. Frott tal-Missjoni:*

1. Hija okkażjoni oħra biex inħaddmu l-ministeri tagħna bi spirtu ekkleżjali f'għaqda mal-Isqof u mal-Knisja f'Għawdex.
2. Aktar nies fil-parroċċi tagħna iħossu l-bżonn li jieħdu sehem attiv fl-Ewkaristija tal-Ħadd u fil-laqgħat tal-formazzjoni.
3. Aktar lajċi jkunu jistgħu jgħixu l-karriżmi tagħhom bħala ministeru fil-Knisja u biex jgħinuna fil-formazzjoni nisranija tat-tfal, żgħażagħ u adulti.

***Dun Giovanni Curmi***

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Kummentarju (1)*



# Skarsa l-Melħ!

*kitba ta'* DUN ANTON SULTANA

**Das-sajf ħarist ħafna u flejt is-soċjetà madwari. Kont kurjuż, nammetti. Irriflettejt u ndunajt li... skarsa ħafna l-melħ! Ta' spiss ukoll ġew f'moħħi dawk l-erba' kelmiet li darba Ġesù qal: "Tajjeb il-melħ! Imma jekk il-melħ jitlef imluħitu, biex tistgħu tagħtuh it-togħma mill-ġdid? Qisu li jkollkom il-melħ fikom biex tgħixu fis-sliem" (Mk 9:50; ara ukoll Mt 5:13 u Lq 14:24). Fiha x'tomgħod din! Mielħa sew!**

## *X'melħ hu?*

Hekk staqsietni Antonella, waħda tfajla li qegħda tistudja bis-serjetà l-Bibbja: "Father, dak x'melħ hu li jsemmi Ġesù?... Ma nistgħax nifhem x'ried jgħid!" Kont se ngħidilha: Ħares madwarek lejn in-nies fil-pjazza u tifhem! Imma żammejt ilsieni... Minflok, fissirtilha x'inhu l-melħ u għalfejn nużawh; urejtha kif u għaliex Ġesù ried juża din it-tixbiha biex ifehmna kemm jeħtieġ li nibżgħu għat-tajjeb li hemm fina biex ma nitilfuhx, u kif aħna msejħin biex inkunu "bħal" melħ tajjeb biex intejbu d-dinja...

Bqajt naħseb fuq dan il-melħ, u ftakart fi tliet sentenzi oħra ta' bnedmin li tassew kellhom ħafna "melħ" f'rashom. U kkonkludejt li hemm tliet kwalitajiet ta' melħ li jagħmlu lill-bniedem tassew san u matur, kif jixtiequ jkun il-Ħallieq. Liema huma?

## *1. IL-MELĦ TA' L-GĦAQAL*

Proverbju antik Ċiniż jgħid hekk: **"Il-melħ ġo moħħok jagħmlek għaqli; u z-zokkor ġo qalbek jagħmlek iblah".** Fi kliem ieħor, altru tgħix bid-dehen u l-għaqal, u altru skond il-ġibdiet ta' qalbek. Altru "x'jaqbel" u altru "x'nixtieq"! Mhux ta' b'xejn id-dinja mimlija "boloh", forsi aħjar ngħidulhom "msieken"! Nies imkaxkra mal-kurrenti tal-passjonijiet, jehdew f'xalar bla limiti, jonfqu bl-addoċċ kull ewro li jkollhom, jimxu mal-moda bla rażan, u jinqabdu f'kull xorta ta' vizzji... Nies li moħħhom jirraġuna hekk: "Aħjini llum u oqtolni għada! Ħallini ngħix ħajti ! Illum tiegħi u għada mhu ta' ħadd !..." Fejn jonqos il-melħ ta' l-għaqal, tidħol il-bluha. Insiru bħall-mogħoż ta' Bendu f'ġirja waħda lejn il-qerda, f'soċjetà mħassra u bla kontroll: "Għax kulħadd hekk qed jagħmel!"...

## *2. IL-MELĦ TAS-SENS KOMUN*

**"Aħjar tittiekol minn barra mill-melħ tal-provi, milli tissaddad minn ġewwa fl-għażż u l-fsied"**, kien iħobb jgħidli l-maħbub u qatt minsi Dun Mikiel Attard, saċerdot qaddis li mexxa lil ħafna bil-melħ tal-Vanġelu. Altru martell mittiekel bl-użu frekwenti, u altru ieħor ġdid imma msaddad għax qatt ma ntuża! Dan veru sens komun. Imma anke dan il-melħ qed jiskarsa ħafna fis-soċjetà ta' llum! Kieku ma tarax u ma tismax b'tant nies li jaħlu ħajjithom fil-għażż, jitħaddtu bla sens, jiftaħru bil-ġenn u l-blugħat tagħhom, jiġġieldu u jisseparaw fuq ċuċati, jiddejnu għal kapriċċi, u jberbqu l-paga ta' ġimgħa xogħol f'weekend wieħed! Aħjar ma nsemmix aktar nuqqas ta' melħ f'dik li qed tissejjaħ "life-style"...

## *3. IL-MELĦ TAL-KUXJENZA*

**"Anke jekk il-melħ taż-żmien qed jherrilek ħajtek u saħtek, titlifx il-melħ tal-Verità ta' Kristu li ħżint fil-fond ta' qalbek"**, kien iħobb jgħid Fr. George Maloney S.J. fl-irtiri kontemplattivi li kien jagħti f'*Orange County*, California. Dan hu l-melħ tal-valuri nsara, tal-kuxjenza nisranija, tal-konvinzjoni f'dak li nemmnu... Hu l-melħ "li pajjiżna tant jeħtieġ" kif qalu l-Isqfijiet tagħna fl-Ittra Pastorali tas-Sena Pawlina, anke jekk flok "melħ" użaw il-kelma "ħmira". Is-sens u l-messaġġ huma l-istess, kif fissirhom tajjeb ħafna l-editur fl-aħħar editorjal ta' din ir-rivista.

**Tgħid il-fidi tagħna l-Maltin u l-Għawdxin qed titlef l-imluħa tagħha?** Qed jiskarsaw valuri tajba, prinċipji morali sodi, kuxjenza nisranija? Jaqaw kollox sar, tajjeb jew ħażin, jgħaddi? Jaqaw ir-reliġjon bdiet tintrifes taħt saqajn in-nies (ara Mt 5:13)? **Jaqaw għal ħafna saret tfisser biss festi, piki, privileġġi, titli u unuri, daqq ta' qniepen u tfaqqiegħ ta' murtali?!**

Jekk iva, il-melħ tal-fidi ilu jitlef it-togħma vera tiegħu. **Sirna folkloristiċi aktar milli evanġeliċi. In-nar tal-Vanġelu biss jista' jerġa' jtejjeb lis-soċjetà tagħna... "Għax kulħadd għandu jkun immellaħ bin-nar" (Mk 9:49)**, qal l-Imgħallem. Mhux għal xejn neħtieġu "Missjoni Djoċesana"... anke għal għaxar snin!

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Rebbieħa tal-Unur Prestiġjuż "European Destinations of Excellence"*

Il-Fondazzjoni Folkloristika "Ta' Klula" mwaqqfa fil-*Hamlet* ta' Santa Luċija, rnexxielha tirbaħ l-unur prestiġjuż *"European Destinations of Excellence 2007-2008"*. Dan permezz tal-organizzazzjoni ta' diversi attivitajiet tradizzjonali u folkloristiċi li jiġu mtellgħa minn żmien għal żmien, fosthom il-festival tal-inbid "Bis-Saħħa" li jsir f'Ġunju, l-"Ikla tan-Nanna" li ssir fl-aħħar ta' Lulju, u l-"Festival tad-Dawl" marbut mal-festa ta' Santa Luċija f'Diċembru.



*Re-enactment ta' tieġ tar-raħal kif kien isir fl-imgħoddi, l-għarusa, il-ġenituri, id-daqqaqa, il-mistiedna, eċċ. waqt l-Ikla tan-Nanna.*

Il-preżentazzjoni taċ-ċertifikat sar l-Erbgħa 9 ta' Lulju, fis-Sala David Bruce ta' Dar il-Mediterran għal Konferenzi, l-Belt, mis-Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu Dr. Mario De Marco, fil-preżenza tas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said. Il-preżentazzjoni saret lis-Sindku ta' Kerċem Joe Grima u lir-rappreżentanta tal-Fondazzjoni Folkloristika "Ta' Klula" Ms. Carmen Bellamy.



*Waqt il-preżentazzjoni ta' l-Unur lill-Fundazzjoni Folkloristika ta' Klula. Mix-xellug għall-lemin jidhru Celestina Agius, Joe Grima, Sindku ta' Kerċem, Dr. Chris Said u Dr. Mario de Marco, Segretarji Parlamentari.*

L-unur ser jiġi ppreżentat f'Bordeaux fi Franza f'Settembru li ġej waqt il-*European Tourism Forum* organizzat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Fundazzjoni Folkloristika ta' Klula rat il-bidu tagħha f'Jannar tas-sena 2006 minn ħames residenti mill-*hamlet* ta' Santa Luċija. L-għan ewlieni kien li jpoġġu lil dan ir-raħal żgħir fuq il-mappa. Dan isir billi din l-għaqda tippromwovi l-istorja, il-kultura, it-tradizzjonijiet u l-wirt tal-*hamlet* ta' Santa Luċija. Il-membri fundaturi tal-Fondazzjoni Folkloristika "Ta' Klula" huma, Carmen Bellamy, Joseph Bugeja, Austin Camilleri, Joseph Mizzi u Alfred Stellini. Żmien wara ngħaqdet mal-kumitat Celestina Agius. Wieħed ma jridx iħalli barra lil dawk il-persuni, xi drabi aktar minn mija, li ħafna drabi jmiddu jdejhom biex jiġu organizzati l-attivitajiet ta' din il-għaqda.

Id-diversi attivitajiet organizzati jiġbdu lejn dan ir-raħal numru kbir ta' nies. Lil dawk li jżuru dan ir-raħal żgħir fil-Lbiċ ta' Għawdex jiġu murija d-djar antiki li għadhom jeżistu u jiġi rrakkontat lilhom l-istorja mill-aktar antika ta' dan ir-raħal, biex b'hekk iduqu ftit mit-tradizzjonijiet u l-kultura ta' l-iżgħar raħal. Santa Luċija hi fost l-aktar irħula antiki ta' Għawdex.

## *Proġett estensiv ta' restawr għaċ-Ċittadella*

Il-fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella fis-snin li ġejjin ser igawdu minn proġett ta' restawr ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Dettalji dwar dan il-proġett ingħataw waqt laqgħa pubblika li saret fuq id-demi bastjun ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella, nhar it-Tlieta 29 ta' Lulju, fis-7.30 ta' filgħaxija.

Dr Stephen C. Spiteri, Suprantendent tal-Fortifikazzjonijiet fit-Taqsima tar-Restawr tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, tkellem dwar l-



*Waqt il-laqgħa pubblika fiċ-Ċittadella.*



*L-istat tas-swar taċ-Ċittadella.*

importanza taċ-Ċittadella bħala l-fortifikazzjoni ewlenija ta' Għawdex u r-rwol tagħha fid-difiża ta' Għawdex. Il-Perit Ivana Farrugia responsabbli minn xogħlijiet ta' Restawr fid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp tal-Ministeru għal Għawdex spjegat kif ser ikun imqassam il-proġett u f'hiex ser ikun jikkonsisti x-xogħol.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono qalet li dan huwa proġett importanti għall-preservazzjoni u r-restawr taċ-Ċittadella u huwa l-ewwel darba li meded kbar tas-swar tagħha ser jiġu restawrati. Hija qalet li l-fondi allokati għal dan il-proġett huma parti mill-fondi Ewropej allokati għall-perjodu 2007-2013 u li minnhom il-Gvern intrabat li jalloka 10 fil-mija speċifikament għal Għawdex.

Il-Ministru għar-Rizorsi u Affarijiet Rurali, George Pullicino, waqt id-diskors tiegħu, tkellem dwar il-proġett ħolistiku ta' restawr ta' madwar 135,00 metru kwadru ta' faċċati ta' swar fuq tul ta' madwar 6 km ta' fortifikazzjonijiet f'Malta u Għawdex, u li se jiswa madwar 36 Miljun Ewro.

## *Minn Għawdex għall-Mosta*

Il-magħruf pittur Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi, għadu kif lesta xogħol ta' pittura għaż-żewġ Każini tal-Banda tal-Mosta, jiġifieri dak tas-Soċjetà Santa Marija u dak tas-Soċjetà Nicolo' Isouard.

Aktar tagħrif ksibnih mingħandu meta nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju, żorna l-*istudios* tiegħu fi Triq Sir Luigi Camilleri, ir-Rabat, waqt l-aħħar rtokki fuq dawn l-opri artistiċi li ser iżejnu s-soqfa tas-swali prinċipali tal-imsemmija każini taż-żewġ soċjetajiet.

Fil-Każin tal-Banda tas-Soċjetà Santa Marija se jiġi nawgurat kwadru kbir, fil-qies ta' 29 bi 11-il pied, li s-suġġett prinċipali tiegħu huwa l-Konvoj ta' Santa Marija, fil-parti tan-nofs. Id-dekorazzjoni tal-istess kwadru hija kollha kemm hi pittura sew monokromatika u sew bil-kulur.



*Il-Pittur il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi, fl-istudios tiegħu waqt ix-xogħol artistiku li kien qed jagħmel fuq il-kwadri għall-każini tal-banda tal-Mosta.*

Filwaqt li f'dak tal-Banda Nicolo Isouard, l-istess pittur Camilleri Cauchi kien responsabbli wkoll għal xogħol ta' pittura fis-saqaf tas-sala prinċipali. Ix-xogħol jikkonsisti f'erba' kwadri li jirrappreżentaw episodji mill-istorja tal-Mosta jiġifieri l-Konsagrazzjoni tal-Knisja; l-Kungress Ewkaristiku tal-1913; il-Miraklu tal-Bomba tal-1942 u l-Inkurunazzjoni tat-Titular. Se jiżżanżnu wkoll 4 *portraits* tal-Papa San Piju X, il-Papa Pawlu VI, l-Arċipriet Girgor Borg u l-fundatur tas-Soċjetà Mużikali Ġanni Azzopardi

## *Wirja tal-Ħut f'Għawdex*

Il-ħames edizzjoni tal-wirja tal-ħut mtella' f'Għawdex mill-Għaqda tat-Trobbija tal-Ħut saret fis-sala prinċipali tal-Liceo Ninu Cremona, ir-Rabat, Għawdex, bejn l-14 u s-17 t'Awwissu.

Il-ftuħ uffiċjali sar il-Ħamis 14 t'Awwissu filgħaxija fejn il-President il-ġdid tal-Għaqda, Charles Grima għamel l-ewwel diskors tiegħu. Mistieden għall-ftuħ kien hemm ukoll rappreżentant tal-*Bank of Valletta*, George Scerri, li għamel ukoll diskors tal-okkażjoni.



*Charles Pisani li ġie fl-ewwel post fil-Wirja tal-Ħut jidher flimkien ma' ibnu Kristin ta' sitt snin jammiraw l-akkwarji bil-ħut li daħħlu għall-wiri.*

Ħdax-il membru mill-Għaqda pparteċipaw b'total ta' 22 akkwarju. Is-Sibt, il-ġurija magħmula minn Adrian Puglisevich u Martin Vassallo għamlu l-għażla tagħhom skond il-kwalità tal-ħut u l-arranġament ta' l-akkwarji. Din is-sena kien hemm varjetà ta' ħut, kemm żgħar bħal-*Endlers* u *Guppies* sa ħut kbir bħal *Oscars* u *Quetzal cichlids*. Charles Pisani minn Sannat ħa l-ewwel premju b'par *Discus* fil-waqt li Fr. Gerard Buhagiar ħa t-tieni post bil-frieħ tat-*Tropeus duboisi* u tat-*Tropheus moori*. It-tielet post inqasam bejn Robert Bajada bix-*Shubunkins* u George Scerri bl-*Angelfish*.

Xi ħaġa ġdida għal din is-sena kienet il-kompetizzjoni tal-*posters* li ttellgħet bejn il-membri tal-Għaqda, Maltin u Għawdxin. Min mill-membri xtaq jieħu sehem kellu jipprepara *poster* sabiex, jekk dan jintagħżel, jintuża bħala promozzjoni għaż-żewġ wirjiet li jsiru, waħda f'Għawdex u l-oħra f'Malta. Iż-żewġ *posters* magħżula kienu t-tnejn ta' Fr. Gerard Buhagiar li rebaħ 100 Ewro prodotti tal-ħut. Għal aktar tagħrif jew mistoqsijiet fuq iż-żamma tal-ħut wieħed jista' jżur il-*website* tal-Għaqda, li hija *www.maltaaquarist.com*.

## Mixja ta' Fidi mal-Madonna ta' Lourdes fl-Mġarr



*Il-Pellegrinaġġ fi triqtu lejn il-Grotta ta' Lourdes. U proprju hawnhekk il-pellegrini jidhru fit-triq prinċipali ta' l-Mġarr.*

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Lourdes, il-parroċċa t'Għajnsielem, nhar it-Tnejn 18 t'Awwissu, filgħaxija, organizzat pellegrinaġġ Marjan *Aux Flambeaux* fl-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, mill-Knisja Parrokkjali għall-Grotta tal-Madonna ta' Lourdes, li tmexxa mill-Arċipriet il-Kanonku Frankie Bajada. Mal-wasla fil-grotta Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni, li għaliha attendew numru kbir ta' Għawdxin.



*Mons. Isqof Mario Grech, quddiem il-Grotta waqt id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni. Jidher ukoll (xellug) l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada.*

F'Għajnsielem, tiddomina fuq il-Port ta' l-Imġarr, hemm il-knisja ddedikata lill-Madonna Ta' Lourdes, liema knisja tiġbed mijiet ta' pellegrini minn kull rokna ta' Għawdex u Malta matul is-sena kollha, b'mod speċjali fil-ġranet tad-dehriet.

## Żgħażagħ mill-Parroċċa tal-Munxar fi Spanja

Għat-tieni sena konsekuttiva grupp ta' adolexxenti u żgħażagħ mill-parroċċa ta' San Pawl Nawfragu l-Munxar, immexxiha mill-kappillan Dun Tonio Galea irrappreżenta lill-Malta fl-XX *meeting* ERA, (European Rogationist Association) li din is-sena sar fi Spanja, ġewwa Girona, f'żona fejn hemm santwarju tal-Madonna El Collell bit-tema: "JIEN HU T-TRIQ; IL-VERITA' U L-ĦAJJA". Dan is-*summer camp* jiġi organizzat kull sena mir-Rogazzjonisti.



*Il-Grupp mill-Parroċċa tal-Munxar. Jidhru mix-xellug għal-lemin, fuq wara: Diane Saliba; Marta Curmi; Janine Sammut; Rebecca Galea; Salvina Saliba; Mark Bonello u Brandon Spiteri; Fuq quddiem: Brandon Cini; Antonella Bajada; Josianne Bezzina; Tonio Bezzina; Mark Debrincat u l-Kappillan Dun Tonio Galea.*

Din is-sena pparteċipaw adolexxenti, żgħażagħ u adulti mill-Italja; Repubblika Ċeka; Slovakja; Slovenja; u Polonja.

Salvina Saliba, waħda minn dawk li attendiet għal dan il-kamp tas-sajf, li sar bejn it 3 u t-8 t'Awwissu, qaltilna illi din kienet esperjenza mill-isbaħ, sew bħala grupp ta' adolexxenti u żgħażagħ tal-Munxar, kif ukoll bħala esperjenza internazzjonali fejn kellna ċ-ċans li nitolbu, nitgħallmu u niddevertu ma' nsara oħra ta' pajjiżi u kulturi differenti.



*Il-Gruppi kollha, f'ritratt ta' l-okkażjoni, f'El Collell, Girona, Spanja fejn sar il-kamp tas-sajf.*

"...Żgur li dan hu mezz tajjeb ħafna kif l-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna jistgħu jikbru fil-formazzjoni tagħhom. J'Alla din l-esperjenza tibqa' fil-moħħ u l-qalb ta' dawk li pparteċipaw u jkunu ukoll kapaċi jwasslu dak li rċivew, lil sħabhom..."

## Vaganzi f'Disneyland

Grupp ta' studenti mill-iskola Laura Vicuna qattgħu erba' t'ijiem mill-vaganzi tas-sajf ġewwa *Disneyland Resort* f'Pariġi. L-istudenti kienu akkumpanjati minn ġenituri u qraba flimkien mal-Kap ta' l-iskola, Swor Antoinette Pace, tal-komunità Sależjana, Stella Spiteri F.M.A. kif ukoll uħud mill-għalliema tagħhom.

L-iskola Laura Vicuna tinsab ġewwa r-raħal ta' l-Għasri, f'Għawdex, u hija mmexxija mill-komunità ta' Ulied Marija Għajnuna ta' l-Insara, magħrufa aħjar bħala s-Sorijiet Sależjani. L-iskola ilha toffri s-servizzi tagħha bħala skola primarja sa mill-1970.



## *Żjara lil Radju Lauretana f'Għajnsielem*



Il-President ta' Malta, l-E.T. Dr Edward Fenech Adami, nhar it-Tlieta 26 t'Awwissu, filgħaxija, għamel żjara lill-*istudios* tar-Radju Komunitarju, Radju Lauretana, f'Għajnsielem.

Mal-wasla tiegħu, l-President Fenech Adami ġie milqugħ mill-Arċipriet tal-Parroċċa, il-Kanonku Frankie Bajada u mid-Direttur ta' l-istazzjon, Lelio Spiteri, li dawru l-*istudio*, urieh ix-xogħol li sar, spjegalu l-ħidma volontarja li ssir kontinwament minn ħafna u laqqgħu ma' diversi preżentaturi.

*Fir-ritratt il-President ta' Malta jidher jitkellem mal-preżentatriċi Marija Xerri. Fuq in-naħa tal-lemin tal-President jidher Lelio Spiteri, waqt li fuq ix-xellug jidher l-Arċipriet Bajada.*

## *Ġie ċċelebrat Jum Kerċem u konkluż il-ftehim ta' Ġemellaġġ mal-Furjana*



*Is-Sindki ta' Kerċem u tal-Furjana, Joe Grima (xellug) u Nigel Holland (lemin) jaqsmu l-kejk tal-okkażjoni.*

Il-Kunsill Lokali Kerċem iċċelebra "Jum Kerċem 2008" b'ċerimonja fi Pjazza Orvieto li matulha fost l-oħrajn ġie konkluż il-ftehim ta' Ġemellaġġ mal-Furjana u ngħata l-Unur Ġieħ Kerċem 2008.

L-attivitajiet bdew b'quddiesa sollenni fil-Knisja Parrokkjali mmexxija mill-Kappillan ta' Kerċem il-Kan. Brian Meilak u l-Arċipriet tal-Floriana Fr. Richard Borg, bis-sehem tal-membri tal-Kunsilli Lokali ta' Kerċem u l-Furjana. Wara sar marċ mill-Banda San Girgor minn maġenb il-Knisja Parrokkjali sa Pjazza Orvieto fejn saret iċ-ċerimonja.

Matul iċ-ċerimonja saru spettakli ta' żfin mill-*YADA Gozo* u *Centre Stage*, ġew onorati t-timijiet tal-Kerċem Ajax FC, ġie ppreżentat il-pakkett kotba "Ktieb Teżor" lit-tfal tal-*Kinder*, u ngħatat għotja finanzjarja lil Lawrence Attard, Superjur tal-Museum ta' Kerċem. Saret ukoll il-preżentazzjoni tal-Unur Ġieħ Kerċem, li din is-sena ngħata lil Emanuel Grech, eks President u Fundatur tal-Banda San Girgor. Lejn l-aħħar parti taċ-ċerimonja ġie ffirmat il-Ġemellaġġ bejn Kerċem u l-Furjana miż-żewġ Sindki Joe Grima u Nigel Holland rispettivament. Saru wkoll diskorsi mis-Sindki Joe Grima, Nigel Holland u mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono. Iċ-ċerimonja ntemmet bid-daqq tal-Innu Nazzjonali Malti. Preżenti kien hemm ukoll Mons. Isqof Mario Grech.



*Waqt l-iffirmar tal-Ġemellaġġ bejn Kerċem u l-Furjana. Jidhru s-Sindki Nigel Holland (xellug) u Joe Grima (lemin).*

## *Replika ta' l-injam tal-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem*



Mons. Ġużeppi Zerafa, Arċipriet Emeritu tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, ħadem replika fl-injam tal-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem. (Scale ¼" = 1'-0").

Mons. Zerafa kien ilu jaħdem fuqha madwar għaxar snin, fil-ħin liberu tiegħu.

Fil-jiem tal-Festa Titulari tal-Madonna ta' Loretu, din il-knisja kienet tinsab għall-wiri fid-dar tal-familja Zerafa, fi Triq Perellos.

F'jum il-festa tal-Madonna ta' Loretu, il-Ħadd 31 t'Awwissu, 2008, pubbliku numeruż, fosthom Maltin u barranin marru jaraw u jiflu dan ix-xogħol ta' l-idejn matul il-ġurnata kollha.

*Replika tal-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem.*

## Abbatini Għawdxin fil-Vatikan



Erba' abbatini mid-Djoċesi t'Għawdex dan is-Sajf , bejn is-7 u l-21 t'Awwissu, ingħaqdu m'abbatini oħra minn Malta biex jagħtu s-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan.

L-Għawdxin li fir-ritratt jidhru mix-xellug għal-lemin huma, Mario Bonnici (Katidral), Andrew Buhagiar (Ragħaj it-Tajjeb, taċ-Ċawla), Matthew Bajada (Għarb), Alfred Tabone (Xagħra). Jidhru wkoll fuq in-naħa ta' wara, mix-xellug għal-lemin, Dun Frans Bonnici, Seminarista Noel Debono (Nadur) u Dun Daniel. Il-vestizzjoni ta' l-abbatini li tmexxiet mill-Kardinal Angelo Comastri saret nhar is-16 t'Awwissu fil-kappella tal-kor ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru.

L-għażla fost l-abbatini Għawdxin li wrew ix-xewqa li jmorru l-Vatikan saret wara diversi laqgħat li saru fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, ir-Rabat, u eżami kompetittiv.

## *'The World' fi żjara 'l barra mill-port ta' l-Imġarr*

F'inqas minn sena, il-vapur tal-passiġġieri *The World* għamel it-tieni żjara tiegħu fil-gżejjer Maltin. Wara waqfa ta' jumejn fil-Port il-Kbir, dan il-*cruiseliner* għamel waqfa ta' ġurnata 'l barra mill-port ta' l-Imġarr f'Għawdex, nhar it-12 ta' Settembru. Wara s-suċċess ta' l-ewwel żjara tiegħu f'pajjiżna, l-operaturi ddeċidew li jerġgħu jinkludu lill-gżejjer Maltin fil-lista ta' pajjiżi fejn il-passiġġieri jkunu jistgħu jinżlu l-art. Dan meta normalment dan il-vapur ma jieqafx fl-istess postijiet qabel mill-inqas sentejn.



*Il-Vapur The World 'l barra mill-port ta' l-Imġarr. Fuq il-lemin jidher ukoll vapur tal-Kumpanija li topera s-servizz bejn iż-żewġ gżejjer, il-Gozo Channel.*

Abbord dan il-vapur kien hemm 165 passiġġier fil-maġġor parti tagħhom Amerikani, kif ukoll 255 membru ta' l-ekwipaġġ. Uħud minn dawn il-passiġġieri jokkupaw appartamenti fuq dan il-vapur matul is-sena kollha. Għadd konsiderevoli ta' passiġġieri flimkien ma' wħud mill-ekwipaġġ niżlu l-art u qattgħu l-ġurnata fuq il-gżira ta' Għawdex. Din hi t-tieni waqfa ta' vapuri ta' dan it-tip f'Għawdex fi spazju ta' ftit ġimgħat hekk kif vapur ieħor kien għamel waqfa oħra f'Awwissu. Żjajjar bħal dawn huma mistennija jiżdiedu fiż-żmien qarib hekk kif dan l-aħħar il-Ministru għal Għawdex ħabbret uffiċjalment li l-MEPA ħarġet il-permessi meħtieġa biex ikunu jistgħu jitwaqqfu faċilitajiet ta' rmiġġ għall-*cruiseliners* fix-Xlendi.

## Tmiem il-klabb tas-sajf fl-Oratorju Don Bosco

Il-ħames edizzjoni ta' *Don Bosco Summer Club* organizzat mill-Oratorju Don Bosco tar-Rabat Għawdex, ġiet fi tmiemha permezz ta' diversi attivitajiet speċjali organizzati fl-aħħar ġranet t'Awwissu u l-ewwel ġranet ta' Settembru. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu quddiesa ċċelebrata mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, varjetà ta' żfin, *drama* u kant mit-tfal fir-Rabat u f'Marsalforn, *bar-be-cue* fi Pjazza Santu Wistin, Victoria, wirja bix-xogħlijiet maħduma mit-tfal, *film-show* għat-tfal kif ukoll ħarġa fir-Ramla l-Ħamra..



*It-tfal flimkien ma' l-Isqof Mario Grech fi tmiem il-quddiesa u ż-żjara li għamlilhom.*

'Il fuq minn 280 tifel u tifla attendew regolarment għas-sessjonijiet tas-*Summer Club* li nżammu tliet darbiet fil-ġimgħa matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu. Madwar 60 voluntiera, il-biċċa l-kbira żgħażagħ, ħadu ħsieb lit-tfal u animaw is-sessjonijiet.



*Waqt il-varjetà ta' l-Aħħar.*

Kull ġurnata tas-*Summer Club* kienet tibda' b'quddiesa fil-Kappella ta' l-Oratorju u wara t-tfal kienu jitqassmu fi gruppi fejn kienu jiġu mgħallma diversi suġġetti bħal *crafts*, tisjir tal-ħelu, ganutell, zfin, *drama*, *story telling*, pittura, bini ta' presepji, kollezzjonar ta' bolli, ħjata u arkett. Kien ukoll ikollhom sezzjonijiet ta' sports, *fun-games* u logħob ieħor.

Matul is-*Summer Club* ġew organizzati wkoll diversi ħarġiet għal Malta kif ukoll għall-postijiet oħra f'Għawdex. Kellhom ukoll attivitajiet interattivi organizzati minn mistiedna speċjali fosthom dwar il-wirt storiku Għawdxi, il-ħarsien ta' l-ambjent, in-nutriment, *self-defence*, prevenzjoni mill-alkoħol u droga, *"teddy bear hospital"*, eċċ...

Sadanittant ta' min jgħid li uħud mil-*leaders* żgħażagħ li ħadu sehem fit-tmexxija ta' dan is-*Summer Club* fil-ġranet li għaddew kienu l-Italja fuq programm ta' skambju ta' żgħażagħ bħala parti mill-*Youth in Action Programme* ta' l-Unjoni Ewropea. Dan l-iskambju kompla jgħinhom fil-formazzjoni tagħhom biex ikomplu jkunu ta' għajnuna lis-soċjetà tal-lum b'ħidma simili għal dak li għamlu tul is-sajf.

## *Xogħol ta' restawr fil-Knisja Kolleġġjata u Bażilika tax-Xagħra*

Tkompla t-tieni fażi ta' xogħol ta' restawr fin-nava tan-nofsinhar. Din il-fażi tikkonsisti f'konservazzjoni, rinnovazzjoni u restawr fil-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Ix-xogħol sar mir-restawratur Malti, Manwel Zammit.


*Il-pittura tal-koppletta rrestawrata.*

Il-pittura tal-koppletta u tal-pendenti ta' taħtha huma xogħol tal-pittur Ruman, Virginio Monti. Matul iż-żmien il-koppletta soffriet ħsarat fl-istabbiltà tagħha tant li l-pittura kienet turi sinjali ta' għejja kbira. Fi bnadi minnha anke waqgħu l-flieli u partijiet miż-żebgħa ntilfu. Ir-restawr reġa' ġab il-pittura għall-istat oriġinali tagħha billi l-partijiet maqlugħa maż-żmien reġgħu ġew ri-integrati.

Anke l-altar tal-kappella li huwa ddedikat lill-Madonna tal-Karmnu, xogħol il-pittur Malti magħruf, Francesco Vincenzo Zahra, sarlu xogħol ta' konservazzjoni peress li kien għadu fi stat stabbli. Il-kwadru jmur lura lejn l-ewwel nofs tas-seklu 18. Il-kwadru huwa mdawwar bi prospettiva skultrata fil-ġebel li għandha ħjiel qawwi ta' l-influwenza ta' Zahra wkoll.

Ix-xogħol fil-kappella kien jinkludi wkoll żebgħa mill-ġdid tal-ġebla kif ukoll l-induratura ta' l-iskultura u l-istallazzjoni ta' twieqi *stained glass* fil-lanterna li lkoll saru min-nies tas-sengħa mix-Xagħra u taħt is-superviżjoni tar-restawratur Manwel Zammit.

## *Lejla Kulturali mill-"Gozo Youth Orchestra" fir-Rabat*

Udjenza mdaqqsa ta' Għawdxin flimkien ma' Maltin u barranin li bħalissa qegħdin Għawdex, setgħu jgawdu atmosfera mill-aqwa, meta nhar it-Tnejn 4 t'Awwissu, filgħaxija, il-*Gozo Youth Orchestra* ppreżentat il-kunċert *Opera vs Pop Under the Stars*, li sar fil-bitħa tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat. Mistiedna speċjali matul din is-serata kienu s-Sopran Pamela Agius, minn Għajnsielem u li tgħix u tistudja New York, u l-bassista Rabti Noel Galea, li ngħaqdu mal-50 mużiċisti żgħażagħ li ħadu sehem f'dan il-kunċert.

Matul din il-lejla, il-*Gozo Youth Orchestra* daqqet selezzjoni ta' biċċiet klassiċi fosthom minn *Don Giovanni* ta' Mozart u minn *Un Ballo in Maschera* ta' Verdi, kif ukoll *soundtracks* u siltiet minn *musicals* bħal *Pirates of the Carribean* u *Jesus Christ Superstar*.


*Waqt is-serata kulturali Opera vs Pop Under the Stars.*

Il-kunċert *Opera vs Pop Under the Stars* taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro. Joseph Grech ittella' b'kollaborazzjoni ma' l-uffiċċju tal-kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ambaxxata Amerikana f'Malta.

Preżenti kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u Eric Catalfamo, uffiċjal fl-Ambaxxata ta' l-Istati Uniti f'Malta.

Wirja ta' xogħlijiet ta' l-artist Għawdxi Paul A Stellini ġiet imtella' għall-okkażjoni biex tikkumplimenta din is-serata kulturali.

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*



# Radju tal-Komunità Ideali

Xi ftit taż-żmien ilu l-ħabib tiegħi Victor Attard kiteb dwar ir-radjijiet tal-Komunità li għandna f'Għawdex u tana ftit statistika interessanti. Jiena nemmen li dawn l-istazzjonijiet qed jagħtu kontribut importanti lill-parroċċa. Ħafna jkunu dawk li għal xi raġuni jew oħra ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom apparti l-fatt li ssib ħafna oħrajn fl-isptarijiet jew rikoverati f'xi klinika jew dar ta' l-anzjani. Permezz tar-radju dawn iħossuhom li għadhom parti mill-parroċċa. Bla dubju mindu daħal il-pluraliżmu fix-xandir, l-affarijiet tbiddlu ferm għall-aħjar. Jien niftakar ir-Rediffusion li għal żmienu qeda l-funzjoni tiegħu sewwa ħafna għad li dan kien '*one way traffic*', fis-sens li kont biss tisma', waqt li llum tista' ċċempel u turi l-fehma tiegħek. Xi wħud minn dawn l-istazzjonijiet jittrasmettu s-sena kollha, daqqa bi skeda li tieħu l-ġurnata kollha u daqqa bi skeda ridotta. Oħrajn jippreferu jittrasmettu matul il-ġranet tal-festa titulari, fi żmien il-Għid u fi żmien il-Milied.

Bla dubju biex tmexxi stazzjon trid ħafna spejjeż u ħafna nies. Għandek il-liċenzja li mhix irħisa u s-sena tgħaddi bla ma tinduna; għandek ħafna spejjeż biex iżżomm l-apparat f'kundizzjoni tajba, trid *studios* suret in-nies, flus biex tixtri *cassettes*, *tapes*, CD's u x'naf jien u trid ħafna nies li jridu ż-żmien u s-sabar biex ikunu kapaċi jipproduċu jew jieħdu sehem f'programm, għax mhux kulħadd għandu '*the gift of the tongue*'. Jiena naħseb li kieku jkun hemm xi tip ta' kollegament bejn dawn l-istazzjonijiet komunitarji, jista' jkollna prodott aħjar u ma tinħeliex ħafna enerġija bla bżonn. Programm tajjeb jista' jissellef u b'hekk jisimgħuh ħafna nies u l-'*air time*' ikun qed jiġi użat aħjar. Permezz ta' l-*internet* ħafna minn dawn il-programmi qed jaslu wkoll għand l-emigranti tagħna u allura l-Knisja f'Għawdex qed ikollha mezz ieħor kif iżżomm kuntatt ma' dawn ħutna li jgħixu 'l bogħod minn xtutna.

**Qed nikteb dan kollu llum fid-dawl tal-fatt li dan l-aħħar il-Parroċċa tal-Qala inawgurat studios ġodda tar-radju tal-komunità, *studios* permanenti mgħammra bl-aħħar teknoloġija li nfetħu u tbierku mill-Arċipriet il-Kan Dun Joe Zammit nhar il-Ħadd 27 ta' Lulju 2008. Mat-80 voluntier jagħtu daqqa t'id biex dan l-istazzjon ikun jista' jwassal il-vuċi tiegħu lill-Qalin kollha permezz tal-frekwenza 106.3 FM. Nista' nimmaġina kemm sar sforz biex inġabru l-fondi u nstab il-post addattat; kemm kuntatti ma' barra (żewġ kumpaniji Taljani) biex seta' jinxtara l-apparat li jiswa eluf tal-liri. Jalla issa din il-ħidma kollha tkompli ssib l-appoġġ tar-raħal kollu u tissokta bl-istess entużjażmu li bdiet bih matul il-ġimgħat li għaddew.**

Dan l-awgurju jgħodd ukoll għall-bqija ta' l-istazzjonijiet l-oħra għax nemmen bi sħiħ li niesna għandha għal qalbha r-radju tal-parroċċa kif għandhom il-kappillani tagħna. Nerġa' ntenni li kieku dawn l-istazzjonijiet jitkellmu iktar ma' xulxin, ma tinħeliex enerġija bla bżonn u l-prodott ikompli jitjieb. Tinħtieġ aktar ko-ordinazzjoni u kollaborazzjoni bejn il-ħdax-il radju f'Għawdex.





57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31




*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

**Marsalforn: Is-Sindku jridu separat miż-Żebbuġ**

*"Not so easy, Mr. Mayor. With two sentences you may have wanted to wash your hands of your responsibilities; to wipe away two years of disregard of the needs of a locality so important to Gozo, both as its main seaside resort and as a generator of economic activity. After treating our complaints with disdain for so long, this is the last straw."*

**Carmel Camilleri**, *The Times, 21st August 2008*

**Prosit tassew!**

"B'mod partikolari, sar titjib fl-industrija tal-produzzjoni ta' l-inbid fejn bosta bdiewa Għawdxin permezz tal-Koperattiva 'Gozitano', u diversi għassara kienu minn ta' l-ewwel biex japplikaw għaċ-ċertifikazzjoni, magħrufa bħala DOC u IGT. Dan se jiftaħ aktar opportunitajiet li minnhom il-bdiewa Għawdxin se jkunu jistgħu japplikaw għal aktar fondi."

*Mid-diskors tal-Ministru għal Għawdex,* **Giovanna Debono** *fil-Wirja tal-Biedja u Snajja', Il-Mument, 17 ta' Awwissu 2008*

**Evviva, Evviva!**

" 'Tal-Massar' għażlu mod partikolari kif iħarsu lejn il-vitikultura li hu magħruf bħala '*viticultur rationale*' li bażikament jiffoka fuq il-kwalità aktar milli fuq il-kwantità u li jfisser li kull dielja tipproduċi biss żewġ kilo għeneb. Il-vinja 'Tas-Sisien' għandha densità ta' 4,000 dielja għal kull ettaru li mistennija jipproduċu 5,000 flixkun ta' inbid aħmar Għawdxi b'ċertifikazzjoni D.O.K."

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *22 ta' Awwissu 2008*

**Rekord ta' Djar Vojta!**

*"Gozo holds the national record on vacant properties: 47.66% of properties in Gozo were vacant in 2005 (9,762 out of 20,481 properties). An eco-Gozo faced with this fact would undoubtedly insist that the community can satisfy its residential needs from existing housing stock."*

**Carmel Cacopardo**, *The Times, 23rd August 2008*

**Imma għadna nibnu bil-goff!**

*"The presence of cart ruts and the Nadur residents' concern on the geological stability of their neighbourhood have not stopped the Malta Environment and Planning Authority's planning directorate from recommending the approval of a development. Today the Development Control Commission (DCC) is set to approve the demolition of an existing dwelling in Nadur to replace it with 55 apartments, 11 penthouses and 108 garages next to the old cemetery at Ta' Kennuna."*

**James Debono**, *Maltatoday, 27th August 2008*

**Rekord jikser lill-ieħor : Turiżmu tal-folol?**

"Din is-sena l-influss qawwi ta' passiġġieri u vetturi lejn Għawdex ma kienx biss ristrett għall-jiem tal-festa ta' Santa Marija. Fl-ewwel 12-il ġurnata ta' Awwissu l-*Gozo Channel* ġarret *record* ta' passiġġieri u vetturi b'185,347 passiġġieri u 46,107 vettura..."

**Marion Zammit**, *In-Nazzjon, 19 ta' Awwissu 2008*

**F'Għawdex ukoll?**

*"Enforcement works"*

*Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni,* **Chris Said**, *The Times, 26th August 2008*

**Qed iberraq fuq Kemmuna?**

*"Tony Zammit Cutajar, whose family leased the island of Comino between 1926 and 1960, has ominously warned of 'moves afoot to develop parts of the island.' "*

**James Debono**, *Maltatoday, 27th August 2008*

**Il-qagħad jonqos f'Malta... iżda jiżdied f'Għawdex**

"Fil-każ ta' Malta, dawk jirreġistraw għax-xogħol jammontaw għal 5,272 jew 428 persuna inqas milli kien hemm f'Lulju tas-sena l-oħra. Fil-każ ta' Għawdex, dawk ifittxu x-xogħol żdiedu b'54 biex jammontaw għal 686 persuna."

*Rapport,* **l-Orizzont**, *26 ta' Awwissu 2008*

**Midalja isbaħ minn ta' l-Olimpjadi**

*"Family members and friends cheered on Justin Spiteri, a person with an intellectual disability, who swam all the way from Gozo to Malta...The Razzett tal-Ħbiberija team consisting of 10 swimmers under 17 put in all their efforts and managed to meet the challenge... Justin was the last in, but that doesn't matter at all. Justin is the first intellectually disabled person to finish the Gozo-Malta race.*

*Report,* **The Malta Independent**, *25th August 2008*

**Tjiebet Waħda jew l-Oħra?...jew it-Tnejn?**

"Niġbed, fl-aħħarnett, l-attenzjoni li tlifna ċerta informazzjoni li kienet tidher fi "Il-Ħajja f'Għawdex" bħala *supplement*, anki jekk forsi tista' tinstab fil-*website* tad-Djoċesi. Din tjiebet, iżda jista' jkun li tant tgħabbiet bi stampi u "xejxi" li tqalet wisq!

**Asterisk**, *Il-ĠensIllum, 23 ta' Awwissu 2008*

Sizzlers
A La Carte • Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

## MILL-PARLAMENT

### *Ċitazzjonijiet mill-Wardens*

Mit-tweġiba tal-Onor. Prim Ministru għall-Mistoqsija Parlamentari ta' l-Onor. **Silvio Parnis** dwar kemm saru ċitazzjonijiet mill-*wardens* bejn Jannar u Marzu 2008, joħroġ dan it-tagħrif:

| | Fontana | Għ'sielem | Għarb | Għasri | Kerċem | Munxar | Nadur | Qala | Rabat | S.Law. | Sannat | Xagħra | Xewkija | Żebbuġ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Buses | | | | | | | | | 20 | | 1 | | | 3 |
| Carriage markings | 10 | 117 | 1 | | 1 | 28 | 3 | 2 | 37 | | | 3 | 44 | 47 |
| Driver/Person | 49 | 42 | 8 | | 2 | 2 | 25 | 9 | 6 | | 4 | 35 | 22 | 10 |
| Driving | 2 | 116 | 3 | | | | 1 | 1 | 12 | | | 1 | 48 | 1 |
| Environment | | | | | | | | | | | | | | |
| Horns/Lights | | 11 | 1 | | | | 3 | | | | | 3 | 75 | |
| Licence | 1 | 65 | 6 | 1 | 6 | 13 | 10 | 22 | 62 | | 3 | 18 | 27 | 18 |
| Littering Aggrav. | | | | | | | | | | | | | | |
| Littering Normal | | | | | | | | | | | | | | |
| Parking | 19 | 1 | 1 | | | 21 | 3 | | 589 | | 1 | 4 | 2 | 90 |
| Temp. Permits | | 3 | 1 | | | | 2 | 2 | | | | 7 | 1 | |
| Traffic Sign | 1 | 8 | | | | 3 | 47 | 5 | 113 | | 4 | 10 | 1 | 77 |
| Vehicle | 22 | 83 | 8 | 1 | 6 | 15 | 20 | 23 | 62 | | 4 | 34 | 36 | 20 |

***Seduta 11 02/06/2008***

### *Ġgantija - Ċentru Temporanju*

2075. L-Onor. **Anton Refalo** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport: Tista' l-Ministru tgħid fiex jikkonsisti ċ-ċentru temporanju għall-viżitaturi fil-Ġgantija li tlesta fl-2007? Kemm kienet in-nefqa totali fuq dan il-proġett? Min kien / kienu l-kuntratturi li għamlu x-xogħol? Kemm tħallsu kull wieħed? *10/07/2008*

**Onor. Dolores Cristina**: Infurmata li ċ-ċentru temporanju għall-viżitaturi li ġie inawgurat fit-13 ta' Settembru 2007 jikkonsisti f'*ticket booth, museum shop* u tisqifa għall-viżitaturi. Ix-xogħol kollu sar mill-impjegati tal-*Heritage Malta* u ġie jiswa LM7000. ***Seduta 34 16/07/2008***

### *Xewkija - Rwejjaħ jintnu u Dħaħen*

2034. L-Onor. **Justyne Caruana** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: Peress li r-residenti tax-Xewkija qed ibatu minn inkonvenjenti kbar ta' rwejjaħ jintnu u dħaħen, speċjalment issa fis-sajf, kull meta jitqabbad l-inċeneratur tal-biċċerija f'Għawdex u peress li dan l-aħħar l-inkonvenjent żdied li allura jindika li qed issir xi ħaġa differenti minn qabel, tista' l-Ministru tindirizza din il-problema minnufih? *09/07/2008*

**Onor. Giovanna Debono**: Jiena nfurmata li l-inċeneratur tal-biċċerija qiegħed jaħdem b'mod regolari u xejn differenti minn tas-soltu u li dan jiġi spezzjonat minn enġinier sabiex jiżgura li l-apparat ikun qiegħed jaħdem kif suppost u għalhekk ikun hemm mill-inqas inkonvenjent. ***Seduta 33 15/07/2008***

### *Għawdex, Rabat - Proġett Ċentru Komunali*

1791. L-Onor. **Anton Refalo** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid jekk għadx hemm il-ħsieb li jsir il-proġett taċ-Ċentru Komunali fir-Rabat? Jekk fl-affermattiv, x'sar s'issa fuqu? Jekk fin-negattiv, għaliex twarrab? *02/07/2008*

**Onor. Giovanna Debono**: Huwa ppjanat li s-siti li kienu identifikati għall-Proġett taċ-Ċentru Komunali jibqgħu jintużaw għall-istess skop li kellhom sal-lum b'rikostruzzjoni tal-parkeġġ li hemm fi Triq Borg Olivier li jsir *multi level parking* u jinbena Qorti ġdid fil-livell tat-triq minflok dak ippjanat fi Triq Fortunato Mizzi. Is-sit fejn kien ippjanat li jsir il-bini tal-Qorti fi Triq Fortunato Mizzi ser jintuża għal skopijiet edukattivi. ***Seduta 32 14/07/2008***

### *Skola Ġdida f'Għawdex - Parkeġġ Taħt l-Art*

2070. L-Onor. **Anton Refalo** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport: Tista' l-Ministru tikkonferma li l-proġett ta' bini ta' l-iskola sekondarja ġdida tas-subien f'Għawdex jinkludi parkeġġ taħt l-art? Jekk fl-affermattiv, kemm se tkun in-nefqa fuq dan il-parkeġġ? Kemm se jkun jesa' karozzi? Għall-użu ta' min se jkun dan il-parkeġġ? L-użu tiegħu se jkun bla ħlas? Jekk fl-affermattiv, x'se jkunu r-rati ta' ħlas? Sar studju ta' vijabilità finanzjarja dwar dan il-parkeġġ? Jekk sar min għamlu? Kif ingħata l-kuntratt? *10/07/2008*

Onor. **Dolores Cristina**: Ninsab infurmata li taħt il-bini ta' l-iskola sekondarja ġdida tas-subien f'Għawdex qed jinbena parkeġġ. Il-parkeġġ se jkun jesa' 125 skond il-permess tal-MEPA. L-istima ta' l-iskola hija ta' 7 miljun ewro meta titlesta, l-istima tal-parkeġġ hija ta' 1.7 miljun ewro meta jitlesta. L-użu ta' dan il-parkeġġ se jkun għall-użu tal-blokk kollu li qed jiġi mibni. Il-proġett kien fdat f'idejn il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada u saru l-istudji neċessarji kollha. Ma ingħata l-ebda kuntratt fir-rigward ta' dan l-att. ***Seduta 33 15/07/2008***

*Kummentarju (2)*

# L-iStress fuq Uliedna...

## Qed ngħabbuhom wisq!



*Kitba ta'* **HORACE MERCIECA**

**It-tfal tal-lum nitħassarhom. Veru li ħafna minnhom ma' jonqoshom xejn, però veru wkoll li qed inxejħuhom qabel iż-żmien u qed inċaħħduhom mill-aktar ħaġa prezzjuża li għandhom – it-tfulija tagħhom, żmien sabiħ u ħelu, li wieħed jibqa' jiftakar b'nostalġija meta jikber.**

Tarahom ibakkru filgħodu, għajnejhom nofshom magħluqin bin-ngħas, sejrin lejn l-iskola, mgħawġin taħt tagħbija kotba. Terfa' l-borża li jkollhom wara daharhom qisek qed terfa' kantun imdaqqas għadu qed jinqata' minn ġol-barriera! Imma, nistaqsi, dawn it-tfal x'qed jitgħallmu aktar milli konna nitgħallmu aħna? Jien niftakarni mmur l-iskola b'borża taċ-ċarruta mdendla fuq spallti, ħafifa rixa, bi tlitt jew erba' kotba rqaq, u xi żewġ pitazzi. U konna niġru u nilagħbu biha kemm irridu qabel ma' nidħlu l-iskola. Allura, nistaqsi, dawn il-kotba ħoxnin u *files* flok pitazzi, għalfejn? Tgħid ma nistgħux insibu mezz kif nistgħu nħaffulhom ftit minn dan il-piż kollu? Din mhix moħqrija li kull fil-għodu qed ingagħlu lit-tfal tagħna jġorru tagħbija bħal din? Tgħid ma nistgħux naħsbu għal ftit *lockers* f'kull klassi fejn it-tfal ikunu jistgħu jħallu dawk il-kotba u *files* li mhux ser ikollhom bżonn id-dar? Ma naħsibx li din hija xi spiża enormi. Naf li bis-saħħa tal-Ministeru għal Għawdex sar ħafna xogħol tajjeb fl-iskejjel tagħna. Allura, għadna naħsbuha fuq dawn il-*lockers*?

U xi ngħidu mbagħad għall-kurrikulu ffullat u tqil li għandhom it-tfal tagħna, speċjalment fl-iskejjel primarji? Barra s-suġġetti akkademiċi, Ingliż, Malti u Matematika, it-tfal tagħna daħħalnilhom għall-eżami żewġ suġġetti oħra, l-iStudji Soċjali u r-Reliġjon. Mhux għax dawn iż-żewġ suġġetti mhumiex importanti daqs is-suġġetti akkademiċi, imma li tistenna li tfal ta' għaxar snin jirriproduċu f'eżami kompetittiv ċerti rqaqat u dettalji relatati ma' dawn iż-żewġ suġġetti, jien inħoss li nkunu qed nivvjolentaw lit-tfal tagħna. Min hu ġenitur jaf tajjeb x'qed ngħid. Dawn it-tfal jaħlu ħafna ħin jistudjaw bl-amment materjal li mhux relevanti għalihom u li l-moħħ żgħir tagħhom la jifhem u l-anqas jimpurtah minnu, biex imbagħad ikunu jistgħu jirriġettawh waqt l-eżami, u l-pitgħada ta' l-eżami, jinsew kollox.

Niġu mbagħad għas-selettività (*streaming*) li għada tirrenja fl-iskejjel ta' l-Istat u li qed toħloq ansjetà u tensjoni kbira fost it-tfal, kif ukoll fost il-ġenituri u l-għalliema. Għalkemm il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jiċċelebra d-diversità, u għalkemm l-istess Dokument intrabat li sas-sena 2007, is-selettività kellha titneħħa mill-iskejjel, xorta s-sitwazzjoni għadha dik li kienet fis-sena 2000, meta ġie ppubblikat dan il-Kurrikulu. Għalkemm il-Prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex, Chev. Frank Gatt, li għandu l-edukazzjoni tat-tfal ferm għal qalbu, huwa konxju ta' din is-sitwazzjoni u qed jagħmel ħiltu kollha biex itaffiha, però xorta l-politika uffiċjali għadha li fl-aħħar sentejn ta' l-iskola primarja nistrimjaw lit-tfal u fl-aħħar tas-Sitt Sena t-tfal jagħmlu eżami selettiv li minnu jiddependi jekk imorrux il-*Junior Lyceum* jew fi Skola Sekondarja. Dan l-eżami qed joħloq stress enormi fuq it-tfal, u barra li jwaħħlilhom tikketta għal għomorhom, jista' wkoll ikollu konsegwenzi psikoloġiċi ħżiena li jibqgħu jġorruhom ħajjithom kollha.







Anke il-ħafna *homework* li qed jingħata lit-tfal, speċjalment dawk li għadhom imorru fl-iskola primarja, qed ikun ta' dannu kbir għat-tfal, għax mhu qed iħallilhom l-ebda ħin liberu wara l-iskola. Ħafna ġenituri huma ossessjonati bil-*homework* u jkejlu l-ħila ta' l-għalliem bl-ammont ta' *homework* li jagħti lit-tfal tagħhom. Basta t-tfal joqogħdu kwieti, miġburin, jagħmlu l-*homework*. Tgħid il-ġenituri qed ikunu egoisti, għax bl-iskuża tal-*homework*, it-tfal qed ikollhom x'jagħmlu u hekk iħalluhom kwieti? Jafu dawn il-ġenituri li t-tfal iridu l-mistrieħ tagħhom u għandhom bżonn jilgħabu u jirrikrijaw ruħhom wara ġurnata skola? Jafu dawn il-ġenituri li n-nuqqas ta' eżerċizzju qed ipoġġi lit-tfal tagħna fost ta' quddiem nett fl-Ewropa fejn tidħol obeżità? Jafu li *"All work and no play makes Jack a dull boy"*? Jafu dawn il-ġenituri li d-dar għandha rwol importanti ħafna fl-edukazzjoni ħolistika ta' wliedhom, u li din ma' tistax tingħata jekk nagħmlu sarima lit-tfal tagħna billi nżommuhom okkupati għal ħinijiet twal jagħmlu l-*homework*, mingħajr ma' jkollna l-ebda opportunità li niddjalogaw ftit magħhom kuljum?

Barra l-*homework* esaġerat li qed ikollhom jagħmlu, ħafna tfal qed ukoll jintbgħatu għall-privat wara l-iskola. Ħafna drabi, dawn ma jkollhomx bżonn ta' privat, għax ikunu sejrin tajjeb l-iskola, imma ħafna ġenituri jirraġunaw li aktar ma' t-tfal jitgħallmu aktar imorru tajjeb fl-eżamijiet selettivi li għandna. Tajjeb li wieħed jifhem li l-privat għandu jintuża bħala mediċina, li tingħatha biss fuq parir tas-surmast, meta jkun hemm bżonn, bħal per eżempju, meta tifel, imħabba mard, ifalli l-iskola, jew forsi jkun batut f'xi suġġett. F'dan l-aħħar każ, ma jfissirx li t-tifel għandu jieħu privat fis-suġġetti kollha. Għiduli sinċerament, it-tfal tagħna qed jibqagħlhom ħin liberu biex jilgħabu ftit, jew jaraw xi programm edukattiv tajjeb, jew jattendu xi Għaqda, jew jaqraw xi kotba bħala passatemp, biex barra li jtejbu l-lingwa, jakkwistaw dak il-*General Knowledge* li t-tfal tagħna huma tant neqsin minnu? Kull fil-għaxija, jiddispjaċini ngħid, mill-esperjenza li għandi, ħafna mit-tfal tagħna qed jispiċċaw mentalment u fiżikament eżawriti, jieklu u jorqdu, biex l-għada jbakkru, jerġgħu jitfgħu t-tagħbija fuq daharhom, u jaqbdu triqthom lura lejn l-iskola. Kif jistgħu jmorru ferħana?!

Din hija t-tfulija li qed jgħixu t-tfal tagħna! Tgħid meta jikbru għad ikantaw "O żmien ħelu kif għaddejtli"?!


RAYMOND CEFAI

*TAL-KELBA LTD.*

- BUILDING CONTRACTOR
- CRANE & GENERATOR HIRE



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.

Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

*"Picture Story".... "No Comments!" - 3* *minn* **SEQER**

# Il-Korsa taż-Żwiemel -Ta' Xħajma








KOTBA

Minn Għawdex

# SANTA FAWSTINA

## L-Appostlu tal-Ħniena Divina

**Kitba ta' Alois Misiak, S.A.G.; traduzzjoni ta' Carm C. Cachia. "Lumen Christi Publications" (2008); A+M Printing, Qala; pp. 96; €5.**

## GĦALQET 70 SENA FIL-ĠENNA!

**F'pajjiżna dil-qaddisa u l-appostolat tagħha dwar il-Ħniena Divina huma magħrufa ħafna u xterdu b'mod mill-iktar mgħaġġel. Qari, talb u tagħrif ieħor daħlu f'kull familja f'dawn il-gżejjer. Illum għandna anki d-Djarju tagħha maqlub f'ilsienna. Frattant qed jidher dan il-ktieb f'għeluq is-70 sena mill-mewt tagħha fil-5 ta' Ottubru 1938. Forsi xi ħadd jistaqsi: x'hemm ġdid li nistgħu nsiru nafu dwarha?**

L-awtur, il-Viċi-Postulatur tal-Kawża tagħha, joffrilna ħjiel qasir ta' ħajjitha minn diversi aspetti, anki minn xhieda oħra barra mill-istess tagħrif li Sor Fawstina ħalliet fid-Djarju. Deher kemm ħajjitha bħala reliġjuża għaġnitha mal-ħsieb u x-xewqa li tkompli f'mixja għall-qdusija. Dan ħassitu b'mod sħiħ u kienet determinata minnu minkejja l-fallimenti li bdiet tħabbat wiċċha magħhom. Kienet ir-rieda t'Alla, u bl-għajnuna tad-direzzjoni li kellha, hija għarfet tilqa' kontra t-taqbidiet li tfaċċaw fl-ispirtu tagħha, mill-komunità u minn oħrajn u xejn inqas mill-ispirtu ħażin fejn kellha tagħmel għażliet waqt provi fiżiċi u morali.

B'ħajja normali u fis-sempliċità tagħha, Sor Fawstina tat xhieda ta' virtujiet erojċi li għexithom anki f'konfront bejnha u Ġesù li xorta waħda wera kif tgħaddi tiegħu b'qawwa u intimità li ma jċedihom b'xejn! Għalkemm storja ta' ruħ ikkonsagrata, xorta b'messaġġ għal kull nisrani li jgħaddi minn xi forma ta' glieda interjuri.

**Dan il-ktieb joffri dettalji dwar it-tixrid tal-messaġġ tal-Ħniena Divina bil-kwadru kif nafuh, bil-festa fit-Tieni Ħadd tal-Għid, it-twaqqif ta' Ordni marbut ma' l-istess Ħniena, l-iskop tal-kurunella, kif tingħad u kif issawret il-litanija. Dan it-tagħrif kompla joħroġ taħt il-gwida u bl-għajnuna tax-xhieda li taw id-diretturi spiritwali tagħha.**




Il-ħajja ta' Sor Fawstina tinkwadra ħafna f'dik tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Kienet mill-inħawi ta' Krakovja, fil-Polonja, u kien il-Kard. Karol Wojtyla li ffirma (1967) id-dokumenti meħtieġa fuq livell djoċesan għall-beatifikazzjoni tagħha, sakemm kien hu bħala Papa li **ddikjaraha Beata (1993) u wara kkanonizzaha (2000). Il-ktieb li qed jasal f'idejk jista' għalhekk jgħinek mhux biss biex tiggosta aħjar id-Djarju ta' Santa Fawstina, imma l-istess enċiklika ta' Ġwanni Pawlu II "Għani fil-Ħniena" (1980).**

L-awtur ikompli jikkonferma li l-intervent t'Alla permezz ta' Sor Fawstina ħoloq moviment dinji bil-għan li jqajjem mill-ġdid dak li l-Knisja kienet ilha twettaq taħt għamliet oħra ta' qima u adorazzjoni lejn l-attributi divini. Għandu wkoll il-valur ta' messaġġ attwali li jtaffi l-ħruxijiet kontra l-umanita', inklużi dawk li seħħew fit-tieni gwerra tant li "d-devozzjoni lejn il-Ħniena Divina xterdet fil-kampijiet tal-konċentrament Russi u Ġermaniżi".

Il-ktieb huwa indirizzat mhux biss lil dawk li jħaddnu d-devozzjoni lejn il-Ħniena Divina biex jagħrfu x'għandha tkun it-tweġiba tagħhom bla ma jaqtgħu qalbhom mill-ħniena t'Alla, iżda wkoll li ħadd m'għandu jabbuża minnha. Iservi ta' gwida fl-appostolat u l-kuntatti personali li n-nisrani jista' jwettaq anki fi ħdan il-familji tagħna, bħalma huwa fi żmien ta' Missjoni Djoċesana. Fuq kollox, dan il-ktieb joffri formazzjoni spiritwali mill-aqwa lil kull Nisrani li qed ifittex li jikber fil-virtù u fil-qdusija.

*Mons. Salv Grima*

Ilħna mill-Bogħod fil-Qrib (7)



# Sr. Josepha Gauci

## Soru Frangiskana tal-Qalb ta' Ġesù mir-Rabat,Għawdex għall-Ħidma fl-Afrika

Ilni b'kollox sbatax-il sena naħdem bħala missjunarja fl-Afrika, u għal dan nirringrazzja lil Alla.

Fis-sena 1972 ġejt mibgħuta f'waħda mill-komunitajiet tagħna li tinsab f'Addis Ababa, il-kapitali ta' l-*Ethiopia*. Ħdimt hemmhekk mat-tfal bħala għalliema fl-iskola tagħna *"Kidane Meheret School"* għal tliet snin. Imbagħad, fis-sena 1994 erġajt ġejt mibgħuta l-Afrika bħala Superjura Reġjonali tal-Komunitajiet tagħna fil-Kenja u fl-Ethiopia. Fil-preżent għandna tliet komunitajiet fl-Ethiopia – f'Addis Ababa, f'Debre Zeit u f'Harar; u tlieta oħra fil-Kenja – f'Nairobi, f'Nyeri u f'Muranga. Jiena noqgħod Nairobi, il-Kenja u mbagħad meta jkun hemm bżonn immur inżur il-komunitajiet tagħna mferrxin kif semmejt. Darbtejn fis-sena mmur inżur il-komunitajiet tagħna fl-Ethiopia.

Nisthajjilkom tistaqsuni: f'hix jikkonsisti eżattament ix-xogħol tiegħek? **Jiena responsabbli għas-sorijiet li għandna kemm fl-Ethiopia kif ukoll fil-Kenja. Jiena nagħmilha ta' kollox skond fejn insib ruħi.** Meta nkun Nairobi, fejn għandna Dar għall-Formazzjoni għall-kandidati Kenjani – Postulandat, Novizzjat u Junjorat (għas-sorijiet Professi żgħar), jien ngħin fit-tagħlim lil dawn ħuti ż-żgħar li għadhom fil-formazzjoni inizjali tagħhom. Nieħu ħsieb ukoll għall-korsijiet ta' tagħlim li jsir kemm għaż-żgħar kif ukoll għas-sorijiet li diġà pprofessaw. Meta mbagħad immur inżur il-komunitajiet l-oħra, nipprova nlaqqa' lis-sorijiet f'*meetings*, inkellimhom flimkien u anke individwalment, nismagħhom ukoll biex nara kif inhuma sejrin kemm spiritwalment kif ukoll materjalment u hekk nipprova ngħinhom fil-bżonnijiet tagħhom. Barra minn dan, xi kultant ngħin ukoll lis-sorijiet tagħna fl-attivitajiet li jkunu jwettqu hemmhekk.

Fil-Kenja, s-sorijiet tagħna jwettqu attivitajiet diversi: per eżempju, formazzjoni ta' dawk li jħossu s-sejħa biex isiru sorijiet, amministrazzjoni tad-dar, tagħlim fl-iskejjel; f'waħda mill-komunitajiet għandna klinika. Isir ukoll xogħol pastorali – tagħlim tal-katekiżmu, visti lill-morda u lill-anzjani, kura ta' abbatini... Fl-Ethiopia għandna tliet skejjel kbar u għandna wkoll orfanatrofju – *Children's Home*. **Kulfejn inkun nipprova mill-aħjar li nista' nkun preżenza ta' imħabba u ta' għajnuna** kemm għas-sorijiet sħabi kif ukoll għan-nies li jirċievu l-għajnuna tagħna. Minħabba li l-Mulej żejjinna b'vokazzjonijiet lokali fil-Kenja, diġà qegħdin nibagħtu sorijiet Kenjani biex jgħinu lill-komunitajiet tagħna barra mill-Kenja. Fil-fatt għandna tnejn minnhom jaħdmu fl-Awstralja, sitta f'Ruma, tnejn f'Malta u waħda f'Ġerusalemm.

Biex inwettaq dan kollu d-diffikultajiet u s-sagrifiċċji ma jonqsux; iżda l-għajnuna tal-Mulej u ta' dawk madwari qatt ma naf li naqsuni. **Dejjem immur lesta biex nagħti u dejjem insib ruħi nirċievi bil-wisq aktar milli nagħti. Għaliex il-Mulej hekk jimxi ma' dawk li jħobbuh!!!** Biex inwettqu x-xogħol tagħna missjunarju niltaqgħu ma' ħafna mard, faqar, u kultant anke vjolenza. Però iktar ma nafda fil-Providenza t'Alla, iktar insib għajnuna. Nemmen li Alla ma jinsa qatt lill-maħbubin tiegħu – il-fqar abbandunati.

Inkomplu nagħmlu ħilitna sabiex nedukaw in-nies u ngħinuhom b'dak kollu li qegħdin nagħmlu għalihom. **Kemm it-talb kif ukoll l-għajnuna finanzjarja li intom tagħmlu magħna l-missjunarji jgħoddu ħafna, speċjalment meta niltaqgħu ma' diffikultajiet.**

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex, flimkien ma' sħabi s-sorijiet, inwegħidkom dejjem it-talb fqir tagħna flimkien mas-sagrifiċċji li niltaqgħu magħhom. Jalla Ġesù Ewkaristija jkun għalina lkoll il-qawwa tagħna ta' kuljum minn fejn nieħdu dak kollu li għandna bżonn biex ngħinu lil ħutna fil-bżonn.

Servizz Speċjali Sena Pawlina - 3

# Ir-Rakkont ta' l-Istituzzjoni ta' l-Ewkaristija f'San Pawl (2)



kitba ta' MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

**Fost l-istudjużi hemm diskussjoni kbira jekk l-ikla li Ġesù għamel ma' l-Appostli kinitx tassew l-ikla ta' l-Għid. Però t-tweġiba hija fil-pożittiv. Fost id-diversi raġunamenti favur, ta' min isemmi dawn li ġejjin.**

### *L-ikla ta' Ġesù u San Pawl*

(a) Ġerusalemm kienet mimlija daqs bajda bil-pellegrini. Madankollu Ġesù fl-Aħħar Ċena baqa' l-belt. Dan għaliex il-ħaruf ta' l-Għid huwa meqjus bħala oġġett qaddis li kellu jittiekel ġo Ġerusalemm u wara wieħed jgħaddi l-lejl fl-istess belt.

(b) Skond Ġw 13,30, u miegħu jaqbel it-test tagħna 1 Kor 11,13, Ġesù għamel din l-ikla matul il-lejl. Dan jaqbel perfettament ma' Eżodu 12,8 għaliex l-ikla qaddisa ta' l-Għid għandha ssir "fil-għaxija".

(c) Prova oħra tal-karattru ta' l-Għid hija l-fatt li din l-ikla saret meta dawn kienu mimdudin – *anakeimenon*. Ifisser poplu li issa kiseb il-libertà. Ftakar kif ras Ġwanni kienet fuq sider Ġesù. (Ġw 13,23).

(d) L-element ta' demm u patt li jsemmi ċar ħafna Pawlu, jorbot mad-demm tal-ewwel ħruġ mirakoluż mill-Eġittu (Eż 12). Mosè amar biex demm il-ħaruf iċappsuh mal-blajjat tad-djar tal-Lhud. Hekk il-mewt ma daħlitx. Demm il-ħaruf annimal huwa sinjal ċar ieħor ta' demm Ġesù l-ħaruf veru.

(e) San Pawl jgħid ċar li Ġesù xorob l-inbid: jissemma l-kalċi 1 Kor 11,25. Qegħdin f'ikla ta' festa. Mela dawn li matul din l-ikla qaddisa kellhom jixorbu "erba tazzi inbid", ikompli jsaħħaħ il-karattru speċifiku ta' l-ikla ta' l-Għid.

(f) Pawlu lil Korintin isemmilhom it-tifkira: "Agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi" (1 Kor 11,25). Hawn nistaqsu: Mil-liema tifkira kien qed jitkellem Pawlu f'relazzjoni ta' l-ikla ta' l-Għid li għamel Ġesù? **L-ewwel tifkira** u li żgur serviet ta' pedament kienet l-ikla ta' Mosè fl-Eġittu, flimkien mat-tiċpis bid-demm mal-blajjat tal-bibien tal-Lhud; liema demm salva ħajjet it-tifel il-kbir ta' kull familja Lhudija. **It-tieni tifkira** u li hija intimament marbuta ma' l-ewwel waħda hija l-passjoni, mewt u qawmien ta' Ġesù. Hawn ukoll l-element prinċipali kien it-tixrid kollu ta' Ġesù.

Mela l-ikla li minnha u dwarha qed jikteb Pawlu, hija dik l-istess waħda li għamel Ġesù "fil-lejl li kien ittradut", u din saret fl-okkażjoni tal-Għid tal-Lhud, il-*Pesah*.

### *Ix-xandir tal-Patt b'Demm Ġesù*

Skond S. Luqa (22,15) Ġesù wera li kellu xewqa tassew kbira li jagħmel "l-ikla ta' l-Għid" qabel ma jbati. Fil-fatt Ġesù għamilha din l-ikla. Iżda x'hemm ġdid f'din l-ikla? Ġesù x'għamel li ma kienx tas-soltu?

Fil-festa tal-Għid *Pesah*, il-Lhud ifakkru l-ġrajjiet marbutin mal-ħruġ mirakoluż tagħhom mill-jasar ta' l-Eġittu – mogħdija lejn id-deżert u hekk jidħlu fl-art imwiegħda. Din il-ġrajja l-Lhud baqgħu ifakkruha sena waħda wara l-oħra permezz ta' IKLA – però waħda speċjali; ikla li titlob minn qabel bosta tħejjijiet, u li matulha jsir it-tifsir ta' dak kollu li jkun qed isir. Bl-ikla l-ġdida Ġesù ried ifakkar il-ġrajja tiegħu stess, jiġifieri li ġismu jingħata u li demmu jixxerred għall-ħelsien tal-kotra (Mt) jew għal ħafna (Mk), l-idea ta' totalità.

San Pawl jitkellem ukoll mill-"patt il-ġdid b'demmi". Il-kelma "ġdid" Pawlu żgur li kien qed jirreferi għal dak il-patt li għamel Mosè (Eż 24) f'riġlejn il-muntanja Sinaj. Dan il-patt Mosè issiġillah bid-demm ta' l-annimali. F'din l-okkażjoni Mosè raxxax id-demm fuq l-artal u fuq il-poplu. Hekk "jien inkun Alla tagħkom u intom tkunu l-poplu tiegħi". Dan il-patt ta' Mosè rabat il-poplu Lhudi m'Alla b'rabta tassew qawwija.

Pawlu lil Korintin irid ikompli jgħallimhom **bis-superjorità** tad-demm divin ta' Ġesù mxerred għall-maħfra tad-dnubiet. F'ittri oħrajn Pawlu jsemmi dan b'mod ċar u preċiż. Hekk lir-Rumani: "Lilu (Ġesù) Alla kkostitwih vittma ta' espjazzjoni b'demmu" (Rm 3,23). Lil Kolossin: "Bid-demm tiegħu mxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-Sema u fl-art" (Kol 1,20). Fl-innu Kristoloġiku li hemm lill-Efesin Pawlu jkompli jsaħħaħ il-



fidwa li ġabilna Ġesù bit-tixrid ta' demmu: "Fih aħna **għandna l-fidwa bid-demm tiegħu**, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu" (Ef 1,7-8).

U aktar, l-istess Pawlu f'ittra oħra jkompli: "Imma issa, fi Kristu Ġesù intom li darba kontu 'l bogħod, **issa tqarribtu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu**. Kristu hu s-sliem tagħna, hu li minna t-tnejn għamel poplu wieħed,billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna, l-mibegħda ta' bejnietna" (Ef 2,13-14). Mela Pawlu, meta lil Korintin kitbilhom dwar il-patt il-ġdid b'demm Ġesù kien qed jifhem dan kollu. Għaliex Pawlu kien arċi persważ li demm Ġesù kien demm divin, jiġifieri li għandu tassew qawwa divina.

***Kristu l-Ħaruf ta' l-Għid tagħna (1 Kor 5,7).***

Fl-ikla l-ġdida mhux ser ikun hemm iżjed il-ħaruf annimal. Fit-T.Ġ Kristu nnifsu hu il-ħaruf, u dan għaliex mhux biss għaliex hu msejjaħ il-ħaruf (Ġw 1,29; 1 Pt 1,19; Apk 5.6; 1 Kor 5,7) imma għaliex verament u tassew huwa hekk. Din l-idea tal-ħaruf bla dubju għandha l-għeruq tagħha (a) mal-ħaruf ta' l-Għid (Eż12) u (2) f'Iżaija 53,7. "Bħal ħaruf meħud għall-qatla". U Pawlu jkompli jaħdem u jgħallem li Ġesù huwa tassew il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna. Ħalli naraw kemm tassew dan huwa veru.

Ħadd daqs l-evanġelista Ġwanni ma wera biċ-ċar kemm tassew Ġesù huwa l-Ħaruf VERU meħud u maqtul għalina. Fil-bidu nett tar-raba' vanġelu tiegħu, nsibu dik id-definizzjoni tal-Battista lejn Ġesù: "Araw il-Ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja" (Ġw 1,29). Ġwanni l-evanġelista mbagħad ikompli jissiġilla u joħroġ għad-dawl din il-verità: Hekk dak li jxandar fil-bidu ta' l-evanġelju, jissiġillah fl-aħħar. Dawn huma l-provi:

(a) Ġesù jmut fl-istess waqt li fil-bitħa tat-tempju kienu jinqatlu numru kbir ta' ħrief. Dik il-lejla il-Lhud kellhom jagħmlu l-ikla ta' l-Għid tagħhom. U Ġesù l-Ħaruf Veru qed imut 'il barra mill-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm.

(b) Sabiex tassew joħroġ id-demm kollu, l-missier jagħti daqqa ta' sikkina f'qalb il-ħaruf – wara li jkun diġà skarnaħ. Ġesù mejjet u suldat jinfidlu ġenbu b'lanza. Ġwanni jagħmel enfasi speċjali fuq din in-nifda (19,34-36).

(c) Il-ħaruf ta' l-Għid ma kellhom ikissrulu ebda għadma. Hekk ordna Alla lil Mosè. Ġesù mejjet, suldat ikisser riġlejn iż-żewġ ħallelin imsallbin ma' Ġesù, u lilu ma jkissirlu ebda għadma. Prova oħra li Ġesù kien tassew il-Ħaruf Veru.

Issa fid-dawl ta' dan kollu, Pawlu kien jaf bih, u għalhekk b'wiċċu minn quddiem ikkonkluda: **"Il-ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul"** (1 Kor 5,7-8). F'din is-sentenza qasira imma profonda fiha nfisha, Pawlu jiġbor dak ix-xebħ kollu (1) ta' bejn il-ħaruf annimal, u l-Ħaruf veru li huwa Kristu. (2) Il-Ħaruf tal-Għid li grazzi lilu saret il-mogħdija lejn il-ħelsien, u Kristu maqtul imma rxoxtat, Kristu li għadda mill-mewt għall-ħajja. (3) Dan Kristu huwa maqtul tassew, mela l-verità sħiħa tal-fidwa, liema fidwa ġiet issiġillata bid-demm divin.

Ma' dan l-istess ħsieb jaqbel ukoll San Pietru: **"Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa"** (1 Pt 1,18-19).

Pawlu għalhekk fehem sewwa l-qawwa tad-demm divin li kellu Ġesù f'ġismu u li issa xtered kollu għall-fidwa tagħna l-bnedmin. U dan għaliex demm Ġesù jissupera u jisboq bil-bosta d-demm tal-bhejjem kollha flimkien.



# NOVEMBRU MAGĦNA!

## *Naħsbu fil-Mejtin Tagħna...*




*Nistiednu l-qarrejja tagħna biex jieħdu sehem f'kuruna ta' talb b'suffraġju għall-għeżież mejtin tagħhom, mill-Ħadd 16 sas-Sibt 22 ta' Novembru. Ser issir* ***Ġimgħa Quddies (5.30 a.m.) u Adorazzjoni Perpetwa (6.00 a.m. - 5.00 p.m.)*** *fil-Knisja ta' Savina, Victoria, Għawdex, bħala suffraġji għall-mejtin miktuba fil-lista u għall-bżonnijiet tal-benefatturi ħajjin tar-rivista. Imla l-formola li ssib f'din il-ħarġa u ibgħatha flimkien ma' offerta libera lid-****Direzzjoni, "Il-Ħajja f'Għawdex", Victoria****, mhux aktar tard mis-Sibt, 15 ta' Novembru. Il-formoli jitqiegħdu taħt l-artal tal-Knisja ta' Savina matul il-ġimgħa tas-suffraġji għall-għeżież mejtin tagħkom.*

***ID-DIREZZJONI***

L-IDENTITÀ TA' GĦAWDEX

# It-Trasport bejn il-Gżejjer



Jiktbilna
ANTON
TABONE

**Wara tnejn u erbgħin sena fil-Parlament, kemm bħala Rappreżentant ta' l-Għawdxin - li minnhom aktar minn disa' bħala l-ewwel Ministru għal Għawdex - u kemm bħala President tal-Kamra tad-Deputati, ANTON TABONE għadu jimraħ fiżikament u intellettwalment madwar Għawdex, jitkellem man-nies li ta' spiss jipprovokawh b'mistoqsijiet bħal dawn:**
***Il-mezzi ta' trasport bejn gżira u oħra għandhom ukoll sehem fl-identità ta' Għawdex?***

**Meta nitkellmu fuq il-mezzi tat-trasport tal-baħar u ta' l-ajru bejn Għawdex u Malta u lura, diġà nkunu qegħdin nidentifikaw aspett tal-ħajja li jappartjeni kollu kemm hu lill-gżira ta' Għawdex u jerġa' joħroġ fil-beraħ karatteristika ewlenija oħra. Din il-karatteristika tifforma parti integrali ta' l-identità tal-gżira.** Imkien f'Malta in-nies ma titkellem fuq il-ħtieġa assoluta ta' trasport bil-baħar, ħlief, potenzjalment dak strettament intern, biex per eżempju taqsam bejn naħa u oħra tal-Port il-Kbir, jew mix-Xatt ta' tas-Sliema sal-Port il-Kbir. U lanqas ħadd ma jitkellem fuq in-neċessità ta' servizz ta' l-ajru bejn per eżempju, il-Mellieħa u Luqa; jew bejn xi lokalità u oħra fuq il-gżira ta' Malta.

Il-konklużjoni hi li d-diskors ajru/baħar japplika bħala regola għal Għawdex u l-Għawdxin u jifforma parti sostanzjali mill-kwadru Għawdxi. Għaldaqstant Għawdex għandu il-ħtiġijiet partikulari tiegħu fejn jidħlu il-mezzi tat-trasport ma' Malta u permezz ta' Malta mad-dinja. Għalhekk **il-mezzi ta' trasport għal Għawdex u l-Għawdxin jibqgħu dejjem ta' prijorità fuq l-aġenda lokali, reġjonali u nazzjonali u rrid naħseb li din hi konsiderazzjoni ukoll fuq in-naħa l-oħra tal-fliegu.**

Kif jaf kulħadd it-trasport tal-baħar hu fdat f'idejn kumpanija statali *Gozo Channel* li għandha monopolju f'dan il-qasam. Din il-kumpanija tipposiedi tlett vapuri mibnijin apposta, biex jaqdu u jservu servizz ta' traġitti bejn iż-żewġ gżejjer għall-ġarr ta' passiġġieri, vetturi u merkanzija. Huwa stmat li l-investiment li sar mill-Gvern fil-bini ta' dawn il-vapuri hu ta' madwar erbgħin miljun liri Maltin u hu meqjus li dan kien l-ikbar investiment li Għawdex kellu bżonn għall-iżvilupp ekonomiku u infrastrutturali tiegħu. Id-deċiżjoni li jinbnew dawn il-vapuri mfasslin apposta biex jagħtu s-servizz msemmi, kienet deċiżjoni politika, u waħda tassew kuraġġuża. **Illum ninsabu ngawdu mill-frott tagħha, billi Għawdex bħala destinazzjoni tpoġġa f'livell ta' kwalità fl-aċċessibbiltà tiegħu u dan kif mistenni ħalla mpatt pożittiv, qawwi u mmedjat fuq kull min jivvjaġġa minn gżira għall-oħra.**

Il-fliegu jikkostitwixxi t-triq, il-*highway*, li tgħaqqad lill-Għawdex ma' Malta u min irid jilħaq gżira jew oħra ta' bilfors ikollu jgħaddi minnha. Huwa għalhekk li kull min joqgħod Għawdex jippretendi bi dritt li s-servizz tal-baħar għandu jkun wieħed stabbli, ta' spiss u irħis. Għalina l-Għawdxin il-vapur jitqies bħala x-xarabank tagħna, u hekk għandu jkun. Bħala regola aħna l-Għawdxin nagħmlu l-iktar użu mis-servizz għall-ħtiġijiet tagħna tan-negozju, ta' studju, ta' saħħa u ta' xogħol. Ftit nużawh għad-divertiment, sakemm ma nkunux sejrin għal btala barra minn Malta.

Għalkemm ninnota b'sodisfazzjon li l-għadd ta' Għawdxin bil-familji tagħhom li jżuru lil Malta qiegħed





dejjem jiżdied, kemm permezz ta' *weekend breaks* jew inkella żjarat ta' ġurnata bħala *day trippers*, ħafna drabi organizzati fi gruppi mill-Parroċċi, Kunsilli Lokali, eċċetra, dan hu żvilupp iddestinat li jkompli jikber. Jiġifieri **li t-turiżmu intern isir *two way*,bil-Maltin jonfqu u jinvestu f'Għawdex u l-Għawdxin jinvestu u jonfqu f'Malta.**

Infatti, perċentwali għolja taċ-ċifri ta' passiġġieri bil-vetturi tagħhom u ta' *containers* bil-merkanzija li jaqsmu bejn il-gżejjer u ppubblikati mill-*GozoChannel* ta' kull xahar fil-gazzetti lokali,jinkludu eluf ta'Għawdxin, ħafna minnhom bil-vetturi tagħhom, li ta' kuljum għal xi raġuni jew oħra jkollhom il-ħtieġa jużaw is-servizz tal-baħar li jgħaqqad lil Għawdex ma' Malta.

Ma rridx ninsa nsemmi li fil-passat kien jopera mezz veloċi ta' trasport permezz ta' l-*Aliscafo* li kien jissejjaħ l-*Iżgiċ*, u iżjed tard b'*hovermarine* u b'*catamaran* li f'temp ta' nofs siegħa kienu jwassluk mill-Port ta' l-Imġarr sa Sa Maison. **Inħoss li ta min jerġa' jidħol fil-mertu tal-possibbiltà ta' ri-introduzzjoni ta' servizz veloċi għax nemmen li teżisti l-ħtieġa tiegħu kemm għall-Għawdxin biex jinqdew dejjem iżjed u aħjar, imma ukoll għax dan it-tip ta' servizz joffri potenzjal fil-qasam turistiku ukoll.**

**Osservazzjoni li nħoss li għandi nagħmel hi li l-Kumpanija *Gozo Channel* bħala kumpanija statali għandha taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex għar-raġunijiet elenkati hawn fuq kif ukoll bħala sinjal ta' emanċipazzjoni u awtonomija fi ħwejjeġ intimament marbutin ma' Għawdex u l-iżvilupp tiegħu. Fil-verità t-trasport hu ċ-ċavetta ta' kull żvilupp u ċ-ċavetta għandha tinżamm f'idejn is-sidien ta' dan kollu!**

Niġu issa għas-servizz ta' l-ajru li hu mezz ieħor ta' trasport u ta' komunikazzjoni bejn gżira u oħra. Dan is-servizz kien ġie ntrodott bit-twaqqif ta' kumpanija bl-isem ta' *Malta Air Charter - MAC* għall-aħħar tas-snin tmenin. Fil-bidu s-servizz ingħata fix-xhur tas-sajf, iżda mill-ewwel deher li kien joffri potenzjal fil-qasam tat-trasport u malajr ġie estiż matul is-sena kollha. Il-*MAC* kienet ġestita mill-kumpanija ta' l-ajru nazzjonali l-*AirMalta*. Kumpanija Bulgara kienet tikri l-*helicopters* u tissupplixxi l-bdoti u *personnel* ieħor meħtieġ. Niftakar li f'sena waħda kienet tajret ftit inqas minn sebgħin elf passiġġier, prinċipalment fuq ir-rotta Malta/Għawdex/Malta u fuq dawk li kienu jissejħu *sightseeing tours*. Kien hemm żmien meta l-MAC kienet topera tlett *helicopters*.



Meta l-*Air Malta* iddeċidiet li toħroġ mill-kumpanija, din l-operazzjoni sfat iddestinata li ma ttirx iżjed. Għax fil-verità hu inkonċepibbli kif tista' tistenna li jkompli jopera dan is-servizz ta' l-ajru meta l-Linja Nazzjonali tabbandunah. Niftakarni ngħid meta sirt naf li l-*Air Malta* kienet se toħroġ mill-ġestjoni ta' l-operazzjoni, li bħal kont smajt il-qniepen tal-vjatku jħabbru t-tmiem ta' dan is-servizz. U sfortunatament hekk ġara. **Ninnota kuntrast qawwi fl-atteġġament tal-Gvern fir-rigward tas-servizz tal-baħar u s-servizz ta' l-ajru. F'ta l-ewwel investa miljuni sħaħ fil-bini tal-vapuri għal *Gozo Channel* u f' tat-tieni irrinunzja s-sehem li kellu permezz tal-*Air Malta*! Naħseb li ftit t'assistenza bħal dik mogħtija lill-*lowcost airlines* setgħet tagħmel differenza!** Għaliex fuq kollox tistenna li l-ixprun wara servizz ta' l-ajru domestiku għandu jkun il-Gvern li jara li min jgħix fil-periferija għandu jkollu aġevolazzjonijiet ħa jlaħħquh ma' *standard* wieħed ta' ħajja nazzjonali.

***anton.tabone@onvol.net***

## L-Arma Qawwija tar-Rużarju

# BIL-KURUNA NISTGĦ

## 1 ŻEWĠ PAPIET BI ĦSIEB WIEĦED



***Papa Ġwanni Pawlu II:***
Ir-Rużarju hu t-talba l-aktar għal qalbi.
Talba meraviljuża.
**Meraviljuża fis-sempliċità u fil-profondità tagħha.**
*29 ta' Ottubru 1970*



***Papa Benedittu XVI:***
Waqt li qegħdin niċċelebraw il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju, il-Madonna donnha kull sena qed tistedinna biex niskopru s-sbuħija ta' din it-talba:
- **hekk sempliċi**
- **hekk profonda.**

*Fl-Angelus, 1 ta' Ottubru 2006*

## 2 L-ISQOF TA' LUTSK, FL-UKRAJNA, MONS MARIJAN TROFINIAK

*Artiklu interessanti fl- "Osservatore Romano", 16 ta' Lulju 2006*

**Kien ir-Rużarju li salva l-fidi fl-Ukrajna.**

**Matul is- sebgħin sena ta' Komuniżmu, l-Ukrajna sfat bla knejjes, bla isqfijiet, bla saċerdoti, bla sagramenti, bla Ewkaristija.**

Allura, **kif żammew il-fidi matul dawn is-sebgħin sena?**

It-tweġiba hi waħda:

BIR-RUŻARJU.

Kieku xi ħadd jistaqsini: **"Kieku kellek tagħmel monument lil xi persuna li salvat il-fidi fl-Ukrajna, lil min tagħmlu dan il-monument?"**

Jiena nwieġeb:

DAL-MONUMENT NIDDEDIKAH
LIL MARA XIĦA ŻŻEBBEĠ
IL-KURUNA TAR-RUŻARJU.



Dawk salvaw lill-Ukrajna :
**Dawn l-idejn ta' bosta u bosta nies jgħidu r-Rużarju.**

**Kollox kien ipprojbit mill-Komuniżmu.**

Kull nhar ta' Ħadd in-nies kienu jinġabru fil-knejjes li kien baqa'. Saċerdoti ma kienx hemm. X'kienu jagħmlu?

Iqegħdu żewġ xemgħat jixegħlu u pjaneta fuq l-Artal tirrappreżenta lis-Saċerdot. Imbagħad jibdew jitolbu u **jgħidu r-Rużarju**.

L-Istat ma kien jagħti ebda permess.

Ma kienx hemm la kotba tal-Katekiżmu
la kotba tal-Liturġija
la kotba tal-Bibbja
la kotba tal-kant.

Kollox kien ipprojbit. La Quddies u lanqas Tqarbin!
L-unika ħaġa li setgħu jagħmlu: **Jgħidu r-Rużarju.**

L-Istat kollox kien irnexxielu jeqred: saċerdoti, isqfijiet, knejjes. Imma ma rnexxilux jeqred ir-Rużarju.

**IR-RUŻARJU ŻAMM IL-FIDI FL-UKRAJNA!**

## 3 IR-RUŻARJU TAD-*DETECTIVE*, STEVE MCDONALD

Id-*detective*, Steven McDonald darba kien *patrol* fi New York. Saret serqa u Steven mar fuq il-post biex jisfrattaha. Iżda l-ħalliel kien pront spara għad-*detective* u ħallih paralizzat għal għomru fuq *wheelchair*. U biex ikun jista' jieħu n-nifs u jitkellem kellu pajp speċjali.

Iddispra Steven meta sab ruħu mkaħħal ma' siġġu birroti. Imnalla kien il-Kardinal O'Connor, dak iż-żmien Kardinal ta' New York, li għamillu kuraġġ. Għenu jaċċetta din il-ġrajja. L-aktar żewġ kelmiet li għollewlu l-moral kienu dawk tal-Kardinal:

***"Your life is a prayer".***

**Appostlu tar-Rużarju**
Dan id-*detective* dejjem kien ta' fidi kbira u ried jagħmel xi ħaġa għall-Mulej. L-ewwel ħaġa li għamel kienet li ħafer lil Shavod Jones, dak li kien sparalu. Illum, kif jirrakkonta

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# 'U NSALVAW ID-DINJA



fil-ktieb popolari tiegħu *The Steven McDonald Story,* idur l-iskejjel ta' l-Istati Uniti jħeġġeg liż-żgħażagħ biex jaħarbu l-kriminalità u l-vjolenza.

**L-Arma Tiegħu hi r-Rużarju**

Kulfejn imur ikellem liż-żgħażagħ, jgħid magħhom posti tar-Rużarju biex jgħallemulhom.

Il-Messaġġ ta' dan id-*detective* hu sempliċi:

**"Praying the Rosary can help bring an end to violence.
The Rosary is a special prayer.
It can overcome everything."**

*Bil-Malti:*

**BIR-RUŻARJU NWAQQFU L-VJOLENZA.
IR-RUŻARJU HUWA TALBA SPEĊJALI.
BIR-RUŻARJU KOLLOX JINTGĦELEB.**

## 4 X'QAL OSCAR LUIGI SCALFARO, EKS-PRESIDENT TA' L-ITALJA



"L-imħabba tiegħi lejn il-Madonna għadha l-istess bħal meta kont ta' ħdax il-sena fl-Azzjoni Kattolika. Kont tgħallimt mingħand l-Assistent Spiritwali dawk il-kelmiet sbieħ :

**"Omm Ġesù hija
Ommna wkoll.
Hija Ommi.
Hija t-triq, il-gwida, is-Sieħba."**

**Ħin għar-Rużarju**

Ukoll jekk bħala Ministru u President kien ikollu ħafna impenji, kien dejjem isib ħin għar-Rużarju bejn impenn u ieħor. *"It-talba favorita tiegħi hi r-Rużarju. Jien dejjem fittixt li ngħidu bejn impenn u ieħor."*



**L-Eżempju tal-Madonna**

Scalfaro kien Ministru ta' l-Intern bejn l-1983 u l-1987 u kien Kap ta' l-Istat bejn l-1992 u l-1999, snin mifnija mit-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

**"F'ċerti mumenti tal-kariga tiegħi, fhimt x'ifissru dawk il-kelmiet ta' l-Innu *Stabat Mater*: Marija kienet wieqfa ħdejn is-Salib:
soda fil-fidi,
irreżistiet għal kollox,
m'għamlitx pass lura."**

"Anki jien fhimt kemm kien meħtieġ f'ċerti okkazjonijiet nibqa' sod quddiem id-diffikultajiet u quddiem ir-responsabbiltà li kelli; pront biex nirriskja l-persuna tiegħi
mingħajr biża',
u b'fiduċja kbira fl-għajnuna tal-Madonna u ta' Binha Ġesù."

*(Famiglia Cristiana, no. 51/2007)*

*TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI* (68)



# *IL-MISTERU TAL-KNISJA*

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IS-SITTAX-IL PARTI)*

## *IN-NOTI KARATTERISTIĊI TAL-KNISJA*

**Fil-Kredu tal-Quddiesa, li jiġbor flimkien is-Simbolu tal-Fidi tal-Konċilju ta' Niċea (325) u dak ta' Kostantinopli (381), aħna nistqarru li nemmnu fi Knisja, "waħda, qaddisa, kattolika u apostolika."**

Il-Konċilju Vatikan II jafferma: "Din hija l-Knisja waħdanija ta' Kristu, li fil-Kredu aħna nistqarru bħala waħda, qaddisa, kattolika u apostolika, li s-Salvatur tagħna, wara li qam mill-imwiet, taha lil Pietru biex jiragħha (Ġw. 21,17) u ħalla f'idejh u f'idejn l-Appostli l-oħra biex ixerrduha u jmexxuha, u waqqafha għal dejjem bħala "kolonna u pedament tal-verità" (I Tim. 3,15)" (*Lumen Gentium*, n.8).

Stqarrija tal-Fidi tal-Papa Pawlu VI li saret fl-1968 tgħid – "aħna nemmnu fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika u apostolika, imwaqqfa minn Ġesù Kristu fuq il-blata li hi Pietru." Din l-istqarrija nsibuha wkoll f'Simboli oħra tal-Fidi bħalma huwa l-Kredu ta' Trentu.

Il-Knisja vera ta' Kristu, mwaqqfa bis-saħħa ta' l-awtorità divina tiegħu, tista' tingħaraf mill-erba' karatteristiċi li għandha u li aħna nistqarru fil-Kredu bħala oġġett tal-fidi tagħna, jiġifieri li hija waħda, qaddisa, kattolika u apostolika, peress li l-Knisja hija misteru u għalhekk qatt ma nistgħu naslu biex nifhmu l-aspetti kollha tagħha, u ma nistgħux b'moħħna biss nagħrfu f'kollox l-pjan sħiħ li Alla għandu għaliha.

**Dawn l-erba' noti jew proprjetajiet huma bbażati fuq l-istess natura tal-Knisja, bħala Poplu t'Alla u bħala Ġisem ta' Kristu animat mill-Ispirtu s-Santu; jiġifieri, l-Knisja min-natura tagħha stess u kif riedha tkun Kristu jeħtieġ li tkun Knisja "waħda, qaddisa, kattolika u apostolika." Peress li dawn in-noti huma essenzjali għall-Knisja, hija ma tista' qatt tkun mingħajrhom, huma jibqgħu dejjem fiha u ma tista' titlef ebda waħda minnhom.**

Madanakollu ma nistgħux ngħidu li fil-Knisja pellegrina, ċioè dment li għadha f'din id-dinja, tinsab kull waħda minn dawn l-erba' noti fil-milja tagħha u fi stat ta' perfezzjoni. Imma f'kull waħda jista' jkun hemm lok għat-titjib u għall-perfezzjonament, sakemm il-Knisja kollha tissieħeb ma' Kristu fil-glorja, fis-saltna eskatoloġika, fil-"parousija" u tkun għal kollox "sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd" (Ef. 5,27).

Dwar kull waħda min-noti li semmejna rridu naraw x'kienet ir-rieda ta' Kristu dwarha, u jekk u kif din teżisti realment fil-Knisja.

### *1. IL-KNISJA HIJA WAĦDA*

**Meta ngħidu li l-Knisja hija waħda nifhmu li hija l-unika waħda li twaqqfet tabilħaqq minn Kristu, fost il-komunitajiet diversi li ħadu għalihom infushom l-isem ta' nsara. Nifhmu wkoll li fil-Knisja hemm l-unità jew għaqda; għalhekk din l-ewwel nota tal-Knisja tinkludi fiha kemm l-uniċità kif ukoll l-unità.**

**A.** Kristu waqqaf Knisja waħda biss. Ir-rieda tiegħu kienet li jkun hemm "Merħla waħda taħt ragħaj wieħed" (Ġw. 10,15). Lil Pietru qallu, "Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-setgħat ta' l-infern ma jegħlbuhiex" (Mt. 16,18). Dan ifisser li Kristu bena Knisja waħda mhux ħafna knejjes.

Li l-Knisja ta' Kristu hija unika jidher ukoll minn diversi parabboli li fihom il-Knisja hija mxebbha ma' saltna (Mt. 13,24-27) ma' merħla (Lq. 12,32) ma' maqjel (Ġw. 10-1-16) ma' dar (Lq. 14,23) ma' għalqa (Mt. 13,44) ma' għalqa tad-dwieli (Mk. 12,1-12). Dawn il-metafori kollha jissupponu soċjetà viżibbli unika, b'sultan, ragħaj u sid wieħed.

**Kif ma hemmx ħlief Alla wieħed u Mulej wieħed, hekk ukoll ma għandux ikun hemm ħlief Knisja waħda: "Għax aħna wkoll, lkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed" (1 Kor 12,13); "Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna hu membru ta' l-ieħor" (Rum.12,4-5).**

Kif josserva San Roberto Bellarmino: "Hemm Knisja waħda u mhux tnejn".

**B.** Dwar dik l-unità jew l-għaqda mogħtija minn Kristu, flimkien mal-Konċilju Vatikan II "aħna nemmnu li għadha hemm bla ma tista' tintilef fil-Knisja Kattolika u li nittamaw li tkompli tikber kuljum dejjem iżjed sa l-aħħar taż-żminijiet" ("*Unitatis Redintegratio*," n.4). **Kristu ried li fil-Knisja tiegħu ma jkunx hemm firdiet iżda li fiha issaltan l-unità; difatti fit-talba saċedotali fl-aħħar ċena (Ġw. 17,21) huwa talab għad-dixxipli tiegħu "biex ikunu ħaġa waħda kif inti fija u jiena fik." Kristu għallem li "saltna maqsuma fiha nfisha, ma tistax tibqa' wieqfa" (Mt. 12,25).**

Il-Knisja telimina minnha kull firda umana u tgħaqqad f'poplu wieħed kemm Lhud u kemm pagani, (Ef.2.14) ċivilizzati u barbari, sidien u lsiera, nisa u rġiel: "ma hemmx Grieg jew Lhudi, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, lsir jew ħieles, iżda Kristu f'kollox u f'kulhadd" (Kol.3,11); "Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (Gal. 3,28). San Pawl kiteb ukoll li "tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed" (I Kor.12,13).

**L-aġent ta' l-unità huwa l-Ispirtu s-Santu. "L-Ispirtu s-Santu, li jgħammar f'dawk li jemmnu, li jimla u jmexxi l-Knisja kollha, jagħmel dik l-għaqda ta' l-għaġeb tal-fidili u jgħaqqadhom ilkoll fi Kristu b'mod hekk intimu illi Huwa jkun il-prinċipju ta' l-unità tal-Knisja" (*Unitatis Redintegratio*, n. 2).**

Fl-ittra lill-Efesin (4,1-6) l-Appostlu jeżorta lill-insara sabiex iżommu l-unità ta' l-Ispirtu: "Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda."

It-teoloġi jiddistingwu tliet għamliet ta' unità fi ħdan il-Knisja:

**(1) l-unità tal-fidi u tat-tagħlim;**

**(2) l-unità tal-kult jew tal-qima li tingħata lil Alla, u**

**(3) l-unità tal-komunjoni, jew ta' treġija waħda.**

Dawn it-tliet rabtiet huma l-bażi ta' l-għaqda fil-Knisja u jiġbru l-membri tagħha f'ġisem wieħed.

(1) L-unità tal-fidi tfisser l-għaqda ta' l-insara kollha fi ħdan il-Knisja peress li għandhom **Kredu wieħed**, jemmnu l-istess veritajiet li tgħallem il-Knisja u joqgħodu għal l-istess tagħlim mogħti mill-Magisteru tagħha.

(2) L-unità tal-kult għax il-membri tal-Knisja jirċievu **l-istess Magħmudija** (Efes.4,5), jingħataw l-istess seba' sagramenti, **jieklu minn ħobża waħda** (I Kor.10,19) u jieħdu sehem fis-sagrifiċċju uniku tal-Liġi l-Ġdida, jiġifieri fil-Quddiesa.

(3) Hemm l-unità tal-komunjoni, għaliex l-insara membri tal-Knisja ta' Kristu huma miġbura f'**poplu wieħed** (Gal.3, 28); huma wlied ta' Alla wieħed u Missier; huma mmexxija minn **awtorità suprema waħda**, tal-kap viżibbli u ragħaj wieħed li hu s-suċċessur ta' Pietru u obbligati jobduha biex jilħqu l-għan wieħed u proprju, Knisja Waħda.

**Meta jitkellem dwar din l-unità, id-Digriet *"Unitatis Redintegratio"* (n.2) jgħidilna: "Dan hu l-misteru mqaddes ta' l-għaqda tal-Knisja, fi Kristu u permezz ta' Kristu li l-Ispirtu s-Santu jaħdem bit-tqassim ta' kull xorta ta'doni".** L-ogħla mudell u l-prinċipju ta' dan il-misteru hija l-unità, fit-Trinità tal-Persuni ta' Alla wieħed, fil-Missier, u l-Iben fl-Ispirtu s-Santu. Għalhekk, xi awturi ta' żmienna l-Knisja sejħulha wkoll "Ikona tat-Trinità Qaddisa."

L-unità fit-tagħlim, fis-Sagramenti u fit-tmexxija tal-Knisja ma tiġix nieqsa jew imfixkla meta jkun hemm xi differenza fid-drawwiet minn post għall-ieħor. Kull pajjiż għandu l-karattru, t-tradizzjonijiet u d-drawwiet tiegħu; **għad li jkun hemm diversità, iżda l-unità tibqa' sħiħa, sakemm ma jinbidilx dak li hu essenzjali fil-Knisja. Il-ħsara lill-unità ssir meta jkun hemm firdiet, ereżiji u xiżmi.**

Kif insibu fid-dikjarazzjoni tal-Kongregazzjoni tal-Fidi *"Christus Dominus"* tas-6 t'Awwissu 2000 (p.17) **"in-nuqqas ta' għaqda fost l-insara hija tabilhaqq ferita għall-Knisja, mhux fis-sens li hija tiġi mċaħħda mill-unità tagħha imma peress li l-firda hija tfixkil għat-twettiq sħiħ ta' l-universalità."**

Il-Konċilju Vatikan II esprima wkoll ix-xewqa ħerqana li mhux biss il-kattoliċi iżda l-bnedmin kollha jimxu lejn din l-unità tal-Knisja u jibdew jagħmlu sehem minnha, (*Lumen Gentium*, n. 13): "Għalhekk il-bnedmin kollha huma msejħin għal din l-unità kattolika tal-Poplu ta' Alla, unità li ġġib 'il quddiem il-paċi universali u hija sinjal tagħha qabel iż-żmien. **Jagħmlu sehem minn din l-unità kattolika jew mexjin lejha, għalkemm b'mod differenti, l-insara kattoliċi, l-insara l-oħra li jemmnu fi Kristu, fl-aħħar, il-bnedmin kollha li huma msejħin għas-salvazzjoni mill-grazzja ta' Alla."**

Il-membri tal-Knisja għandhom iħabirku sabiex l-unità fil-komunità nisranija tkompli tikber u tissaħħaħ, fil-waqt li jżommu quddiem għajnejhom il-prinċipju ta' S. Wistin, *"In necessariis unitas, in dubiis libertas, in omnibus caritas"* - **"L-unità fil-ħwejjeġ neċessarji, libertà f'dawk li huma dubji, iżda f'kollox l-imħabba."** *(jissokta)*






# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tlettax-il Parti )*

## *IL-BINI TA' L-OPRI TAL-BAĦAR FIL-GŻIRA GĦAWDXIJA (2)*

***Kif tinbena qoxra tal-baħar***

Din li ġejja hija deskrizzjoni ħafifa dwar kif tinbena qoxra tal-baħar.

Biex tibni qoxra tal-baħar l-ewwel trid tħożżha fuq karta bi skala żgħira. Wara tittrasmetti l-ħżuż għal fuq il-blataforma u tinħażż fid-daqs proprju tal-qoxra. Wara jsiru l-galvijiet. Minn fuq il-galvijiet jibdew jiġu maħżuża u sserrati l-majjieri u l-istamnari, li jkunu majjiera u żewġ stamnari għal kull figura. Xħin jitqatta' kollox, jibdew jiġu magħquda flimkien. Wara jitqatta' l-prim u z-zokk u r-rota tal-pruwa u tal-poppa. Il-prim jitpoġġa fuq l-iskall u miegħu jeħlu z-zokk u r-rota li semmejna flimkien mal-kontra-roti. Issa jibda x-xogħol ta' l-arbular, jiġifieri tpoġġi f'posthom il-figuri (majjieri u stamnari) kollha fuq il-prim li jinżammu permezz ta' pernijiet u boltijiet. Jiddawru l-forom magħhom u jsir l-użin. Wara jitwaħħlu ċ-ċinet u l-inforor. Isiru l-katnotti u l-bankijiet u kollox jintrabat ma' xulxin bil-brazzoli, jiġu ffittjati t-trinkarini tal-kurtun u t-tappieri. Fuq it-tappieri jeħlu l-bardnelli. Hekk il-qoxra issa hija soda. Jibda l-għeluq minn taħt iċ-ċinta u jasal sal-gorġa. Issa jibda l-għeluq minn taħt, minn mal-prim u jibqa' tiela' 'l fuq u fil-gorġa jeħel il-lembut li jagħlaq kollox. Hekk il-qoxra tiġi magħluqa. Issa jitpoġġew il-pastieri tal-kurtuni u l-ktajjen taz-zannuri u titwaħħal ukoll l-iskuża. Hawn jibda t-tqalfit bl-istoppa u jintużaw skriepel apposta. Wara li l-qoxra tiġi xkatlata tingħata passata minju u tiġi stukkjata. Jinħadmu l-iskalmotti, jitpoġġew f'posthom ġol-bardnell biex magħhom issir il-falkaviva. Jitwaħħlu l-listi tal-mustaċċ u jingħataw il-passati ta' żebgħa skond il-gost.

Dawn li ġejjin huma opri oħra tal-baħar, jew dgħajjes, li għandhom ukoll, ftit jew wisq, rabta mal-gżira Għawdxija. Imma qabel xejn x'nifhmu meta ngħidu 'dgħajsa'? Meta ngħidu dgħajsa nifhmu mirkeb il-baħar ta' daqs żgħir, bl-imqadef u xi drabi ukoll bil-qlugħ jew bil-mutur; kull qoxra tal-baħar ta' daqs mhux kbir ħafna. Fost oħrajn insibu: dgħajjes tal-pass b'qaddief jew tnejn u tiflaħ iġġorr għaxar passiġġieri fil-Port il-Kbir; Dgħajsa ta' Għawdex jew tal-latini u din tkun dgħajsa ta' saħħa fuq erbgħin pied tul, taqsam bejn l-Imġarr Għawdex u l-Port il-Kbir. Kienet iġġorr prodotti agrikoli, merkanzija ta' kull xorta, passiġġieri u anki bhejjem. Ġieli sejħulha wkoll dgħajsa tal-pass. Timxi bil-qlugħ latin, qlugħ trijanglu u bl-imqadef, u wara anki bil-mutur; Dgħajsa tat-taljamar li tkun bħal firilla imma ikbar u bit-taljamar; Dgħajsa tas-salvataġġ, din tkun dgħajsa bi skop li ssalva n-nies mill-għarqa, tinġarr abbord bastimenti u vapuri, u kull wieħed minn dawn ikollu għadd minnhom biżżejjed biex f'każ ta' diżgrazzja l-passiġġieri u l-ekwipaġġ isalvaw bihom; abbord dawn dejjem jinżammu mdendla mill-gruwa għal-lest.

***1. Dgħajsa tal-Latini***

Id-Dgħajsa tal-Latini, magħrufa wkoll bħala d-Dgħajsa ta' Għawdex u anki bħala Dgħajsa tal-Pass, u dan minħabba li dawn id-dgħajjes kienu jinżammu fil-Port ta' l-Imġarr u, barra li kienu jġorru l-merkanzija, kienu jġorru wkoll il-passiġġieri. Jissejħu 'tal-latini' għax kellhom qlugħ latin. Id-dgħasja tal-latini żviluppat minn fuq l-ixprunara. Għandha żewġ arbli bi qlugħ latin u pallakkun. Wara ġiet mgħammra bil-mutur. L-ismijiet tal-qlugh huma: ta' l-arblu tal-pruwa: it-trinkett; tan-nofs: il-majjistra; u l-pallakkun fil-pruwa li jinfirex mill-arblu għall-pupress. Fil-maltemp flok il-majjistra kienu jtellgħu ċ-ċillikka. Din kienet qala' iżgħar u ta' materjal aktar b'saħħtu. Id-dgħajsa

tal-latini kienet qoxra ta' saħħa mibnija minn injam tar-ruvlu u l-arżnu, u kienet tiflaħ ħafna għall-maltemp. L-aħħar żewġ dgħajjes tal-latini tradizzjonali kienu nbnew mill-aħwa Ġużeppi u Ewġenju Caruana fil-Kalkara, Malta. Dawn kienu SAGRA FAMIGLIA fl-1934 u STELLA MARIS fl-1932.



*1. Dgħajsa tal-Latini*

### *2. Xprunara*

Bastiment Malti li jixbah ħafna lid-dgħajsa tal-latini. Il-pruwa u l-poppa t-tnejn bir-rota imma fil-pruwa kellha taljamar. Dan kien bħal munqar li joħroġ 'il barra mill-pruwa. Fil-poppa kellha kabuż tal-kanvas fejn wieħed jistkenn u bħad-dgħajsa tal-latini kellha wkoll il-falki dawra tond. Kienet b'arblu wieħed bi qlugħ latin u pallakkun. Ġieli kien hemm bi qlugħ tarkija. Maż-żmien kien hemm ukoll b'żewġ jew tliet arbli. L-ixprunara kienet qoxra mexxejja ħafna. Fl-antik kien hemm minnhom jaħdmu bejn Malta u Għawdex u kien hemm oħrajn jaħdmu għal Sqallija, Napli u anki sa Ruma u Spanja.


*2. Xprunara*

### *3. Dgħajsa tat-Taljamar*

Dgħajsa ftit akbar minn ferilla li kellha taljamar fil-pruwa. Kienet tintuża għas-sajd u wkoll biex iġġorr passiġġieri. Timxi bi qlugħ tarkija u moqdief.


*3. Dgħajsa tat-Taljamar*

### *4. Gig*

Dgħajsa żgħira magħmula twila u dejqa u biċ-ċappa. Tixbah lill-frejgatina, ġeneralment timxi bl-imqadef u tintuża ħafna għat-tiġrijiet bil-qdif. Kienet tintuża mid-dilettanti għas-sajd mal-kosta jew fil-port.


*4. Gig*

### *Illum u l-futur*

Il-qxur u l-opri tal-baħar f'Għawdex l-aktar li kienu jinħadmu għas-sajjieda u għad-dilettanti. Imma llum il-ġurnata l-aktar li hawn talba għal-laneċ. Il-qxur tradizzjonali bil-mod il-mod qegħdin jispiċċaw. Is-sengħa tal-bini tad-dgħajjes qed tispiċċa wkoll għax illum in-nies tippreferi qxur tal-*fibreglass* minħabba li ma jridx manutenzjoni bħall-injam.

Il-*fibreglass* illum ħa post l-injam u ftit ftit kważi qatel għal kollox is-sengħa ta' l-injam. Daż-żmien mhux biss qegħdin jinħadmu ħafna qxur tal-*fibreglass* f'Malta u Għawdex, imma saħansitra ħafna jiġu importati minn barra wkoll.

Imma hawn ta' min igħid li għalkemm il-*fibreglass* ħa post l-injam, qoxra sintetika ma fihiex dik is-sbuħija u l-karattru li fiha qoxra ta' l-injam. B'dana kollu, b'xorti ħażina, illum l-injam jiġi għoli u jrid manutenzjoni tajba.

*(NOTA: Dan it-tagħrif ingħata fi kwestjonarju bil-miktub minn Joseph Caruana minn Għajnsielem, espert f'dan ix-xogħol, li qiegħed ukoll iħejji ktieb dwar din is-sengħa msieħeb minn dizzjunarju marittimu bil-Malti u bl-Ingliż, test akkumpanjat kollu kemm hu bi tpinġijiet rilevanti mill-istess awtur. It-tpinġijiet li qegħdin jidhru ma' dan l-artiklu tħejjew ukoll mis-Sur Caruana).*


*5. Dgħajsa tal-Pass*

*Kummentarju (3)*



# "Teżor Moħbi" li jista' jisfida l-ġuħ

*Kitba ta'* MONS. SALV GRIMA

**Is-Sena Internazzjonali tal-Patata - 2008 - imnedija mill-FAO, l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikultura fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, għandha l-għan li twassal iktar tagħrif u toħloq inizjattivi biex dan il-prodott joħroġ iktar għad-dawl. Ir-riżoluzzjoni tal-FAO ttieħdet fil-25 ta' Novembru 2005 biex isservi ta' tħejjija xierqa dwar "il-ħtieġa li titqanqal kuxjenza pubblika rigward ir-relazzjoni li teżisti bejn il-faqar, il-ħarsien ta' l-ikel, in-nuqqas ta' nutriment min-naħa u l-kontribut siewi li l-patata toffri biex jingħeleb il-ġuħ". Kien għalhekk li l-FAO sejħitilha "Teżor Moħbi".**

Hu stmat li l-patata għandha madwar 8000 sena u f'rabta ma' l-inħawi tal-muntanji Andes bejn il-Bolivja u l-Perù. L-abitanti bdew jużaw ħxejjex ta' patata li sabu bl-abbundanza, tant li jeżistu madwar 200 speċi minnha fil-Kontinent Amerikan. Dan il-prodott għadda minn storja twila sakemm sar wieħed mill-iktar ikel komuni għall-familja. Illum il-post joffri lill-abitanti varjetà ta' patata skond il-lokalità ta' fejn titkabbar, tant li sar magħruf għat-tkabbir u l-użu ta' dan l-ikel agrikolu.

### *Aqwa mid-deheb u ħaġar prezzjuż?*

Hu magħruf li l-patata nġiebet fl-Ewropa permezz ta' l-esploraturi Spanjoli meta reġgħu lura fl-1570 u jingħad li l-ewwel li daħlet fl-Irlanda kien meta sfat fuq ix-xtut ta' Cork wara l-għarqa li kienet sofriet il-flotta Spanjola. Minn dakinhar il-patata bdiet tixtered mal-kontinenti l-oħra kollha u llum tinsab f'madwar 100 pajjiż. Ma jistax jonqos li tkun ukoll is-Sena Nazzjonali tal-Patata għall-Perù u anki għall-Irlanda fejn qed jingħata iktar tagħrif liċ-ċittadini dwar il-ġid għad-dieta u s-saħħa.

Fil-każ ta' l-Irlanda, l-patata baqgħet marbuta ma' l-istorja tagħha, fejn għall-bidu kienet l-ikel supplimentari, waqt li fost l-iktar fqar bdiet tieħu post l-ikel l-ieħor flimkien mal-ħalib xkumat u hekk saret l-għajxien prinċipali għall-ħajja ta' kuljum. Meta mbagħad fis-snin 1845-7, il-pajjiż għadda minn żmien ta' diżastru u l-produzzjoni naqset għal 1 minn 12, il-poplu sofra konsegwenzi mill-iktar dolorużi.

Fl-Italja tan-nofs għall-bidu tas-seklu 17 il-patata kienet ikkultivata bħala għalf għall-bhejjem waqt li sa nofs is-seklu 18 il-Franċiżi ma riedux jikluha għax kienu jibżgħu li jaqbadhom il-ġdiem. Fil-Ġermanja l-patata kienet l-ikel tal-fqar u tal-priġunieri għax kienu jibżgħu minn xi ħsara f'saħħithom.

Dan kollu wassal biex l-użu tal-patata fl-Ewropa ma kellux ritmu mgħaġġel mill-ewwel. Riedu jkunu snin ta' skarsezza, bħalma kienu fil-gwerer, xtiewi b'kesħa kbira jew taqlib ieħor fil-klima, li kabbru l-ħtieġa tal-patata u kellu jkun il-ġuħ li serva biex iktar nies jagħmlu użu spiss minnha. Illum naraw li fil-kċejjen sabet nies jinqalgħu biex iservuha bħala ikel mill-iktar delizzjuż.

### *Artna toffri sehemha*

F'Malta l-patata ħadet spinta sew 'l quddiem mill-bidu tas-seklu 19 u llum hija l-aqwa prodott għall-industrija agrikola tal-pajjiż. Taħt il-ħakma Ingliża l-patata kienet diġà bdiet titkabbar kummerċjalment. Kien il-Gvernatur Sir Alexander Ball li beda jdaħħal varjetajiet ġodda ta' patata meta ra li kien żmien tajjeb ħafna għall-bdiewa tagħna li bdew jipproduċuha għall-qawwiet navali Ingliżi li kienu jqisuha bħala l-manna għalihom. Kienu jfornu wkoll l-ekwipaġġ tal-vapuri tagħhom fostna.



Illum l-esportazzjoni tal-patata minn Malta, li tinsab f'idejn kumpaniji privati, titwassal f'diversi pajjiżi, l-iktar lejn l-Olanda. Minn hemm ukoll tinġieb varjetà kbira ta' żerriegħa biex tinżera' fi kwantità minn Ottubru sa Frar biex jintlaħqu l-uċuħ bejn Frar u Ġunju ħalli minnhom tintbagħat is-safar skond il-kriterji mitluba mill-Unjoni Ewropea. Barra dik tas-sajf, il-bidwi Malti jaħseb ukoll għall-patata tax-xitwa li tinżera' minn Awwissu u tinġabar għall-konsum lokali minn wara nofs Novembru. Waqt li qabel kien ikun hawn żewġt uċuħ b'perijodi itwal bejniethom, illum iż-żrigħ u l-ġbir huwa fuq medda ta' 10 xhur fis-sena.

***Pjani għall-futur***

Il-produzzjoni tal-patata tista' tpatti ħafna meta jogħla ikel ieħor. Billi l-popolazzjoni fid-dinja qed tiżdied bi kważi biljun ruħ kull 10 snin u tibqa' tħabbat wiċċha ma' żidiet ta' prezzijiet, l-iktar minħabba l-konsum taż-żejt u spejjeż oħra fl-użu tal-makkinarju, qed tinħass iktar il-ħtieġa li d-dinja tagħraf tinqeda b'dan it-teżor moħbi. Huwa propju għalhekk li l-Dvern Peruvjan, quddiem it-theddida tal-prezz tal-qamħ, beda programm biex iħajjar lill-furnara ħalli jagħmlu l-ħobż mid-dqiq tal-patata. Fil-fatt dan beda jingħata lit-tfal ta' l-iskola, fiċ-ċentri ta' detenzjoni u lill-militari bil-għan li l-poplu jagħraf jibdel l-ikel li kien imdorri bih qabel. "Fl-aħħar mill-aħħar il-poplu kien dar għall-qamħ meta sabu rħis" stqarr il-ministru ta' l-agrikoltura, Ismael Benavides.

Il-programm agrikolu ta' l-Indja huwa li tirdoppja l-produzzjoni tal-patata fi żmien 5 – 10 snin oħra. Iċ-Ċina, li tikkonsma kwantità kbira ta' ross u li għaddiet minn



perijodi ta' ġuħ, saret l-iktar pajjiż li jkabbar il-patata. Warajha r-Russja u l-Indja. Minn nofs l-isfel ta' l-Afrika l-patata qed toktoi iktar minn kull wiċċ ieħor. Dis-sena stess l-għoli fil-prezz tal-ħobż fil-Latvja naqqas il-bejgħ b'10 – 15% waqt li l-konsum tal-patata żdied b'20%.

Spiss naħsbu li l-glieda kontra l-ġuħ fid-dinja tiddependi qabel kollox fuq il-mezzi finanzjarji, fi proġetti grandjużi u skond iż-żmien li jkun. Għall-kuntrarju l-qawmien ekonomiku, soċjali u uman tat-tielet dinja jista' jintlaħaq ukoll b'mezzi iktar sempliċi u fil-limiti ta' kull wieħed minna. Iż-żrigħ ta' għalqa patata tista' tkun mudell, xejn inqas milli tiffinanzja xi klinika, xi skola jew ċentru f'art imbiegħda. Ħafna missjunarji addattaw dis-sistema bl-għajnuna tal-benefatturi li flimkien taw spinta 'l quddiem fit-tħaddim ta' l-art.

**Il-patata hi tassew "teżor" li iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar għandha firxa ta' nies x'tilħaq u li tgħinhom joħolqu bilanċ fil-ħtieġa ta' l-ikel, u jekk bħan-negozjant għaqli tinqeda biha tajjeb, l-umanità tagħmel bidla għall-aħjar biex tmantni lilha nfisha. Eżempju ċar tal-providenza t'Alla li tidher f'dak li toffri l-art u b'xogħol il-bniedem.**

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN
GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

CT computertech
the name after quality, service & after sales guarantee
• Computer / Laptop Sales
• Accessories • Consumables
• Printers • Digital Cameras
WE DO SERVICES ON ALL COMPUTERS, LAPTOPS, & PRINTERS
• Format/Reinstallation/ Updates (pick-up & delivery)
• Computer Diagnostics
• Data backup to CD/DVD
• Virus Removal • Web Design
• At home computer tuition
Contact
'JCF', Frangisk Portelli St, Gharb
mob 7995 0309 tel 2701 6000
e-mail info@computertechgozo.com
For all Your Computer Needs...
...with good quality products & lowest prices on the island
www.computertechgozo.com

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Brother Michael Buttigieg S.J. (1907 - 1983)*

## *1. Missjunarju fl-Indja*



**Sabiex wieħed jagħti xhieda nisranija ma hemmx bżonn jagħmel ħwejjeġ straordinarji iżda jagħmel kollox b'dedikazzjoni. Dan narawh proprju fil-ħajja ta' Br. Michael Buttigieg, li għex ħajtu ta' *Brother* Ġeżwita.**

Michael twieled fir-raħal tal-Qala, ġewwa Għawdex, fit-8 ta' Ġunju 1907. Fi tfulitu beda jiffrekwenta l-iskola primarja ta' raħal twelidu fejn dam sas-6 *standard*. Meta telaq l-iskola beda jgħin lil missieru fin-negozju. Hekk Alla beda jħejjilu t-triq sabiex 'il quddiem huwa juża l-esperjenza li kien kiseb, mhux għall-qligħ tal-flus iżda fis-servizz tas-saltna ta' Alla. Kien jgħaddi l-jum idur jixtri l-bajd b'bixkilla mdendla ma' driegħu u jbigħ affarijiet tad-dar. Kellu ħsieb li jarma bin-negozju għal rasu. Iżda t-triqat tal-bniedem huma differenti minn dawk ta' Alla.

Beda jħoss il-vokazzjoni ta' *Brother* mal-Ġiżwiti u fl-1932 ngħaqad formalment mal-Ġiżwiti, li ġew imwaqqfin minn Sant'Injazju ta' Loyola.

Imbagħad fl-1939 ħass vokazzjoni oħra fl-istess sejħa li kellu, jiġifieri li jmur jgħin fil-missjoni tal-Indja. Fil-fatt huwa dam 44 sena fil-belt ta' Kalkutta, fejn wettaq il-ħidma tiegħu.

Il-ħidma tiegħu kienet li jkun ta' għajnuna għall-missjunarji. Kien jgħinhom materjalment billi jipprovdilhom affarijiet li wieħed seta' jagħmilhom biss f'Kalkutta. Nispjega ftit aktar ruħi. Huwa kien jaħseb u jixtri dak li l-missjunarji kienu jitolbuh u li jkollhom bżonn mill-belt ta' Kalkutta. Dawn l-affarijiet kienu jikkonsistu fi proviżjon tal-ikel, ħwejjeġ u kull xorta ta' affarijiet għax-xogħol tal-bini tal-knejjes u skejjel, bħalma huma: siment, ħadid, injam, żebgħa, kif ukoll l-inbid tal-quddies.

Barra minn hekk, kien jgħin biex jinkisbu kull xorta ta' permessi u liċenzji meħtieġa tal-gvern, xogħol ta' flus f'kull xorta ta' bank; xogħol f'uffiċini tal-gvern; kif ukoll qtugħ ta' biljetti mill-istazzjonijiet tal-ferroviji; qtugħ ta' passaġġi għall-ivvjaġġar bl-ajru u bil-baħar.

Dan kien jagħmlu biex jgħin lill-missjoni tal-Ġiżwiti Maltin li kellhom fis-Santal Parganas. Iżda mhux għalihom biss. Brother Michael kien irid jaħseb għall-missjonijiet ta' Kalkutta, Jamshedjur, Ranchi, Patna u Darjeeling. Ma' dawn wieħed irid iżid il-missjonijiet ta' ordnijiet oħrajn immexxija mill-Franġiskani u S.V.D. (*Divine Word Missionaries*) kif ukoll għal għadd diversi ta' kongregazzjonijiet ta' Sorijiet.

Biex wieħed japprezza dan ix-xogħol li kien qiegħed iwettaq, irid iqis dan il-fatt. Kieku ma kienx huwa, il-missjunarji riedu jħallu l-missjoni tagħhom u jagħmlu vjaġġ ta' bejn 8 u 14-il siegħa ferrovija sabiex jaslu Kalkutta. U mbagħad kieku kienu jagħmlu hekk, kienu jisservew aktar bil-għoli u bi ħwejjeġ anqas tajba milli kien jaf jixtri Brother Michael. Kien jaf sewwa l-belt ta' Kalkutta u minn fejn isib l-aħjar kwalità u kif ivarjaw il-prezzijiet.

Ħidma oħra li kien jagħmel u mhux sewwa li nħalluha barra hija dik li kien irid jaħseb li jakkwista kull xorta ta' kotba għall-eluf kbar ta' tfal, mhux biss fl-Indja, imma barra mill-Indja. Fil-fatt insibu ismu miktub fuq il-kotba tas-Sunskrit u oħrajn miktuba bl-Indjan bħala l-pubblikatur ta' dawn il-kotba. Barra minn hekk, filgħodu kien jiftaħ ħanut li jforni lill-mijiet ta' tfal kull ma jeħtieġu għall-iskola, bħalma huma kotba, pitazzi, lapsijiet u linka.

Biex iwettaq dan ix-xogħol ta' fejda ħtieġlu jżomm għadd kbir ta' korrispondenza, kif ukoll iterraq mal-belt ta' Kalkutta u hekk iħabbat wiċċu ma' kull xorta ta' negozjanti u jippakkja kollox bl-ordni f'kaxxi jew pakketti u jibgħathom fid-destinazzjoni tagħhom bil-ferrovija, trakkijiet jew bl-ajru.

Fit-2 ta' April 1982 kellu x-xorti li jiċċelebra l-ħamsin sena fil-Kumpanija ta' Ġesù. Ingħaqad mal-Mulej fit-3 ta' April 1983, wara li kien ilu f'Kalkutta 44 sena.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela hija bbażata fuq dawn l-artikli: Tislima lil Brother Michael Buttigieg S.J. miktub minn Fr. Angelo Camilleri (Leħen il-Qala, Serje C, Nru. 1, Awwissu 1983); Brother Mikiel Buttigieg S.J. Missjunarju 1907-1983 miktub minn Br. J.A. Vella S.J. (Lil Ħbiebna, Mejju 1983); Iktar dwar Brother Michael S.J. – L-Omelija fil-Quddiesa (Lil Ħbiebna, Ġunju 1983).*

Għawdex Online (3)



# Il-Ministeru għal Għawdex (1)



*riċerka u kitba ta'* **SALVU FELICE PACE**, sfelicepace@mail.global.net.mt

**Il-websajt tal-Ministeru għal Għawdex hija mibnija fuq diversi kunċetti kumplementari. Dawn huma t-tagħrif dwar l-organizzazzjoni tal-awtorità ċivili fil-gżira, il-promozzjoni tal-gżira mill-lat kulturali u dak storiku, is-servizzi li jistgħu jintlaħqu kemm mill-kumdità tad-djar permezz tal-*internet* u oħrajn, l-istorja ta' Għawdex u l-poplu tagħha bil-karatteristiċi tagħhom. F'din l-ewwel parti ser nikkonċentra fuq il-kontenut tal-websajt li hija mimlija daqs bajda. Fil-ħarġa li tmiss nagħti ħarsa lejn kif int u ta' madwarek tistgħu tinqdew bis-servizzi li toffri s-sit *online*.**

Il-Ministeru għal Għawdex huwa fiċ-ċentru tal-amministrazzjoni. Fis-sit issib informazzjoni utli ħafna biex tkun tista' tikkomunika mad-diversi persuni li jieħdu hsieb l-aspetti kollha tax-xogħol li jitwettaq mill-Ministeru. Dan ix-xogħol huwa elenkat fil-*mission statement* tal-Ministeru li jgħid hekk: 'L-għan tal-Ministeru huwa li jippromwovi żvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali f'Għawdex u fl-istess waqt jippreserva l-ambjent u l-identità unika tal-gżira.' Minn hemm is-sit tgħaddi biex tagħti lista tal-miri ewlenin, madwar għoxrin mira, ta' xogħol il-Ministeru. Il-persuni li huma politikament responsabbli biex jaraw li dawn l-għanijiet jintlaħqu huma dawk li jmexxu s-segretarjat privat tal-Ministru, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru u d-Diretturi. L-isem ta' dawn is-sinjuri huwa kkumpanjat b'numru tat-telefon kif ukoll indirizz ta' *email.*

L-istess jista' jingħad għad-Dipartimenti kollha fi ħdan il-Ministeru. Kull taqsima ta' kull dipartiment hija mniżżla fis-sit bl-isem tagħha, bil-ħinijiet tal-ftuħ għall-pubbliku, bil-mod kif jista' jsir kuntatt mat-taqsima, il-persuna inkarigata bit-tmexxija, l-isem tal-persuna, numru tat-telefon u indirizz ta' *email.* Fis-sit issib kopji tal-fuljett 'Għawdex' maħruġ mill-Ministeru kif ukoll l-offerti pubbliċi li joħorġu minn żmien għal ieħor.

Taqsima importanti u ta' promozzjoni għall-gżira hija dik bl-isem 'Dwar Għawdex'. Hawn issib ħarsa fil-qosor tal-istorja tal-gżira u l-karatteristiċi li sawru kemm lill-gżira kif ukoll lill-poplu. Il-websajt fiha kollezzjoni kbira ta' ritratti f'taqsima bl-isem 'Skopri l-kuluri veri ta' Għawdex'. Din it-taqsima, rikka u varja kemm trid, tassew toħroġ l-aspetti kollha tal-gżira u tan-nies li ta' kuljum ikomplu jsaħħu l-identità unika ta' Għawdex bis-snajja tagħhom, bl-arti, bl-osservanza ta' ġrajjiet reliġjużi, soċjali u kulturali annwali u ħafna aktar. Fost dawn ir-ritratti tispikka wkoll l-arkitettura li titfa dawl fuq l-istorja kemm tal-qedem u dik kontemporanja. Parti importanti tal-websajt fiha tagħrif dwar proġetti finanzjati kompletament jew parzjalment mill-Unjoni Ewropea. Dawn il-proġetti familjari ħafna kemm ma' l-Għawdxin u l-viżitaturi għandhom firxa wiesgħa, minn




toroq mibnija mill-ġdid sa skemi ta' taħriġ mill-ETC għal diversi kategoriji ta' ħaddiema.

Ma jonqsux mis-sit riferenzi dwar l-Arkivju Nazzjonali (Sezzjoni Għawdex), Mużewijiet, siti arkeoloġiċi, attrazzjonijiet, bajjiet, bliet u rħula u l-kampanja Għawdxija. Riferenzi oħrajn jitfgħu dawl fuq niċeċ turistiċi bħal dik tal-għadds. Bħala gżira turistika, l-akkomodazzjoni u r-restoranti jingħataw ukoll l-importanza li jixirqilhom fil-websajt.

Żewġ taqsimiet importanti fil-websajt huma dawk dedikati lill-Kunsilli Lokali u l-NGOs. Fil-paġna tal-Kunsilli Lokali ssib l-indirizz tal-lokal kif ukoll *link* li permezz tagħha tista' tidħol fil-websajt ta' kull Kunsill. (Hawn nagħmel appell biex dawn il-websajts jinżammu aġġornati). Mill-paġna dwar l-Assoċjazzjoni tal-NGOs tista' tidħol fil-websajt tagħhom stess bl-indirizz www.gozo-ngos.org/en/

Il-websajt fiha kollezzjoni dettaljata tal-istqarrijiet kollha li ħarġu mill-Ministeru mis-sena 2005 sal-lum. Dan huwa servizz importanti għall-ġurnalisti bħala lok ta' riferenza. Il-websajt, li tista' tinqara bil-Malti jew bl-Ingliż, tistieden il-kummenti ta' dawk li bl-eluf iżuru l-gżira. Hemm numru sabiħ ta' kummenti pożittivi ħafna minn turisti minn diversi pajjiżi barranin, fosthom numru ta' mistiedna li tant ħadu gost waqt iż-żjara tagħhom b'dak li toffri l-gżira Għawdxija, li issa jew għandhom it-tieni proprjetà tagħhom fostna jew ġew joqgħodu magħna.

Din hija websajt li tixraq lil Għawdex u l-poplu tiegħu.

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (8)** *minn* **JOHN CREMONA**

# Il-Fortizza li qatt ma rnexxielha ssir belt!




**Waħda mill-isbaħ u żgur l-akbar inċiżjoni li teżisti ta' Għawdex hija din li turi l-fortizza ta' Chambray u l-port ta' l-Imġarr magħmula minn A.F. Gervais Depalmeus fl-1754.**

Il-belt il-ġdida ta' Chambray bdiet tinbena fl-1749 wara li l-kongregazzjoni tal-gwerra bl-approvazzjoni tal-Gran Mastru Pinto aċċettat it-talba tal-Balliju Jacques Francoise de Chambrai li offra li minn flusu jibni din il-belt ġdida fuq il-post magħruf bħala Ras-et-tafal fuq ir-riħ tal-port ta' l-Imġarr. Il-pjanta kienet saret madwar tletin sena qabel minn Louis Franas d'Aubigne de Tigne'. Il-fortizza ħadet żmien twil biex inbniet kemm minħabba problemi strutturali li ltaqgħu magħhom kif ukoll minħabba nuqqas ta' ħaddiema. Fatt interessanti huwa li Chambrai nnifsu informa lill-kongregazzjoni tal-gwerra li l-proġett ma' setax jimxi 'l quddiem minħabba l-ħaddiema diżubbidjenti u dan wassal biex intbagħtu suldati biex jikkontrollaw is-sitwazzjoni. Tant is-sitwazzjoni kienet ħażina li nħareġ digriet li kien jipprojbixxi lill-ħaddiema ta' fuq is-sit li jagħmlu xogħol ieħor u saħansitra Chambrai talab lill-Gran Mastru biex jagħlaq il-barrieri kollha ta' Għawdex biex b'hekk kulħadd ikollu jaħdem fuq dan il-proġett. Ma rnexxilux. Il-Balliju Chambrai miet fl-1756 fl-età ta' sebgħin sena mingħajr ma ra l-belt tiegħu lesta.

L-inċizjoni turi l-pjanta tal-fortizza fuq in-naħa tax-xellug bit-tqassim tal-bini li kellu jkun hemm fiha. Hija kellha ssegwi l-pjanta forma ta' gradilja bħal ma hija mibnija l-Belt Valletta. Fiha kien hemm ippjanati diversi binjiet minbarra djar għannies fosthom il-palazz tal-Gvernatur bi ġnien spazjuż u knisja parrokkjali. Kull blokka residenzjali kellu jkollha bitħa ċentrali jew spazju li kien jista' jintuża biex jakkomoda aktar nies u bhejjem f'kas ta' assedju. Fuq in-naħa tal-lemin jidher it-torri Garzes bil-proposti ta' fortifikazzjonijiet li qatt ma saru filwaqt li bejniethom jidher il-port ta' l-Imġarr bit-tqassim regolari tal-ġonna tal-Gran Mastru.

Din l-inċiżjoni saret fuq karta sfuża u ma tiffurmax parti minn xi ktieb u takkumpanja inċiżjoni oħra kbira ta' mappa tal-gżejjer Maltin magħmula mill-istess Depalmeus. Aktar tard ħarġet edizzjoni oħra ta' l-istess pjanta; din fiha deskrizzjoni tal-fortizza fil-kantuniera ta' fuq tan-naħa tal-lemin.

Fl-1752, meta Depalmeus kien qed jaħdem fuq din il-pjanta kif ukoll fuq il-mappa li semmejt qabel, insibuh jikteb lin-nepputi ta' Chambrai li allura kien il-Markiz ta' Chambray u filwaqt li jinfurmah bil-proġett tiegħu li jippubblika dawn il-pjanti, jitolbu s-sostenn u l-patroċinju tiegħu. Finalment din il-pjanta ġiet dedikata lill-Gran Prijur ta' Franza il-Prinċep Du Sang.

A.F. Gervais Depalmeus kien l-inġinier, disinjatur u ġeografu tar-Re Lwigi XVI ta' Franza, pożizzjoni prestiġjuża ferm. Huwa ħalla diversi pjanti ta' kwalità li llum huma mfittxija u apprezzati ħafna.

L-inċiżjoni hija intitolata *Plan de la cite neuve de Chambray dans l'Isle du Goze.* Ġiet inċiża minn J Lattrè u għandha qisien ta' 575mm x 875mm.

Il-fortizza ta' Chambray qatt ma attirat nies aktarx minħabba li l-biża' ta' attakki kien naqas u n-nies bdew jitferrxu fil-kampanja. Ironikament intużat biss għal attakk mill-Għawdxin fuq il-Franċiżi li ingħalqu fiha fl-1798.

Bil-mod il-mod in-nies illum bdew deħlin ġo fiha. Forsi llum Chambrai ser jaqta' xewqtu...?

Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 167

Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2008

# Kuntratt għall-provvista ta' laħam frisk

**Id-dokument numru mija sebgħa u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar il-għoti tal-kuntratt għall-provvista ta' laħam frisk. Dan id-dokument b'tagħrif ieħor interessanti jinsab reġistrat fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjonali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1707-1708), folju 121 (NAG, UG, *Acta*, 10 (1707-1708) f. 121).**

Din hi traskrizzjoni ta' l-ewwel silta tal-kuntratt:

> *Personalmente constituito in presenza di me Mastro Notaio e testimoni infrascritti, Giacchi Farrugia del fu' Mastro Pascale, macellaio di quest'isola del Gozo a me Mastro Notaio sudetto conosciuto spontaneamente promese e s'haver obligato come per il presente, obbliga alli Perillustrissimi e Mastro Spedaliere Signor Dottor Filippo Cotogna, Dottor Fisico Giuseppe Gauci, nonche Aloisio Grech e Giovanni Zammit, giurati di detta isola premessa e a nome e per parte dell'Università di essa isola, stipulati di fornire e provedere la piazza della medesima isola della miglior carne che si ritrova del paese, cioè montoni, agnellastri, agnelli, agliastre, e capretti, ne' giorni di ...*

Nhar is-17 ta' Awwissu, 1708 – tliet mit sena ilu – Ġakki Farrugia, biċċier, mar l-uffiċċju tal-Università ta' Għawdex biex jorbot ruħu b'kuntratt ħalli jipprovdi l-laħam lill-*piazza della medesima isola*, jiġifieri lill-Għawdxin.

Għall-Università ta' Għawdex deħru xejn inqas minn erba' persuni, jiġifieri, it-tabib Filippo Cotogna, deskritt bħala l-mastru ta' l-isptar; it-tabib fiżiku Giuseppe Gauci; u l-ġurati Aloisio Grech u Giovanni Zammit. Il-preżenza tas-supratendent ta' l-isptar u ta' tabib fiżiku juri li l-Università kienet ukoll tikkontrolla l-laħam li l-biċċier kien jipprovdi. Il-kuntratt iniżżel b'mod ċar li l-laħam kellu jkun ta' l-aħjar kwalità.

Aloisio Grech, kif ingħad kemm-il darba fil-pubblikazzjoni ta' dokumenti oħra, kien ġurat u teżorier ta' l-Università. Kellu l-professjoni ta' nutar u għalhekk possibbilment kien hu wkoll li kiteb dan il-kuntratt għall-provvista tal-laħam.

Ġakki kien obbligat jipprovdi ħames xorta ta' laħam: tal-*montoni*, muntun; tal-*agnellastri*, ħrief imdaqqsa; tal-*agnelli*, ħrief; tal-*agliastre*, ħrief miftumin; u tal-*capretti*, gidien. Il-laħam kellu jkun ipprovdut is-Sibt, it-Tnejn, u l-Erbgħa, fi kwantità biżżejjed għad-domanda tan-nies. Il-laħam kellu jitħalla espost għall-bejgħ minn wara nofsinhar tal-jiem imsemmija sa fil-għodu tal-jum ta' wara.

Barra dan kien obbligat ukoll li jipprovdi erba' għoġġiela mill-aqwa: waħda għall-festa tal-Milied; oħra għall-*Giovedi Gras*, il-Ħamis ta' qabel il-Karnival; oħra għall-aħħar Sibt tal-Karnival; u l-aħħar waħda għal Għid il-Kbir.



Il-kuntratt jobbliga lil Ġakki biex il-laħam għall-bejgħ kellu jittieħed l-ewwel lir-rappreżentant ta' l-Università biex jeżamina l-kwalità tiegħu. Kien biss wara li l-laħam ikun iċċertifikat, li seta' jinħareġ għall-bejgħ.

Il-kuntratt jistipula wkoll il-prezz li bih kellu jinbiegħ il-laħam: tal-*montoni*, *agnellastri*, *agnelli*, *agliastre*, u *capretti*, irbiegħi u għaxar ħabbiet ir-ratal; waqt li l-prezz tal-vitella kellu jiġi miftiehem meta jkun il-waqt.

Dan il-kuntratt importanti jdaħħal klawsola ġdida. Mill-1 ta' Novembru, Ġakki kien qiegħed ukoll ikun obbligat ħalli jibda jforni s-suq b'għoġol fil-ġimgħa. Dan ifisser li kienet kibret id-domanda għall-vitella, li jfisser li kienu żdiedu l-flus fl-idejn. Ta' min igħid li fis-sena 1708, tliet mit sena ilu, kienet qed tinbena mill-ġdid il-knisja Matriċi, illum il-Katidral ta' Għawdex u kien hawn numru kbir ta' Għawdxin involuti fil-bini tagħha.

Id-dokument hu kopja ta' l-insinwa li saret fil-Palazz tal-Granmastru, il-Belt Valletta, xi jiem wara li kien sar il-kuntratt.

Passiġġata Biblika - 39

*"L-imħabba ta' Kristu ġġegħilna naħsbu dan: li wieħed miet għal kulħadd, mela kulħadd miet. U miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu, ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom." (2 Korintin 5:14-15)*

# NGĦIXU FL-IMĦABBA L-QAWMIEN TA' KRISTU

## Ħarsa lejn it-Tagħlim fiż-Żewġ Ittri ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *Il-Belt ta' Korintu*

**Il-Belt ta' Korintu kienet il-kapitali tal-Provinċja tal-Akaja, fil-Greċja tal-lum; kienet belt ta' kummerċ kbir bejn l-Italja u l-Asja Minuri, bi tliet portijiet u għalhekk b'kontroll assolut tal-ibħra kemm ta' lvant kif ukoll tal-punent. Il-belt kienet magħrufa ukoll għall-ħajja laxka tagħha. Infatti l-kelma Griega '*korinthiazein*' kienet tfisser 'persuna li tgħix il-ħajja ta' Korintu', ħajja mingħajr regoli u dixxiplina, ħajja baxxa u immorali. Il-belt kienet magħrufa ukoll għal-logħob u l-kompetizzjonijiet sportivi Istmiċi li kienu jsiru kull sentejn.**

**San Pawl innifsu waqqaf il-Knisja f'din il-belt madwar is-sena 51 W.K. wara li qabel kien ippriedka ġewwa Ateni, kif insibu fl-Atti 18:1-18 matul it-tieni vjaġġ missjunarju. F'dan iż-żmien kien hemm il-Prokonslu Gallju f'Korintu (ara Atti 18:12). Huwa dam fil-belt għal 18-il xahar jgħallem fost il-Korintin il-Kelma t'Alla minkejja li huwa sab oppożizzjoni kbira. F'Korintu niltaqgħu mal-koppja ħabrieka għall-Evanġelju, Akwila minn Pontu u martu Priska (Prixilla) u li kienu għenu ħafna lil San Pawl u li magħhom kien jaħdem it-tined (bil-Grieg: *skenopoioi*) u li kienu marru miegħu meta telaq lejn Efesu (ara 1 Kor 16:19). Huwa żar ukoll din il-belt fit-tielet vjaġġ missjunarju fiż-żmien li fih kiteb l-ittra lir-Rumani bejn is-snin 57 u 58 W.K.**

### *L-Ewwel u t-Tieni Ittra lill-Korintin*

Dawn iż-żewġ ittri, flimkien mal-Ittra lill-Galatin u lir-Rumani jiffurmaw l-erba' 'ittri l-kbar' ta' San Pawl u dan minħabba kif semmejna fil-ħarġiet ta' qabel, għall-importanza teoloġika kbira tagħhom. **L-Ewwel Ittra lill-Korintin inkitbet madwar is-snin 54 u 57 W.K. minn Efesu waqt it-tielet vjaġġ missjunarju.** Huwa kiteb din l-ittra wara li rċieva mid-dar ta' Kloje aħbarijiet dwar diffikultajiet li kienu qegħdin iħabbtu wiċċhom l-insara ta' Korintu u xi sitwazzjonijiet immorali: *"Kulħadd sema' li hemm iż-żina fostkom, u żina li anqas issibha fost il-pagani..."* (1 Kor 5:1). Hu wieġeb billi ta soluzzjonijiet dwar dawn il-problemi, iwiddibhom u jisħaq fuq il-qawmien mill-imwiet u għalhekk għandna tagħlim dwar il-Knisja b'rabta ma' Kristu u l-Qawmien tal-Ġisem għall-ħajja ta' dejjem.

**It-Tieni Ittra lill-Korintin inkitbet mill-Maċedonja lejn it-tmiem tas-sena 57 W.K.**, fejn San Pawl jurihom is-sodisfazzjon tiegħu talli laqgħu t-twiddib tiegħu u jerġa' jwissihom ħalli jibqgħu fit-triq it-tajba. Hawnhekk tidher fuq kollox l-imħabba ta' San Pawl għall-insara u li kien iħoss meta l-predikazzjoni tiegħu kienet issib it-tfixkil. Huwa jesponi fuq kollox l-awtorità appostolika tiegħu fid-dawl tat-tbatija u l-glorja tiegħu għal Kristu.

### *Id-Doni Spiritwali*

San Pawl fl-ittri tiegħu jħobb jitkellem mill-frott u mid-doni (kariżmi) ta' l-Ispirtu ta' Alla u dan jidher ċar fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: *"Hemm imbagħad diversi doni, imma wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. Lil wieħed tingħata r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd; lill-ieħor kliem il-għerf mill-istess Spirtu; lill-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu; lill-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu; lill-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu; lill-ieħor is-setgħa tal-mirakli, lill-ieħor id-don tal-profezija; lill-ieħor id-don ta' l-għażla ta' l-ispirti; lill-ieħor diversi ilsna; lill-ieħor it-tifsir ta' l-ilsna. Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu"* (1 Kor 12:4-11; ara ukoll 1 Kor 12:29-30). Huma dawn il-kariżmi differenti u magħqudin ma' xulxin li huma importanti għall-binja tal-Knisja ħalli tidher iktar il-qawwa ta' l-Aħbar it-Tajba tal-Evanġelju.



*L-"Agora" (market-place) ta' Korintu fi żmien il-predikazzjoni ta' San Pawl*

### *Il-Qawmien ta' Kristu mill-Imwiet*

Din hija l-Aħbar it-Tajba li jrid ixerred San Pawl, il-proklamazzjoni (bil-Grieg: *kerygma*): *"li Kristu miet għal dnubietna, skond il-Kitba, u kien midfun u qam it-tielet jum skond il-Kitba, u deher lil Kefa, imbagħad lit-Tnax. Imbagħad deher lil aktar minn ħames mija, aħwa, f'daqqa, li ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum, oħrajn mietu. Imbagħad deher lil Ġakbu, imbagħad lill-appostli kollha. Fl-aħħarnett deher lili, bħala rimi"* (1 Kor 15:3-7). Dan it-test huwa l-eqdem tagħlim dwar l-ikbar verità tal-kristjaneżmu, miktub qabel ukoll l-erba' evanġelji.



*Il-"Bema" (il-qorti) fejn San Pawl ġie akkużat (Atti 18, 12) f'Korintu, imma meħlus.*

Infatti dan il-messaġġ tal-qawmien mill-mewt tal-ġisem, jinsab jidwi sewwa f'dawn iż-żewġ ittri. Kienu bosta dawk f'Korintu li kienu qed isibuha diffiċli sabiex jaċċettaw il-qawmien tal-ġisem u dan għaliex il-Griegi influwenzati mill-Platoniżmu kienu jemmnu fl-immoralità tar-ruħ biss u mhux fil-qawmien tal-ġisem wara l-mewt. Dan nistgħu naraw fid-diskors ta' San Pawl fl-Areopagu ta' Ateni fejn kien jiltaqa' l-Kunsill tal-belt kif naraw f'Atti 17:16-34. Pawlu jsemmi l-verità tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Il-qawmien ta' Kristu huwa r-rebħa suprema tiegħu fuq il-mewt darba għal dejjem, huwa garanzija għall-qawmien tal-ġisem tagħna għall-ħajja ta' dejjem fl-aħħar jum.

### *L-Imħabba ta' Kristu ssuqna*

San Pawl jeżalta l-imħabba nisranija fil-kapitlu 13 fl-Ewwel Ittra lill-Korintin: *«L-imħabba taf tistabar; l-imħabba hi twajba, ma tgħirx, l-imħabba ma tiftaħarx, ma titkabbarx; ma tagħmilx dak li ma jixraqx, ma tfittixx dak li jaqblilha, ma teħux għaliha, ma żżommx f'qalbha għad-deni, ma tifraħx bid-dnewwa, imma tifraħ bis-sewwa. Kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti»* (1 Kor 13:4-7). Hawnhekk għandna l-innu tal-imħabba vera, il-karità; waħda mill-isbaħ paġni tal-Ġdid Testment. L-imħabba terġa' tissemma fil-kapitlu 5 tat-Tieni Ittra lill-Korintin: *"Aħna mela ambaxxaturi ta' Kristu; qisu Alla qiegħed iwissi permezz tagħna. Nitolbukom f'ġieħ Kristu: tħabbu ma' Alla"* (2 Kor 5:20). Hija din l-imħabba ta' Kristu li ssuq lil Pawlu biex iħobb l-Evanġelju akkost ta' kollox: *"Iva nitgħaxxaq bid-dgħufijiet tiegħi, bit-tgħajjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq għal Kristu, għax meta jien dgħajjef, jien inkun qawwi"* (2 Kor 12:10). Uħud isostnu hawnhekk li l-kapitli 10 sat-13 tat-Tieni Ittra lill-Korintin bħala parti 'mill-ittra tad-dmugħ' ta' San Pawl fejn qiegħed jesprimi t-tbatija tiegħu għall-glorja tal-Evanġelju ta' Kristu.

### *Konklużjoni*

F'din il-ħarġa tajna ħarsa ħafifa ferm dwar it-tagħlim ta' San Pawl fiż-żewġ ittri tiegħu lill-Korintin. Għad baqa' oċean immens ta' tagħlim li wieħed jiltaqa' miegħu f'dawn iż-żewġ kapulavuri teoloġiċi. Nagħlaq bil-ħsieb ta' San Pawl dwar l-Ewkaristija: *"Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda"* (1 Kor 10:16-17). Hija din l-imħabba ta' Kristu fl-Ewkaristija (bil-Grieg: *agape*) li trid 'issuqna' lejn il-qawmien tagħna għall-ħajja ta' dejjem. Żgur li dan huwa l-iskop tal-Missjoni Djoċesana li qegħda tibda fid-djoċesi tagħna fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina.

### *Biblijografija*


BARBAGLIO, G., *La Prima Lettera ai Corinzi*, Bologna 1995.

DE BOER, M.C., *"The defeat of Death. Apocalyptic Eschatology in 1 Corinthians 15 and Romans 5"*, JSNTSS 22 (1998) 93-140.

BRUCE, F.F., *1 and 2 Corinthians*, Grand Rapids (MI) 1971.

GHIDELLI, C., *Un Anno con San Paolo, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano - Ortona per l'anno dedicato a San Paolo*, Torino 2008.

HAFEMANN, S.J., *"Lettere ai Corinzi"*, in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.); R. Penna (edizione italiana), *Dizionario di Paolo e delle sue lettere*, Torino 2000, 298-324.

LIETZMANN, H., *An die Korinther I/II*, Tübingen 1969.

SEGAL, A.F., *"Paul's Thinking about Resurrection in its Jewish context"*, NTS 44 (1998) 400-419.





TIEQA FUQ L-AMBJENT (6)

# Fl-imgħoddi ċ-Ċawl kien ibejjet f'Għawdex - qridnieh. Illum il-Gamiem tal-Kullar qed jipprova jbejjet – m'aħniex inħalluh.



*kitba ta'* **Joe Sultana**

Kien għall-ħabta ta' nofs April 1956, ħamsa u tletin sena ilu, meta l-aħħar Ċawla li kien fadal dehret tittajjar bejn ir-Rabat u x-Xagħra. Kienet sejra lejn l-Għolja tad-Dabrani fejn kienet tqatta' l-lejl. Dakinhar kaċċatur Malti li kien għall-kaċċa f'Għawdex qatilha b'tir ta' senter. Kienet l-aħħar waħda minn dak iċ-Ċawl li kien għadu jbejjet f'Għawdex, fis-sies tal-Qortin tax-Xagħra bejn Marsalforn u Għajn Barrani.

Ġużeppi Despott, li kien Kuratur tal-Mużew tal-iStorja Naturali ta' Malta, kien ilu li bassar li din it-tajra għad tinqered minn pajjiżna għax fl-1915 kien kiteb *"Jingħad li barra minn Malta ftit huma dawk il-pajjżi fejn iċ-Ċawla ma ssibx post fejn tgħix, iżda f'Malta ftit huma dawk il-postijiet fejn issibha. Dan l-għasfur imsejken huwa ppersegwitat is-sena kollha, l'aktar fiż-żmien tal-bejta. Jekk din il-persekuzzjoni ma tieqafx, iċ-Ċawl ma jdumx ma jinqered minn pajjiżna"*. U hekk ġara. Illum iċ-Ċawla m'għadhiex tinstab f'pajjiżna; inqerdet għal kollox. Għajb għalina, iżjed u iżjed meta wieħed ikun jaf li din it-tajra kienet imħarsa bil-liġi sa mill-1916.

Iċ-Ċawla ma kinitx tal-passa f'pajjiżna u kienet residenti, jiġifieri tinstab hawn is-sena kollha. Jingħad li kien hawn żmien meta kienet komuni ħafna u fi żmien il-Gran Mastri Gregorio Caraffa u Adrian de Wignacourt, iżjed minn tlett mitt sena ilu, kienu ħarġu tliet bandi li jħeġġu l-qtil taċ-Ċawl biex in-numru tagħha jonqos, għax kien żdied ħafna. Għall-ħabta ta' l-1860 iċ-Ċawl kien reġa' żdied għax l-ornitoloġista Ingliż Charles Wright kien kiteb li ċ-Ċawla kienet bdiet tbejjet anki fis-swar tal-Belt u saħansitra kont taraha anki fuq il-bjut fil-qalba tal-Belt. Iżda għall-bidu tas-seklu li għadda kienet bdiet tonqos u Ġużeppi Despott kien kiteb li kienet għadha tbejjet biss fix-xquq u t-toqob fis-sisien li jagħtu għal fuq il-baħar, għax kienet ippersegwitata ħafna.



*Ċawla - ritratt ta' H.E. Axell*

Għan-nofs is-seklu li għadda f'Malta kienet għadha tbejjet biss fl-inħawi tal-Mellieħa, u f'Għawdex kienet għadha tbejjet fi Mġarr ix-Xini u fix-Xagħra. Għalkemm iċ-Ċawla ma kinitx xi tajra li tispikka fil-kulur jew fl-għana, xorta waħda kienet tagħmel parti mill-wirt naturali ta' pajjiżna u l-qerda tagħha ħalliet vojt ieħor fl-ambjent naturali ta' pajjiżna.

Iċ-Ċawla (bl-Ingliż *'Jackdaw'* u xjentifikament *Corvus monedula*) hija sewda kollha kemm hi ħlief għall-parti ta' wara l-għonq, li jagħti fil-griż. Tlaqqat li ssib u tiekol l-iżjed ħlejjaq żgħar bħall-bebbux, bugħarwien, insetti kbar, ħniex, gremxul, kif ukoll ħxejjex bħal żrieragħ u frott. Fil-gżejjer tagħna ċ-Ċawla kienet tibni l-bejta f'Marzu. Il-bejta kienet tkun kemxejn goffa magħmula minn tiben, qasbija, ħuxlief, rix u xi drabi anki suf u xagħar. F'April kienet tbid minn erba' sa sitt bajdiet, ta' lewn ħadrani ċar b'tikek kannella. Skont l-ornitoloġista Ingliż Joseph Whitaker, li ppubblika *"Birds of Tunisia"* fl-1905, iċ-Ċawla kienet ġiet introdotta f'Tunis minn Malta, iżda ftit snin wara kienet inqerdet ukoll minn hemm.

Fortunatament, f'dawn l-aħħar snin beda jbejjet għasfur ġdid f'Malta – il-Gamiema tal-Kullar. Qabel din l-ispeċi kienet rari ħafna u xi kultant kienet tidher xi waħda f'pajjiżna. Din it-tajra bdiet tinxtered mill-Lvant lejn il-pajjiżi Ewropej fis-seklu li għadda. Fil-Gżejjer Maltin bdiet tidher ta' spiss mill-1999 'l hawn, iżda l-biċċa l-kbira kull waħda li tidher kienet tispiċċa fil-mira tal-kaċċaturi. Madankollu popolazzjoni żgħira

rabbiet il-post fl-inħawi ta' Santa Marija *Estate* fil-Mellieħa, fejn sas-sena 2003 ftit pari bdew ibejtu fis-siġar koniferi li jinstabu jikbru madwar il-vilel ta' l-inħawi. **Dan l-aħħar ftit pari ukoll stabbilixxew ruħhom f'Għawdex fis-siġar li jinstabu fl-inħawi tal-Ħamrija u Tal-Barmil, qrib ix-Xewkija. Iżda sfortunatament mhumhiex jingħataw ċans li jitkattru, u kien hemm diversi tentattivi minn x'uħud biex jaqbdu jew joqtlu dawn l-għasafar. Hija tassew ħasra li minħabba l-egoiżmu u n-nuqqas ta' edukazzjoni ta' xi wħud ma nħallux lil din it-tajra titkattar fil-Gżira ta' Għawdex.**

Il-Gamiema tal-Kullar (bl-Ingliż *'Collared Dove'* u xjentifikament *Streptopelia turtur*) hija mill-familja tal-Gamiem u tal-Ħamiem. Fiha daqs Gamiema u hija ta' kulur griż ċar ħafna, u tidher bajdanija meta ttir minħabba l-abjad li għandha fi ġwinħajha u f'denbha. F'għonqha għandha nofs kullar qasir iswed b'ġenb abjad. Għandha għajta għal kollox differenti mit-tbarqim tal-Gamiema u l-ħamiem domestiku. Ġeneralment tiekol billi tnaqqi mill-art, żrieragħ, insetti u dud ieħor

**Wieħed jispera li s-sens komun jirbaħ fuq l-injoranza u din it-tajra titħalla titkattar u ssir parti mill-wirt naturali tal-kampanja Għawdxija.**



*Gamiema tal-kullar - ritratt ta' Charles Gauci*

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



Kummentarju (4)



# Għawdex "Gżira Ekoloġika"!* Realtà jew Fantasija?

Kitba ta' **ALFRED GRECH LL.D.**

**Kien hawn min kiteb f'din ir-rivista dwar Għawdex bħala "Gżira Ekoloġika" u dana wara li hekk wiegħed il-programm elettorali tal-Partit Nazzjonalista u l-Prim Ministru Lawrence Gonzi. Iżda dan jaf x'qed jgħid? Għandu viżjoni realistika ta' dak li qed jipproġetta f'moħħu l-Gvern preżenti?**

Qabel xejn għandu jingħad li min faqqas l-idea ta' l-'*Eco-Gozo*' ma tantx studja u għamel riċerka dwar f'hiex kellha tikkonsisti din l-idea. Din kienet idea mqegħda silenzjożament fil-programm elettorali mingħajr ma saret la konsultazzjoni minn qabel u lanqas xi tip ta' riċerka xjentifika. Huwa xieraq li min faqqas din l-idea, li min qed jipprova jbiegħha, li min issa qed jirrepeti fil-kitba dak li ħabbar ta' fuqu, jgħidilna jekk f'xi żmien qabel il-pubblikazzjoni tal-programm elettorali tal-Partit Nazzjonalista sarx xi studju, saritx xi tip ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, u fuq kollox mal-poplu Għawdxi dwar l-idea li Għawdex isir Gżira Ekoloġika.

## *Il-governanza ta' Għawdex*

Li jista' jingħad huwa li fil-programm elettorali ta' kull partit, barra minn dak tal-Partit Nazzjonalista, s-sezzjoni dwar Għawdex kienet tinkludi parti sostanzjali dwar il-governanza ta' Għawdex, u ċioè dwar kif Għawdex tista' tingħatalu aktar awtonomija fit-tmexxija ta' dawk l-affarijiet li jikkonċernaw lilu. L-uniku programm elettorali li ma kien jgħid xejn dwar dan is-suġġett kien il-programm elettorali tal-Partit Nazzjonalista. Kien hemm min staqsa, u l-ewwel wieħed minnhom kont jien: "Ma tinteressahx lill-Partit Nazzjonalista, **it-tmexxija** tal-gżira Għawdxija?" Minflok, il-Partit Nazzjonalista ħareġ bl-idea tal-'*Eco-Gozo*', forsi biex jaljenana...



Fiż-żmien meta kien ippubblikat il-programm elettorali, li kieku kellek tistaqsi lil kull Għawdxi x'jifhem bl-idea ta' 'Għawdex gżira ekoloġika', stajt tibqa' ċert li, ħlief għal xi ftit li tgħoddhom fuq subgħajk ta' id waħda, ħadd ma kien jagħraf jagħtik risposta. Illum dan in-numru ma żdiedx. Ngħidlek li lanqas min faqqas l-idea u min ippropagaha ma kien jagħraf jirrispondik. Inkella għaliex issa ġie inawgurat l-hekk imsejjaħ "proċess ta' konsultazzjoni", li ma hu xejn għajr mod kif il-Gvern irid inaqqar l-ideat mingħand in-nies sabiex forsi jibni strateġija u jkun kredibbli...!?!

## *Ideat romantiċi*

Min jikteb dwar dan is-suġġett għandu jfissrilna li jrid ikollna gżira ekoloġika li trid tkun sostenibbli u dan billi jinżamm bilanċ bejn il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku. Jgħidilna wkoll li f'Għawdex hawn nies li jridu jgħixu din il-kwalità ta' ħajja. Jiena nistaqsi, xi kwalità ta' ħajja? Kwalità ta' ħajja ta' żmien in-nanniet, meta minflok il-vetturi kellek il-karettuni u l-karozzelli li ma kinux jaħarqu enerġija fossili, minflok il-muturi tal-ħart, kellek il-bhejjem, meta minflok il-makkinarju kellek l-imtieħen tar-riħ? Dakinhar kien hawn verament bilanċ bejn il-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku.

Dakinhar ma kienx hemm biża' ta' tniġġiż ta' l-ambjent bid-dħaħen għax l-enerġija kienet tar-riħ jew ta' l-annimal, il-*fuel* kien l-għalf u kien hemm riċiklaġġ stupend fl-iskart li kien iħalli l-ambjent li kien jintuża bħala fertilizzant għall-għelieqi li kienu l-fonti ta' l-ikel tal-bniedem kif ukoll għall-għalf tal-bhejjem – il-mutur industrijali ta' l-ekonomija.



Imma l-Għawdxin iridu jmorru mill-ġdid għal dawk iż-żminijiet? Jiena ċert li hawn min, iżda daqstant ieħor ċert li dawn mhumiex il-maġġoranza kbira. Irridu nagħmlu minn Għawdex presepju kbir u l-Għawdxin pasturi ta' fuqu?!

***Problemi reali***

Tiġini t-tentazzjoni naħseb li min jintilef f'ideat romantiċi u fantastiċi bħal dawn jiġrilu hekk mhux biss għaliex ikun xott mill-ideat, iżda agħar għaliex ikun irid jaħrab fil-fantasija bħala mezz ta' aljenazzjoni kemm għalih innifsu u kemm għalmin ikun qed isegwih. Ideat bħal dawn huma fid-dizzjunarju u fil-lingwaġġ marxista "l-oppju tal-folla".

Minflok ma wieħed joqgħod jinħela f'eżempji ipotetiċi li ma jeżistux, għaliex ma nindirizzawx problemi attwali u serji li qed jolqtu lill-Għawdxin kull xhin titla' x-xemx ta' filgħodu? Għaliex, per eżempju, f 'kuntest ta' ħarsien ta' l-ambjent, titjib ta' ħajja, iżda wkoll żvilupp sostenibbli, ma narawx kif se nsolvu l-problema ta' tant vetturi fit-toroq li mhumiex tajbin għalihom u qatt ma kienu ppjanati li jieħdu l-*behemoths* li jiċċirkolaw fihom? Għaliex ma nindirizzawx il-kwistjoni ta' żvilupp ekonomiku u industrijali mil-lat soċjali fejn Għawdex ma jibqax biss gżira fejn jirtiraw ix-xjuħ iżda minflok it-tfal tagħna jibdew jaspiraw u joħolmu li għandhom futur? Għaliex ma nindirizzawx b'mod serju u li jagħmel sens il-problema tat-turiżmu f'Għawdex, problema li kulħadd jitkellem dwarha iżda ħadd għadu ma jrid jqum min-ngħas? Għaliex ma nibdewx naħsbu wkoll dwar il-patrimonju storiku tagħna li qed jitħalla jitmermer minħabba nuqqas ta' kuxjenza l-ewwelnett, u mbagħad ukoll nuqqas ta' fondi?

Dawn huma verament il-kwistjonijiet li l-Għawdxi ta' kuljum imiss b'idejh, problemi reali ta' ekonomija, ambjent u soċjetà. Iżda dawn ikunu riżolti jekk Għawdex ikollu l-ewwel u qabel xejn tmexxija serja, mill-Għawdxin għall-Għawdxin, u 'l bogħod minn sistema ta' klijenteliżmu li taqdi l-ewwel l-interessi partikolari u mhux dawk ta' kulħadd. Meta nirriżolvu b'mod serju s-sistema tat-tmexxija, nistgħu mbagħad aħna l-Għawdxin, u mhux il-Maltin jew dawk li għandhom interessi patrimonjali kbar, nibdew nibnu l-pedamenti ta' żvilupp sostenibbli – żvilupp li jgawdu minnu l-ewwel u qabel kollox l-Għawdxin u n-nies li joqogħdu Għawdex, u mhux bil-maqlub.

***Infurzar tal-liġijiet***

Wieħed ma jistax ma jaqbilx li fejn jidħol Għawdex għandu jkun hemm infurzar tal-liġijiet li jikkonċernaw l-immaniġġar u l-ippjanar ta' fejn wieħed jista' jibni. Iżda l-Gvern f'dan il-qasam sab ruħu jsalpa bejn Xilla u Karibdi; sab ruħu maħkum bejn il-mostru li ħoloq hu stess li hija l-MEPA u l-bżonn li jirkupra l-kontroll li talinqas fl-apparenza jidher li ħarablu minn idejh. Għalhekk illum ħafna diskors fis-sens li din l-Awtorità trid terġa' ssir *accountable* għal dak id-dekasteru li taħtu taqa'. Iżda nista' nobsor li dan it-tinwiħ m'hu xejn ġenwin, għax mill-esperjenza ta' l-imgħoddi m'għandix għax nittama li l-istqarrijiet tal-politikanti huma ġenwini. Nista' nobsor li dan id-diskors m'hu xejn għajr skuża oħra biex jiġi rkuprat ċertu kontroll li ħarab minn taħt idejhom.

Imbagħad fejn jidħol Għawdex, trid tispiċċa darba għal dejjem is-sistema ta' klijenteliżmu fejn ħafna drabi min jiddetta x'isir ma jkunx it-tekniku iżda l-politiku jew dak li għandu s-saħħa tal-flus. U mhux bilfors li ma jitwettqux l-ordnijiet ta' infurzar ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar (f'dawk il-każi li jinħarġu)? U meta jkunu nfurzati, dan isir tard ħafna u dan meta, jew l-opinjoni pubblika jew interessi partikolari oħrajn ma jkunux jagħmluha possibbli li n-nuqqas jiġi sanat... u b'xi mod jew ieħor jinħafer! M'aħniex ngħixu fil-qamar!

Il-Partit Nazzjonalista jieħu l-premju li, matul iż-żmien li dam fil-gvern, il-poplu Malti u Għawdxi sar aktar konxju ta' l-ambjent. Iżda tqum il-mistoqsija: kien minħabba s-sistema aktar liberali fejn l-opinjoni pubblika sabet spazju



u għalhekk kibret il-kuxjenza favur l-ambjent, jew frott tal-ħniżrijiet li saru u li għadhom isiru f'dak li hu żvilupp?

***Sorsi alternattivi ta' enerġija***

U x'inhi din ta' l-"Eko-Għawdex" li jfisser sistema ta' ġenerazzjoni ta' enerġija bl-użu ta' sorsi alternattivi? Li kieku l-Gvern, taħt il-maskra ta' l-EneMalta, għandu xi forma ta' politika li tiffavorixxi l-ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva, kieku wieħed seta' b'xi mod jaspira li fil-futur mhux imbiegħed nistgħu nibdew verament nitkellmu bis-serjetà dwar ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva.

Iżda l-politika ta' dawn l-aħħar snin bl-ebda mod ma ffavoriet il-promozzjoni ta' dan it-tip ta' enerġija. Għaliex m'hawnx aktar imtieħen li jiġġeneraw l-elettriku? Għaliex fejn hemm sistema ta' enerġija solari *surplus* l-EneMalta teżiġiha irħas milli tbiegħu? Għax wara kollox anke l-istrutturi meħtieġa biex tiġġenera dan it-tip ta' enerġija jkerrħu l-ambjent u qajla ssib l-approvazzjoni tal-MEPA u ta' dawk li jippridkaw favur l-ambjent. Billi nirrepetu u nirriċiklaw dak li naqraw u nisimgħu minn fonti uffiċjali (li wara kollox jgħidu biss dak li jaqblilhon) ma nkunu nagħmlu ebda pass konkret lejn dak li qed nistqarru.

***Il-biedja***

Fil-qasam tal-biedja, min jitkellem dwar l-agrikultura organika ma jafx x'inhu jgħid. Nistiednu jitkellem ma' ftit bdiewa Għawdxin li fadal u jara kemm dan hu possibbli. Dan jista' jsir jekk nerġgħu lura għas-sistemi primittivi u nagħmlu 'l Għawdex presepju u aħna l-pasturi. Dan it-tip ta' xenarju jista' jgħin ukoll għat-turiżmu li jiġi lejn pajjiżna, għaliex f'dak l-istat tassew primittiv l-Għawdxin isiru attrazzjoni unika turistika. Imma dan mhux ħlief ħolm!

Jien għadni rrid nkun naf xi jfisser "pjan integrat għall-immaniġġar ta' l-ilma u riżorsi naturali oħra". L-istorja turina li kull amministrazzjoni li kellna aktar sabitha faċli u komda li tonfoq flus il-poplu f'bini ta' desalinaturi u l-ħala ta' enerġija minn sorsi fossili, milli tipprova tiġbor dak l-ilma tax-xita li n-natura tibgħatilna. Biex ma nsemmux il-ġbid ta' l-ilma minn taħt l-art li qed jgħarraq il-kwalità ta l-*acquifiers* u l-irrigazzjoni llegali kontinwa u bla rażan. Mhux aktar fattibbli li nikkontrollaw dan it-tip ta' ħsara u niġbru dak li kontinwament qed jintilef, milli nniedu konċetti li jdoqqu sabiħ iżda li ma jfissru xejn bħal "pjan integrat għall-immaniġġar ta' l-ilma"?!?

Lil Għawdex ilna ngħidu li rridu nagħmluh forma ta' mudell. Iżda sal-lum l-uniku mudell li kien huwa dak ta' gżira mitluqa fil-periferija ta' l-attività ta' dawn il-gżejjer. Ma nafx x'irid ikun biex iġiegħel lill-Għawdxin jemmnu mod ieħor. Li hu żgur hu, li min nieda din l-idea ta' 'Eko-Għawdex' lanqas hu stess ma jaf x'irid. Inkella għaliex intbagħat f'kull dar fuljett li jinkludi formola biex dak li jkun jibgħat lura s-suġġerimenti tiegħu?! Min jaf x'irid, għas-suġġerimenti ma jistaqsix!

**✻ Nota Editorjali**

*Is-suġġett tal-"Eko-Għawdex" huwa żgur ta' interess ġenerali għall-Għawdxin kollha, favur jew kontra. Ir-Rivista tagħna hija interessata li tqanqal diskussjoni miftuħa dwar dan is-suġġett għax jolqot profondament il-ġejjieni ta' Għawdex. Għalhekk nistiednu lill-qarrejja tagħna jagħtuna l-fehmiet tagħhom, favur jew kontra.*

*Bħala rivista politikament indipendenti, "Il-Ħajja f'Għawdex" tilqa' u tirrispetta l-fehmiet ta' kulħadd, basta jkunu oġġettivi u onesti. Kontribuzzjonijiet anonimi jew b'isem fittizju ma jiġux ippubblikati.*

**Id-Direzzjoni**


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fis-Sajf fil-għodu biss: 10.00am - 1.00pm*





*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*

# *Qed titrawwem ġenerazzjoni ta' atturi bravi fost iż-żgħażagħ*

# *IT-TEATRU GĦAWDXI*



*Joseph W. Psaila jintervista lil George Mizzi, fundatur tal-'Gozo Creative Theatre Club'*

**George Mizzi huwa għalliem tad-Drama fl-iskejjel governattivi ta' Għawdex, għalliem tal-i*Stage Coach*, membru tan-*National Operatic & Dramatic Association* u ta' l-*Association of British Theatre Technicians*. Huwa ta kontribut kbir fil-qasam teatrali Għawdxi u llum huwa diurettur artistiku u fundatur tal-*Gozo Creative Theatre Club*.**

L-INTERVISTA

***George, fissrilna x'inhu t-teatru?***

Il-kelma "teatru" ġejja mill-Grieg "*theatron*", li tfisser post fejn wieħed jara u jisma'. Fl-istess waqt il-kelma "teatru" hija fergħa ta' arti fiha nfisha, sempliċiment definizjoni ta' x'jiġri meta wieħed jew uħud iżolati fil-ħin u spazju, jippreżentaw lilhom infushom bħala atturi quddiem oħrajn bħala spettaturi. F'tifsira aktar wiesgħa, it-teatru ilu jeżisti sa miż-żerniq tal-bniedem, riżultat tat-tendenza bħala rakkont ta' ġrajja. Mit-twelid tiegħu, t-teatru ħa sura f'diversi forom u ta' sikwit għamel użu ta' elementi diversi bħad-diskors, ġesti, mużika, żfin u spettaklu, li jekk tgħaqqadhom flimkien tifforma l-arti viżwali artistika.

***Illum id-drama hija speċjalizzazzjoni ta' studju fl-universitajiet. Fost id-diversi fergħat ta' dan l-istudju hemm il-filosofija teatrali. X'tgħidilna dwarha?***

Teżisti varjetà kbira ta' filosofija fuq proċessi artistiċi u l-aċċessibbiltà tal-kreazzjoni diversa ta' xogħol teatrali. Hemm dawk marbuta mas-satira, politika jew ideoloġiji spiritwali u oħrajn ibbażati fuq ir-relazzjonijiet umani. X'uħud jittrattaw il-proċess ta' l-istorja bbażata fuq esperjenza personali, u oħrajn jiffokaw fuq il-karattri individwali jew kollettiva biex jaslu għall-messaġġ meħtieġ ta' kambjament. Il-filosofu Grieg Aristotele, fil-*Poetics* jirriferi għal sitt elementi neċessarji għat-teatru: il-komplott, il-karattru, l-idea, il-lingwa, il-mużika u l-ispettaklu. Id-drammaturgu Spanjol Lope de Vega kiteb li għat-teatru għandek bżonn tliet tabelli, żewġ atturi u wieħed ippassjonat. Hemm oħrajn li baqgħu msemmija għall-kontribut filosofiku



*George Mizzi jidderieġi l-play "Confusions" f'Ottubru 2006*



*Xena minn "In Holland Stands a House" fi Frar 2007*

tagħhom bħal Kostantin Stanislavski, Antonin Artaud, Berthold Brecht, Orson Welles, Peter Brook u Jerzy Grotowski.

X'uħud jargumentaw li l-attur għandu jitħarreġ f'dak kollu li jkun qed jiġi mgħallem mid-diversi metodi teatrali biex hekk jipperfezzjona s-sengħa tiegħu. Però t-teatru jibqa' dak il-*medium* li jgħaqqad diversi individwi ta' sengħa u arti diversa f'familja waħda, li bil-kollaborazzjoni tagħhom tiġi kkreata l-arti viżiva.

***Hemm diversi tipi ta' teatru?***

Matul iż-żmien kienu żviluppati diversi tipi ta' teatru. Fid-drama l-kelma miktuba hija l-iżjed element importanti. L-għan prinċipali tat-teatru politiku hu li jeduka lill-udjenza fuq kwistjonijiet u avvenimenti kurrenti. Tipi nsibu diversi, bħat-teatru ta' l-assurd, it-teatru tal-krudiltà, it-teatru mużikali, dak epiku u dak klassiku, u t-teatru operistiku.

***Matul is-snin, seħħ f'Għawdex żvilupp teatrali?***

Hekk hu. Propju fil-gżira tagħna kienet ilha tinħass il-ħtieġa ta' teatru alternattiv. Sa issa konna mdorrijin bit-teatru tas-sala parrokkjali fejn in-nies kienet issib lit-teatru bħala ħarġa u divertiment għall-familja. Però llum it-teatru mhux qiegħed hemm biex xi ħadd iqatta' ftit tal-ħin għax m'għandux fejn imur iżjed. Barra minn hekk, l-atturi żgħażagħ u anzjani li għandna f'Għawdex huma ta' kalibru. Biżżejjed insemmi l-eżamijiet tal-LAMDA (*London Academy of Music and Dramatic Art*), li fihom ta' kull sena l-kandidati kollha jgħaddu b'*high merit* u *distinction*. Għalhekk dan l-aħħar f'Għawdex bdiet il-għaqda esperimentali '*Gozo Creative Theatre Club*'.

***George, inti fundatur ta' dan it-"Theatre Club". F'liema oqsma se tesperimentaw?***

Din hi għaqda ffurmata minn grupp ta' atturi. Qegħdin nagħżlu u ndaħħlu fir-repertorju teatrali tagħna *plays* li għandhom leħen, messaġġ u jekk hemm bżonn nitfa satira ukoll, għaliex le. Ma rridux ninsew li l-ingredjenti prinċipali li naraw fit-teatru huma magħġunin minn dak kollu li jkun madwarna bħall-inġustizzja, il-vjolenza, l-idolatrija, razziżmu u krudiltà f'soċjetà li suppost hija moderna u ma jonqosha xejn. Il-mod kif nippreżentaw it-teatru tagħna huwa sperimentali, jiġifieri kissirna dak kollu li huwa tradizzjonali u qed nipprovaw inkunu realistiċi kemm jista' jkun sabiex l-ispettatur iħossu parti mill-*play* stess. Jiena nemmen li ma għandi nibża' qatt meta nkun qed nuri l-verità anki jekk forsi nidher ikrah f'għajnejn x'uħud. Il-ġenerazzjoni tal-lum mhix qed tgħix ir-realtà iżda hija maħkuma minn konsumiżmu sfrenat. Bit-teatru nipprovaw nuruhom li l-bniedem, għalkemm igawdi l-ikbar don li tah Alla – l-intellett – kultant isir agħar minn animal li għandu biss l-istint.

Illum l-għaqda tagħna għandha 'l fuq minn tletin membru adulti u mal-ħamsin membru żgħażagħ. Fil-waqt li nagħmlu użu tajjeb mill-ħin liberu tagħna, inkunu nitgħallmu u nippruvaw inwasslu l-messaġġ tal-*play* li nkunu qed naħdmu fuqha. Dawn huma *plays* kontemporanji li qed jinħadmu professjonalment barra minn Malta. Għal dan l-istaġun teatrali l-*Gozo Creative Theatre Club* sejjer jibda bil-*comedy play* ta' Neil Simon fuq rakkonti ta' Anton Chekhov, *The Good Doctor*. Aħna fiduċjużi li tirnexxi.

**Errata Corrige:**

***Fl-5ntervista bl-isem "Be Prepared" li saret lil Joe Grech fil-ħarġa ta' Awwissu-Settembru, paġna 24. il-kelmiet "civil guides" għandhom jinqraw "girl guides".***

***Id-Direzzjoni***

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

*Ibża' għal Saħħtek*

# Modi kif tnaqqas ir-riskju tal-kanser



*minn* DR MARIO SALIBA MD MMCFD

**Il-mard tal-kanser huwa wieħed mill-aktar mard komuni. Kważi 50% mill-imwiet huma kkaġunati mill-kanser. Wieħed minn kull tlett persuni għandu kanser. Kull persuna għandha ġo fija numri ta' ċelluli tal-kanser. Dawn iċ-ċelluli tal-kanser huma moħbija u ma hawnx testijiet sensittivi biżżejjed biex jittendu bihom sakemm jimmultiplikaw u jsiru biljuni meta jkun tard wisq biex tikkontrollahom. Meta pazjent jingħata l-kemoterapija jew ir-raġġi kontra l-kanser, mhux iċ-ċelluli kollha tal-kanser ikunu nqatlu u għalhekk wara ċertu żmien il-kanser jerġa' jitfaċċa. F'ħafna każijiet hu diffiċli li toqtol iċ-ċelluli kollha tal-kanser. Barra minhekk, jinqatlu ħafna ċelluli oħra tajbin u għalhekk wara kors ta' raġġi jew kemoterapija l-pazjent iħossu għajjien ħafna.**

Din il-mewġa ta' ċelluli tal-kanser biex insejħulha hekk titfaċċa fil-bniedem madwar sitta jew għaxar darbiet matul ħajtu, skond kemm għandu żmien. Meta l-ġisem tal-bniedem ikun qed jiffunzjona tajjeb ikun kapaċi joqtol dawn iċ-ċelluli kollha, mingħajr ma jħallihom joħolqu ħsara fil-ġisem billi jimmultiplikaw u jiffurmaw tumuri.

Meta persuna jkollha kanser ifisser li minħabba xi raġuni jew oħra l-ġisem ma jkunx jista' jikkontrolla dawn iċ-ċelluli u dawn jimmultiplikaw. Ir-raġunijiet li minħabba fihom jista' jiġri hekk huma nuqqas ta' nutrimenti fid-dieta jew dieta ħażina. Jista' jkun hemm ukoll fatturi ambjentali bħal tniġġiż tal-arja jew tal-ilma, addittivi fl-ikel proċessat, l-istil ta' ħajja li ngħixu bħal nuqqas ta' eżerċizzju, tipjip u t-tip ta' ikel li nieklu. Iżda fl-aħħar u mhux lanqas ikun hemm ukoll fatturi ġenetiċi u ġeneriċi. Uħud minn dawn il-fatturi nistgħu nikkontrollawhom jew neliminawhom; imma fatturi ta' ġenetika ma nistgħu nagħmlu xejn għalissa, għalkemm 'il quddiem jista' jsir xi ħaġa f'dan ir-rigward permezz tal-mediċina bio-ġenetika. Wieħed jista' jieqaf milli jpejjep, jagħmel iktar eżerċizzju, jiekol ikel bnin, u inqas xaħmijiet, zokkor u laħmijiet. B'hekk ikun isaħħaħ is-sistema immunitarja. Meta ma nkunux nieklu tajjeb inkunu ngħabbu s-sistema tagħna b'ħafna tossiċi li jikkompromettu s-sistema immunitarja u jissoġġettawna għal iktar mard, infezzjonijiet u żvilupp tal-kanser.

**Mod effettiv kif toqtol iċ-ċelluli tal-kanser huwa billi ma tagħtihomx 'sustanzi' biex jikbru u jimmultiplikaw. Dan jista' jsir billi tneħħi mid-dieta dawk l-affarijiet li jipprovdu dawn is-sustanzi. Iz-zokkor huwa l-iktar oġġett li jipprovdi sustanzi għaċ-ċelluli taz-zokkor. Meta neliminaw iz-zokkor mid-dieta tagħna inkunu qed innaqqsu r-riskju tal-kanser kif ukoll, kif jaf kulħadd ir-riskju tal-marda tad-*diabete*. Sustanzi oħra li nużaw flok iz-zokkor bħal *NutraSweet*, *Equal*, *Spoonful*, eċċ. huma magħmulin minn *aspartame*, li huwa ukoll ta' ħsara għas-saħħa.** Min irid juża z-zokkor għax ma jgħaddix mingħajru jista' jieħu ftit għasel verġni. **Anke ħafna melħ huwa ħażin speċjalment għal min għandu l-pressjoni u l-mard tal-qalb, iżda min irid juża xi ftit melħ l-aħjar huwa l-melħ tal-baħar, li f'Għawdex għandna ħafna minnu.** Kemm jista' jkun għandna nevitaw melħ proċessat jew prodotti oħrajn sostituti tal-melħ, bħal *low salt.* Dawn jista' jkollhom addittivi miżjuda magħhom.

Il-ħalib u prodotti magħmula mill-ħalib jipproduċu *mukus* fil-musrana u dan il-*mukus* fih sustanzi li jieklu minnu ċ-ċelluli tal-kanser. Il-ħalib magħmul mis-*soya* huwa l-aħjar alternattiva għall-ħalib. Kulħadd jaf li hawn min ma jħobbx il-ħalib jew li ġismu ma jittollerax il-ħalib. Għal dawn, il-problemi li jista' jkun hemm bil-ħalib huma solvuti ġaladarba ma jieħdux ħalib. Imma għal min iħobb il-ħalib, ammont ta' ħalib moderat jew xkumat mhux ser jagħmel ħsara.







Iċ-ċelluli tal-kanser jgħixu f'ambjent aċidiku u għalhekk dieta bbażata fuq laħmijiet aħmar bħaċ-ċanga u l-majjal jipproduċu ħafna aċidu, filwaqt li dieta bbażata fuq il-ħut u laħam abjad ma jipproduċux ambjent aċiduż li huwa ideali biex iċ-ċelluli tal-kanser jirroproduċu. Barraminhekk, il-laħam fih numru ta' antibiotiċi, ormoni u parassiti li kollha jagħmlu l-ħsara lis-saħħa tal-bniedem speċjalment lil nies li ġa għandhom xi kanser. Il-proteini tal-laħam huma diffiċli biex il-ġisem ikissirhom u numru minnhom jibqgħu fl-imsaren, jitħassru u jipproduċu numru ta' veleni. Billi nevitaw milli nieklu ħafna laħmijiet, il-ġisem ikollu iktar enżemi biex joqtol iċ-ċelluli tal-kanser.

**Dieta li 80% minnha tikkonsisti minn ħaxix frisk, qamħ, żerriegħa, ġewż u frott tipproduċi fil-ġisem ambjent alkalinuż; 20% l-oħra jiġu minn ikel msajjar. Il-frott frisk jipprovdi numru ta' enżemi li huma importanti ħafna għall-funzjonijiet li għandhom id-diversi ċelluli tal-ġisem. Għalhekk tajjeb li wieħed jixrob meraq frisk tal-frott u jiekol ħaxix frisk u maħsul sew. Ta' min igħid li l-enżemi tant importanti jinqerdu jekk il-ħaxix nsajruh f'temperatura ta' iktar minn 40 grad Ċ. Ħafna kafejiet, tejiet u ċikkulata huma ħżiena.** Iżda b'daqshekk kafè jew tè kuljum mhux ser jagħmel ħsara. It-tè aħdar jew kamomilla huma l-aħjar, iżda l-aqwa huwa l-ilma naturali (mhux tal-vit).

Fl-aħħarnett, il-kanser jiddependi minnkemm is-sistema immunitarja tal-ġisem tkun qegħda taħdem tajjeb biex tkun tista' tikkumbatti kontra ċ-ċelluli li jikkawżaw il-kanser. **Ir-rabja u t-tensjoni kontinwa jikkawżaw livell għoli ta' kortison u sustanzi oħra li jistgħu jikkontribwixxu biex iġibu l-kanser. Għalhekk huwa importanti li ngħixu kemm jista' jkun kalmi, trankwilli u rilassati.** Għalhekk irridu nagħrfu ngħixu sewwa u mhux ħajjitna l-ħin kollu stress u xogħol. HEMM IL-ĦIN GĦAL KOLLOX.

Wara li għidna dan kollu ma rridx nagħti l-impressjoni li jekk nsegwu dak kollu li għidna żgur li mhux ser nimirdu bil-kanser. Il-kanser jiddependi minn ħafna fatturi. Hemm tipi differenti ta' kanser li ftit nafu fuqhom. Il-marda tal-kanser ma taħfirha lil ħadd, la lit-tfal, la lill-kbar, la liż-żgħar, la lill-fqir u lanqas lis-sinjur u lanqas lilna t-tobba. Dawn huma biss gwida kif ngħixu aħjar jiġri x'jiġri. Imbagħad inħallu f'idejn Alla.

**Nota: L-indirizz elettroniku tat-tabib Saliba huwa: mariosaliba@gmail.com**






MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX *minn* **Joe Bajada**



# L-IBBURDJAR F'GĦAWDEX
## Attivitajiet mill-"Imperial Gozo Yacht Club"

L-attivitajiet tal-baħar f'Għawdex huma wkoll organizzati minkejja l-limitazzjonijiet kollha li niffaċċjaw wiċċna magħhom. Bħal kull Għaqda jew Klabb sportiv ieħor Għawdxi, l-ikbar problemi li jiffaċċjaw huma dawk finanzjarji, kif ukoll dawk ta' nuqqas ta' ċerti faċilitajiet. Wieħed minn dawn il-klabbs Għawdxin li jorganizzaw l-isport tal-baħar huma l-*Imperial Gozo Yacht Club* (IGYC) li f'Awwissu ta' sentejn ilu rnexxielhom jissuperaw ostaklu kbir meta mhux biss kienu kapaċi jiffurmaw dan il-klabb ġdid, iżda saħansitra fetħu uffiċjalment il-*premises* tagħhom fl-Imġarr, f'Għajnsielem. L-għan ewlieni fil-ħolqien ta' dan il-klabb kien u għadu li jorganizza attivitajiet sportivi u servizzi għall-membri, dak li jqajjem kuxjenza dwar il-wirt storiku marittimu Għawdxi, kif ukoll li jirrappreżenta l-interessi tal-membri f'kull aspett li għandu x'jaqsam mal-baħar.

Huma ħafna li jisimgħu l-kelma '*yacht*', fejn jifhmu biha xi dgħajsa mdaqqsa bil-qlugħ, jew inkella xi vapurett lussuż. Imma l-kelma '*yacht*' lanqas hi kelma Ingliża, din ġejja mill-Olandiż, li sempliċiment tfisser kull dgħajsa użata għal pjaċir u rikreazzjoni, jiġifieri oppost għal dgħajjes tax-xogħol u biċċiet tal-baħar kummerċjali. Għalhekk dan l-*Imperial Gozo Yacht Club* fih membri li għandhom tipi differenti ta' qxur tal-baħar, kemm tal-qlugħ, laneċ kbar u żgħar, kif wkoll dgħajjes oħrajn. Barra minhekk għalkemm hu primarjament għal dawk li għandhom xi lanċa jew dgħajsa tal-qlugħ, il-klabb jilqa' fih lil kull min għandu interess fl-attivitajiet tal-baħar. Kienu ħafna li raw l-utilità ta' klabb bħal dan ġo Għawdex, għaliex apparti mill-*yacht clubs* l-oħra anke f'Malta, ma kinetx teżisti organizzazzjoni ta' dan it-tip u għalhekk il-klabb kiber ġmielu fi żmien qasir, b'50 membru jissieħbu xaharejn biss wara li twaqqaf u dan l-aħħar qabeż il-mitt membru affiljat miegħu.

Il-klabb sa issa qed jorganizza żewġ attivitajiet fis-sena b'temi ta' sigurtà u attenzjoni fuq il-baħar, u qed jorganizza wkoll lezzjonijiet għal kwalifiki, kif ukoll liċenzji tas-sewqan fuq il-baħar u ibburdjar. Jekk il-klabb ikollu suċċess li jakkwista iżjed faċilitajiet ġo l-Mġarr, hemm pjanijiet li jibdew lezzjonijiet tal-ibburdjar għat-tfal.

F'dan iż-żmien rilattivament qasir mit-twaqqif tiegħu, l-klabb diġà organizza diversi attivitajiet kemm sportivi kif ukoll soċjali għall-membri kif wkoll għall-pubbliku inġenerali. Dan il-klabb Għawdxi jorganizza tlielaq tad-dgħajjes bil-qlugħ, l-isport tal-ibburdjar ta' żewġ kategoriji, dawk għal *dinghies* żgħar tat-tip '*Laser*' - li hu *dinghy* bil-qlugħ ta' madwar 12-il pied, kif wkoll regatta għall-jottijiet il-kbar bil-qlugħ. Għal '*Lasers*', l-avveniment annwali hu sponsorjat mill-Kunsill Lokali ta' Għanjsielem u jikkonsisti fi tlielaq li jibdew mix-Xatt l-Aħmar u jkomplu jew għal madwar Kemmunet jew inkella madwar il-Ġebla ta' l-Mġarr ix-Xini, u dan isir skond ir-riħ. Ir-regatta ewlenija tal-klabb għall-jottijiet tal-qlugħ tkun organizzata fuq żewġ tlielaq. L-ewwel waħda ssir għall-aħħar ta' Awwissu u l-oħra għal nofs Settembru. Din il-kompetizzjoni hija għat-Tazza G2-*Sagra Famiglia* li hi msemmija għad-dgħajsa tal-pass b'dak l-isem u kienet irregalata lil klabb, b'tifkira ta' wieħed mill-padruni oriġinali ta' dik id-dgħajsa.

Saret ukoll tellieqa tal-klabb bħala tim, għat-Tazza *Barbarossa*, sponsorjata mis-sidien ta' *Barbarossa Cruises*, kontra tim mill-*Vikings Sailing Club* ta' Malta li jiġu jżuru x-Xatt ta' l-Mġarr fi żmien l-Għid. Din is-sena żdiedet kompetizzjoni oħra li ser tibda tkun fuq bażi annwali, regatta għat-Tazza *Gleneagles* li ġiet mgħotija lil klabb mis-sidien tal-*Gleneagles Bar* ta' l-Mġarr. Għalkemm l-isport tal-ibburdjar mhux wieħed li jattira ħafna spettaturi, l-bidu ta' tellieqa dejjem ikun spettakolari b'numru ta' dgħajjes jimmanuvraw għall-aħjar pożizzjonijiet, u għalhekk il-klabb jistieden lill kull min hu interessat biex josserva t-tlielaq li jitilqu mix-Xatt l-Aħmar, mill-post fit-tarf taħt Forti *Chambray*, li tidħol għalih minn ħdejn l-istitut ta' San Ġużepp. Bla dubju l-aktar avveniment importanti għall-klabb kien il-ftuħ tal-*premises* fl-Mġarr. F'inqas minn sena minn meta ġie ffurmat dan il-klabb, il-kumitat irnexxielu jakkwista l-użu tal-parti żgħira mill-bini tal-magna tal-ilma ġox-Xatt. Wara rinovazzjoni bl-għajnuna ta' donazzjonijiet mill-membri, l-post infetaħ f'Ottubru tat-2007. Dan il-post intuża għall-wirja ta' dgħajjes tradizzjonali ta' Għawdex li l-klabb organizza f'Diċembru 2007. Din kienet ta' suċċess kbir billi kienet tikkonsisti f'mudelli tad-dgħajjes tal-pass li l-biċċa l-kbira qatt ma kienu ħarġu mid-djar ta' sidhom. Barra minn hekk fix-Xatt dakinhar kien hemm attrazzjoni li ilha ma tidher għal għexiren ta' snin, fejn waħda minn kull tip ta' dgħajsa tradizzjonali Għawdxija (frejgatina, frejgatina bil-kurtuni, kajjikk, firilla, luzzu, u dgħajsa tal-pass/latini) kienu armati bil-qlugħ u miġbura madwar il-moll tas-sajjieda biex ikunu jistgħu jitgawdew minn kulhadd. Bl-istess tema, dan l-aħħar l-*Imperial Gozo Yacht Club* organizza wkoll wirja ta' mudelli ta' jottijiet tat-tlielaq fil-każin tal-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem, u hemm il-ħsieb li kull sena ssir wirja ta' dan it-tip, b'dik li jmiss ser tkun wirja ta' mudelli ta' bastimenti antiki tal-qlugħ.



# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*













## 13. TA' SANNAT

*Ir-raħal ta' Sannat imperreċ fl-għoli*
*Imħaddan mis-sisien ta' Ċenċ għoljin,*
*Mix-Xagħra l-Kbira art fejn kull qdumija*
*Turi l-istorja kbira tal-Għawdxin.*

*Hemm id-Dura tal-Mara, fdal ta' Maqdes,*
*Dolmen, ħitan tal-qawwi u fdalijiet,*
*Xhieda mill-aktar ċara li l-ġens Għawdxi*
*Issawwar minn għadd ta' ċiviltajiet.*

*Fuq wiċċ il-blat jidhru wkoll il-kalati,*
*Blat kollu ħxejjex slavaġ jarmu l-fwieħa,*
*Wied is-Sabbar, Kantra ta' Mġarr ix-Xini,*
*U kulfejn tħares dehra wisq sabiħa.*

*Jismu l-palazz ta' Ċenċ Palazz Palina,*
*Ħdejh il-lukanda, aqwa minn prima klassi,*
*Ġibjuni kbar, imħażen dawn ta' l-ilma,*
*Jidhru lil hemm imnasab, xbieki u nassi.*

*F'xi rokna ssib iddaħħan il-kalkara,*
*Dari kienu jgħidulha forn il-ġir,*
*Il-ġebel tas-sekonda bħal dqiq abjad*
*Bin-nar iħeġġeġ fi ftit żmien isir.*

*Mit-tempju f'nofs ir-raħal Margerita*
*Tħares lis-Sannatin minn kull tiġrib,*
*Kull sena festa kbira mbagħ'd jagħmlulha,*
*U jiġu s-Sannatin mill-bogħod u l-qrib...*

# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade

## DJAMANTI LI MA JLEQQUX... IMMA KIENU JAQDUNA!



Par Ħmir



Par Mogħoż


MISSJONI DJOĊESANA GĦAWDEX 2008 2009
Djoċesi ta' Għawdex
SENA PAWLINA
Missjoni Djoċesana
Għawdex 2008 - 2009
Quddiesa tal-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana
Il-Ġimgħa,
10 ta' Ottubru 2008, 6.00pm
Pjazza ta' quddiem il-knisja, Munxar
(F'każ ta' maltemp il-quddiesa ssir fil-Knisja Parrokjali tax-Xewkija)
Il-Ġrajja ta' Damasku. Manuskritt, Bibljoteka Apostolika Vatikana. Kod. Vat. gr. 699, f. 83v.
"L-imħabba ta' Kristu ssuqna"
(2 Kor 5,14)
gozopress